ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 15

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 52

20 ta' Jannar 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar statistika li tittratta l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet vetturi finanzjarji nvoluti f' tranżazzjonijiet ta' securitisation (BĊE/2008/30)** ........ 1

★ **Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (Riformulazzjoni) (BĊE/2008/32)** ........ 14

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

2

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (KE) Nru 24/2009 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tad-19 ta' Diċembru 2008**

**dwar statistika li tittratta l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet vetturi finanzjarji nvoluti f' tranżazzjonijiet ta' securitisation**

***(BĊE/2008/30)***

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 5,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 jipprovdi fl-Artikolu 2(1) li, biex l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jiġu sodisfatti, il-BĊE, assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għandu d-dritt jiġbor informazzjoni statistika fi ħdan il-limiti tal-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza u ta' dak li jinħtieġ biex iwettaq il-ħidmiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). Isegwi mill-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 li korporazzjonijiet vetturi finanzjarji nvoluti f'tranżazzjonijiet ta' *securitisation* (FVCs) jiffurmaw parti mill-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza għall-finijiet biex jissodisfaw l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-BĊE, *inter alia*, fil-qasam ta' l-istatistika monetarja u finanzjarja. Barra minn dan, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jeħtieġ lill-BĊE biex jispeċifika l-popolazzjoni attwali ta' rappurtar fi ħdan il-limiti tal-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza, u jintitolah, biex jeżenta għal kollox jew parzjalment, klassijiet speċifiċi ta' aġenti ta' rappurtar mill-obbligi tiegħu ta' rappurtar ta' statistika.

(2) L-iskop ta' data ta' FVC huwa li l-BĊE jingħata statistika adegwata dwar l-attivitajiet finanzjarji tas-subsettur tal-FVC fl-Istati Membri parteċipanti, li jitqiesu bħala territorju ekonomiku.

(3) Minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn l-attivitajiet tas-*securitisation* ta' FVCs u istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs), jinħtieġ rappurtar konsistenti, kumplimentari w integrat ta' IFMi u FVCs. Għalhekk, l-informazzjoni statistika mogħtija skond dan ir-Regolament għandha titqies flimkien ma' l-obbligi tad-data għall-IFMi dwar self *securitised*, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (ifformulat mill-ġdid) ([2]) (BĊE/2008/32).

(4) Il-metodu ta' rappurtar integrat tal-FVCs u IFMi u d-derogi mogħtija f'dan ir-Regolament jimmiraw biex inaqqsu l-piż tar-rappurtar għal aġenti ta' rappurtar u biex jevitaw rappurtar doppju fir-rappurtar ta' informazzjoni statistika minn FVCs u IFMi.

(5) Il-BĊNi għandu jkun intitolat jeżenta FVCs mill-obbligi ta' rappurtar li joħolqu spejjeż għolja mhux ġġustifikati meta mqabbla mal-benefiċċju statistiku tagħhom.

(6) Minkejja li r-regolamenti adottati skond l-Artikolu 34.1 ta' l-Istatut tas-SEBĊ ma jagħtu l-ebda dritt jew ma jimponu l-ebda obbligu fuq Stati Membri mhux parteċipanti, l-Artikolu 5 ta' l-Istatut tas-SEBĊ japplika għall-Istati Membri kollha, irrispettivament ta' jekk ikunux adottaw l-euro jew le. Ir-recital 17 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jagħmilha ċara li l-Artikolu 5 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, flimkien ma' l-Artikolu 10 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea, jimplika obbligu biex jiġu ddisinjati w implimentati fuq livell nazzjonali l-miżuri kollha li l-Istati Membri mhux

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

([2]) Ara paġna 14 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

parteċipanti jqisu xierqa biex jiġbru l-informazzjoni statistika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-BĊE u biex jagħmlu preparazzjonijiet fil-ħin fil-qasam ta' l-istatistika biex isiru Stati Membri parteċipanti.

(7) Ir-reġim tas-sanzjonijiet tal-BĊE stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 japplika għall-FVCs,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "FVC" tfisser impriża li hija kostitwita skond il-liġi nazzjonali jew tal-Komunita' skond waħda minn dawn li ġejjin:

   (i) il-liġi tal-kuntratti bħala fond komuni mmaniġġjat minn kumpaniji ta' l-immaniġġjar;

   (ii) liġi tat-*trusts*;

   (iii) il-liġi tal-kumpanija bħala kumpanija pubblika jew privata llimitata;

   (iv) kull mekkaniżmu simili ieħor.

   u li l-attivita' prinċipali tagħha tissodisfa t-tnejn mill-kriterji li ġejjin:

   (a) l-għan tagħha hu li twettaq tranżazzjoni waħda jew iżjed ta' *securitisation* u hija iżolata mir-riskju ta' falliment jew kull nuqqas ieħor ta' l-oriġinatur; u

   (b) toħroġ, jew tippjana li toħroġ, titoli, unitajiet ta' fond ta' *securitisation*, strumenti oħra ta' dejn u/jew derivattivi finanzjarji u/jew hija legalment jew ekonomikament is-sid, jew tista' tkun is-sid, ta' attiv wara l-ħarġa ta' titoli, unitajiet ta' fond ta' *securitisation*, strumenti oħra ta' dejn u/jew derivattivi finanzjari li huma offruti għall-bejgħ lill-pubbliku jew mibjugħa skond il-bażi ta' *placements* privati; u

   L-ebda minn dawn li ġejjin m'hu inkluż fid-definizzjoni ta' FVC:

   — IFMi ġewwa t-tifsira ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32),

   — Fondi ta' investiment (IFs) ġewwa t-tifsira ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru …/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Lulju 2007 dwar statistika li tittratta l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2007/8) ([1]);

2. "*securitisation*" tfisser tranżazzjoni jew skema fejn attiv jew ġabra ta' attiv ittrasferit lil entita' li hija separata mill-oriġinatur u li hija maħluqa biex jew isservi l-iskop tas-*securitisation* u/jew ir-riskju ta' kreditu ta' attiv jew ta' ġabra ta' attiv, jew parti minnhom, jiġi ttrasferit lill-investituri fit-titoli, unitajiet ta' fond ta' *securitisation*, strumenti oħra ta' dejn u/jew derivattivi finanzjarji maħruġa minn entita' li hija separata mill-oriġinatur u li hija maħluqa biex jew isservi l-iskop tas-*securitisation*, u:

   (a) fil-każ ta' trasferiment ta' riskju ta' kreditu, it-trasferiment jintlaħaq:

   — it-trasferiment ekonomiku ta' dan l-attiv li jkun qed jiġi *securitised* lil entita' separata mill-oriġinatur u li hija maħluqa biex jew isservi l-iskop tas-*securitisation*. Dan isir bit-trasferiment tal-proprjeta' ta' l-attiv *securitised* mill-oriġinatur jew permezz tas-sotto parteċipazzjoni; jew

   — l-użu ta' derivattivi ta' kreditu, garanziji jew mekkaniżmu simili;

   u

   (b) meta jinħarġu titoli bħal dawn, unitajiet ta' fond ta' *securitisation*, strumenti ta' dejn u/jew derivattivi finanzjarji, huma ma jirrappreżentawx l-obbligi tal-ħlas ta' l-oriġinatur;

3. "oriġinatur" tfisser dak li jittrasferixxi l-attiv, ġabra ta' attiv, u/jew ir-riskju tal-kreditu ta' l-attiv jew tal-ġabra ta' attiv lill-istruttura ta' *securitisation*;

4. "Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li adotta l-euro;

5. "Stat Membru mhux parteċipanti" tfisser Stat Membru li m'adottax l-euro;

6. "aġent ta' rappurtar" tfisser aġent ta' rappurtar ġewwa t-tifsira ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

7. "resident" tfisser resident ġewwa t-tifsira ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u jekk entita' legali ma jkollhiex dimensjoni fiżika, ir-residenza tagħha għandha tkun iddeterminata mit-territorju ekonomiku li skond il-liġijiet tiegħu l-entita' hija inkorporata. Jekk l-entita' m'hijiex inkorporata, għandu jintuża d-domiċilju legali bħala kriterju, jiġifieri l-pajjiż li s-sistema legali tiegħu tiggverna l-ħolqien u l-eżistenza kontinwa ta' l-entita';

8. "IFM" tfisser istituzzjoni finanzjarja monetarja ġewwa t-tifsira ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32);

9. "BĊNi rilevanti" tfisser il-BĊN ta' Stat Membru parteċipanti li fih il-FVC hija residenti;

([1]) ĠU L 211, 11.8.2007, p. 8.

10. "tibda n-negozju" tfisser kull attivita', inklużi kull miżuri preparatorji, relatati mas-*securitisation*, minbarra dawk li sempliċiment jistabbilixxu entita' li m'hijiex mistennija tibda l-attivita' ta' *securitisation* fis-sitt xhur li ġejjin. Kull attivita' mill-FVC mibdija wara l-attivita' ta' *securitisation* issir mezz prevedibbli li jibda n-negozju.

*Artikolu 2*

**Popolazzjoni ta' rappurtar**

1. FVCs residenti fit-territorju ta' Stat Membru parteċipanti għandhom jikkostitwixxu l-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza. Il-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza għandha tkun suġġetta għall-obbligu stabbilit fl-Artikolu 3(2).

2. Il-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza minbarra dawk il-FVCs li jkunu ġew eżentati għal kollox skond l-Artikolu 5(1)(c) għandhom jikkostitwixxu l-popolazzjoni attwali ta' rappurtar. Il-popolazzjoni attwali ta' rappurtar għandha tkun suġġetta għall-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 4, suġġetta għad-derogi stabbiliti fl-Artikolu 5. Il-FVCs li huma suġġetti biex jirrappurtaw l-istqarrijiet finanzjarji annwali skond l-Artikolu 5(3) jew li huma suġġetti għal obbligi ta' rappurtar *ad hoc* skond l-Artikolu 5(5), għandhom jiffurmaw ukoll parti mill-popolazzjoni attwali ta' rappurtar.

3. Jekk FVC ma jkollhiex personalita' legali taħt il-liġi nazzjonali tagħha, il-persuni li huma legalment intitolati biex jirrappreżentaw il-FVC, jew fin-nuqqas ta' rappreżentazzjoni formalizzata, il-persuni li taħt il-liġijiet nazzjonali applikabbli huma responsabbli għall-atti tal-FVC, għandhom ikunu responsabbli biex jirrappurtaw l-informazzjoni meħtieġa skond dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Lista ta' FVCs għal finijiet ta' statistika**

1. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jistabbilixxi u jżomm, għal finijiet ta' statistika, lista ta' FVCs li jikkostitwixxu l-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza. Il-FVCs għandhom jippreżentaw lill-BĊNi d-data li l-BĊNi jeħtieġu skond il-Linja Gwida BĊE/2008/31 tad-19 ta' Diċembru 2008 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9 dwar l-istatistika monetarja, dik tas-swieq u dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji (ifformulata mill-ġdid) [1]. Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jagħmlu din il-lista u l-aġġornamenti tagħha disponibbli f'forma xierqa, inkluż f'mezzi elettroniċi, permezz ta' l-Internet jew, fuq it-talba ta' l-aġenti ta' rappurtar interessati, f'forma tal-karta.

2. FVC għandha tinforma lil BĊN rilevanti bl-eżistenza tagħha fi żmien ġimgħa mid-data li fiha l-FVC tkun bdiet in-negozju, irrispettivament ta' jekk hija tistenna li tkun suġġetta għall-obbligi ta' rappurtar regolari skond dan ir-Regolament.

3. Jekk l-aħħar verżjoni elettronika aċċessibbli tal-lista msemmija fil-paragrafu 1 m'hijiex korretta, il-BĊE m'għandu jimponi sanzjonijiet fuq l-ebda entita' li ma tkunx issodisfat kif suppost l-obbligi tagħha ta' rappurtar, sakemm l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2 ikun ġie sodisfatt u l-entita' qagħdet fuq il-lista mhux korretta *in buona fede*.

*Artikolu 4*

**Obbligi trimestrali ta' rappurtar ta' statistika u regoli ta' rappurtar**

1. Kull trimestru l-popolazzjoni attwali ta' rappurtar għandha tipprovdi lil BĊN rilevanti, data dwar l-ammonti dovuti ta' tmiem it-trimestru, tranżazzjonijiet finanzjarji u *write-offs/write-downs* dwar l-attiv u l-passiv ta' FVCs, skond l-Annessi I u II.

2. Il-BĊNi jistgħu jiġbru l-informazzjoni statistika dwar titoli maħruġa u miżmuma mill-FVCs mitluba skond il-paragrafu 1 titolu b'titolu, sakemm id-data msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi dedotta skond standards statistiċi minimim kif speċifikat fl-Anness III.

3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' rappurtar stabbiliti fl-Anness II, l-attiv u l-passiv kollu tal-FVCs għandu jkun irrappurtat skond dan ir-Regolament, skond ir-regoli ta' rappurtar stabbiliti fil-liġi nazzjonali rilevanti li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet ikkonsolidati tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra [2]. Ir-regoli tal-kontabilita' fil-liġi nazzjonali rilevanti li tittrasponi r-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978, ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji [3], għandhom japplikaw għal FVCs li ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 86/635/KEE. Kull standard jew prattika rilevanti oħra nazzjonali jew internazzjonali tal-kontabilita', għandhom japplikaw għall-FVCs li ma jaqgħux taħt il-liġi nazzjonali li tittrasponi waħda minn dawn id-direttivi.

4. Meta l-paragrafu 3 jeħtieġ ir-rappurtar ta' strumenti suq b'suq, il-BĊNi jistgħu jeżentaw FVCs milli jirrappurtaw dawn l-istrumenti suq b'suq meta l-ispejjeż implikati mill-FVC jkunu għolja mingħajr ġustifikazzjoni. F'dan il-każ il-FVCs għandhom japplikaw il-valutazzjoni wżata għall-fini tar-rapporti ta' l-investitur.

5. Meta skond prattiċi nazzjonali tas-swieq, data disponibbli tirreferi għal kwalunkwe data f'trimestru, il-BĊNi jistgħu jħallu lill-aġenti ta' rappurtar biex jirrappurtaw minflok din id-data trimestrali, jekk id-data titqabbel u jekk jitqiesu tranżazzjonijiet sinifikanti li jseħħu bejn din id-data u t-tmiem tat-trimestru.

6. Minflok ir-*write-offs/write-downs* imsemmija fil-paragrafu 1, FVC tista', bi qbil mal-BĊN rilevanti, tagħti informazzjoni oħra li tippermetti lil BĊN joħroġ id-data meħtieġa dwar *write-offs/write-downs*.

[1] Għada m'hix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.

[3] ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.

*Artikolu 5*

**Derogi**

1. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi mill-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 4 kif ġej.

(a) Għal self oriġinat mill-IFMi taż-żona ta' l-euro u kkategorizzat skond il-maturita', is-settur u r-residenza tad-debituri, u fejn l-IFMi jibqgħu jservu s-self *securitised* fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32), il-BĊNi jistgħu jagħtu FVCs derogi mir-rappurtar tad-data dwar dan is-self. Ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32) jipprovdi għar-rappurtar ta' din id-data.

(b) Il-BĊNi jistgħu jeżentaw lil FVCs mill-obbligi kollha ta' rappurtar stabbiliti fl-Anness I, minbarra l-obbligu li tirrapporta, kull trimestru, data tat-tmiem it-trimestru dwar l-ammont dovut fuq l-attiv totali, bil-kundizzjoni li l-FVCs li jikkontribwixxu għall-attiv/passiv ta' kull trimestru w aggregat, ilaħħqu għal ta' lanqas 95 % tat-total ta' l-attiv tal-FVCs f'termini ta' ammonti dovuti, f'kull Stat Membru parteċipanti. Il-BĊNi għandhom jiċċekkjaw is-sodisfazzjoni ta' din il-kundizzjoni f'ħin tajjeb sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk meħtieġ, kull deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena kalendarja.

(ċ) Sakemm tista' tiġi dedotta d-data msemmija fl-Artikolu 4, skond standards statistiċi minimi kif speċifikat fl-Anness III, minn sorsi oħra statistiċi, pubbliċi jew dawk superviżorji, u mingħajr preġudizzju għas-subparagrafi (a) u (b), il-BĊNi jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-BĊE, jeżentaw għal kollox jew parzjalment, l-aġenti ta' rappurtar mill-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fl-Anness I ma' dan ir-Regolament.

2. Il-FVCs jistgħu jagħżlu, bil-kunsens minn qabel tal-BĊN rilevanti, biex ma jużawx id-derogi msemmija fil-paragrafu 1 u biex minflok jissodisfaw l-obbligi sħaħ ta' rappurtar speċifikati fl-Artikolu 4.

3. Il-FVCs li jibbenefikaw minn deroga ġewwa t-tifsira tal-paragrafu 1(c) għandhom jirrappurtaw l-istqarrijiet finanzjarji annwali lill-BĊN rilevanti, jekk dawn ma jkunux disponibbli minn sorsi pubbliċi, fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tal-perijodu ta' referenza jew fl-eqreb żmien wara dakinhar, skond il-prattiċi legali nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru ta' residenza tal-FVC. Il- BĊN rilevanti għandu jinnotifika lil dawk il-FVCs li huma suġġetti għal dan l-obbligu ta' rappurtar.

4. Il-BĊN rilevanti għandu jirtira d-deroga stabbilita fil-paragrafu 1(c) jekk id-data ta' standards statistiċi mqabbla ma' dawk preskritti f'dan ir-Regolament ma tkunx saret disponibbli fil-ħin lill-BĊN rilevanti għal tliet perijodi ta' rappurtar konsekuttivi, indipendentement minn xi nuqqas attribwibbli lill-FVC involuta. Il-FVCs għandhom jibdew jirrappurtaw data, kif stabbilit fl-Artikolu 4, mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha l-BĊN rilevanti jkun innotifika lill-aġenti ta' rappurtar li d-deroga tkun ġiet irtirata.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, sabiex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-BĊNi jistgħu jindirizzaw obbligi ta' rappurtar *ad hoc* lil FVCs li jkunu ngħataw derogi ġewwa t-tifsira tal-paragrafu 1(c). Il-FVCs għandhom jirrappurtaw *ad hoc* l-informazzjoni mitluba fi żmien 15-il jum ta' xogħol wara li tkun saret talba mill-BĊN rilevanti.

*Artikolu 6*

**Puntwalità**

Il-BĊNi għandhom jibagħtu lill-BĊE data dwar attiv u passiv trimestrali aggregat, li tkopri l-pożizzjonijiet ta' FVCs f'kull Stat Membru parteċipanti sa l-egħluq tan-negozju tat-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li dwaru għandha x'taqsam id-data. Il-BĊNi għandhom jistabbilixxu skadenzi biex jirċievu d-data mill-aġenti ta' rappurtar.

*Artikolu 7*

**Standards minimi u arranġamenti nazzjonali ta' rappurtar**

1. FVCs għandhom jikkonformaw ma' l-obbligi ta' rappurtar li tagħhom huma suġġetti skond l-istandards minimi għat-trasmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformita' mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw l-arranġamenti ta' rappurtar li għandhom jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwali ta' rappurtar skond il-karatteristiċi nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti ta' rappurtar jipprovdu l-informazzjoni statistika meħtieġa u jippermettu l-iċċekkjar preċiż tal-konformita' mal-kunċetti u l-istandards minimi għat-trasmissjoni, il-preċiżjoni u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

*Artikolu 8*

**Verifika u ġbir obbligatorju**

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-dritt li jivverifikaw jew jiġbru informazzjoni li l-aġenti ta' rappurtar huma mitluba jagħtu skond dan ir-Regolament, bla preġudizzju għad-dritt tal-BĊE biex jeżerċita dawn id-drittijiet huwa nnifsu. B'mod partikolari, il-BĊNi għandu jeżerċita dan id-dritt meta istituzzjoni inluża fil-popolazzjoni attwali ta' rappurtar ma tissodisfax l-istandards minimi għat-trasmissjoni, il-preċiżjoni u l-konformita' mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

*Artikolu 9*

**L-ewwel rappurtar**

1. FVC li tkun bdiet in-negozju qabel u inkluż l-24 ta' Marzu 2009 għandha tinforma lill-BĊN rilevanti dwar l-eżistenza tagħha sa l-aħħar ta' Marzu 2009, irrispettivament ta' jekk hija tistenna li tkun suġġetta għal rappurtar regolari taħt dan ir-Regolament jew le.

2. FVC li tkun bdiet in-negozju wara l-24 ta' Marzu 2009 għandha tinforma lill-BĊN rilevanti dwar l-eżistenza tagħha skond l-Artikolu 3(2).

3. L-ewwel rappurtar skond l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika li għalihom il-FVC hija suġġetta skond l-Artikoli 4 u 5 għandu jibda b'data trimestrali minn Diċembru 2009. Meta tiġi rrappurtata data għall-ewwel darba, għandhom jiġu rrappurtati l-ammonti dovuti biss.

4. FVCs li jibdew in-negozju wara l-31 ta' Diċembru 2009 għandhom, meta jirrappurtaw id-data għall-ewwel darba, jirrappurtaw data kull trimestru u jmorru lura għat-tranżazzjoni ta' *securitisation* oriġinali.

5. FVCs li jibdew in-negozju wara l-adozzjoni ta' l-euro mill-Istat Membru tagħhom wara l-31 ta' Diċembru 2009, meta jirrappurtaw id-data għall-ewwel darba, għandhom jirrappurtaw id-data kull trimestru u jmorru lura għat-tranżazzjoni ta' *securitisation* oriġinali.

*Artikolu 10*

**Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 19 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

*ANNESS I*

# OBBLIGI TA' RAPPURTAR TA' STATISTIKA

*Tabella 1*

## Ammonti dovuti u tranżazzjonijiet

| | A. Domestiċi | | | | | | | | | | B. Stati Membri parteċipanti ohra | | | | | | | | | | C. RoW | D. Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Total** | IFMi | Mhux IFMi Total | | | | | | | | **Total** | IFMi | Mhux IFMi Total | | | | | | | | | |
| | | | | Gvern Ġenerali | Residenti ohra | | | | | | | | | Gvern Ġenerali | Residenti ohra | | | | | | | |
| | | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji ohra + awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124) | | Korpo-razzjonijiet ta' assigu-razzjoni u fondi ta' pensjoni (S.125) | Korpo-razzjonijiet mhux finanzjarj (S.11) | House-holds + istituzz-jonijiet bla qligh li jservu households (S.14 +S.15) | | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji ohra + awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124) | | Korpo-razzjonijiet ta' assi-gurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S.125) | Korpo-razzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | House-holds + istituzz-jonijiet bla qligh li jservu households (S.14 +S.15) | | |
| | | | | | | | o/w FVCs | | | | | | | | | | o/w FVCs | | | | | |
| **ATTIV** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1 **Depożiti u klejms ta' self** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2 **Self securitised** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2a IFM taż-żona ta' l-euro bhala oriġinatur | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa hames snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn hames snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2b Gvern Ġenerali taż-żona ta' l-euro bhala oriġinatur | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2c OFI (1) u ICPF (2) taż-żona ta' l-euro bhala oriġinatur | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2d NFC (3) taż-żona ta' l-euro bhala oriġinatur | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2e oriġinatur barra ż-żona ta' l-euro | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 3 **Titoli minbarra ishma** (4) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 4 **Attiv securitised iehor** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 4a li tieghu Gvern Ġenerali taż-żona ta' l-euro bhala oriġinatur | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 4b li tieghu NFC taż-żona ta' l-euro bhala oriġinatur | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 5 **Ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji ohra** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 6 **Derivattivi finanzjarji** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 7 **Attiv fiss** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 8 **Attiv li jifdal** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **PASSIVI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 9 **Self u depożiti rċevuti** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 10 **Titoli ta' dejn mahruġa** (4) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 11 **Kapital u riżervi** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 12 **Derivattivi finanzjarji** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 13 **Passiv li jifdal** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

(1) Intermedjarji finanzjarji ohra, hlief korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni.
(2) Korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni.
(3) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji.
(4) Skond l-Artikolu 4(2), il-BĊNi jistghu jaghżlu dawn il-partiti titolu b'titolu.

*Tabella 2*

***Write-offs/write-downs***

| | D.<br>**Total** |
|---|---|
| | |
| ATTIV | |
| 2 **Self *securitised*** | |

*ANNESS II*

**DEFINIZZJONIJIET**

PARTI 1

**Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti**

Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni standard iddettaljata tal-kategoriji ta' strumenti li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jittrasponu f'kategoriji nazzjonali skond dan ir-Regolament. It-tabella ma tikkostitwixxix lista ta' strumenti finanzjarji individwali u d-deskrizzjonijiet m'humiex eżawrjenti. Id-definizzjonijiet jirreferu għas-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunita' (minn issa 'l quddiem l-"ESA95").

L-attiv u l-passiv finanzjarju kollu għandu jkun irrappurtat gross, jiġifieri l-attiv finanzjarju m'għandux jiġi rrappurtat nett mill-passiv finanzjarju.

*Tabella A*

**Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti ta' l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet vetturi finanzjarji nvoluti f'tranżazzjonijiet ta' securitisation**

KATEGORIJI TA' ATTIV

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 1. Depożiti u klejms ta' self | Għall-finijiet ta' l-iskema ta' rappurtar, dan jikkonsisti f'fondi msellfa minn korporazzjonijiet vetturi finanzjarji nvoluti f'tranżazzjonijiet ta' *securitisation* (FVCs) lil min jissellef, li mhumiex attestati minn dokumenti jew huma rrappreżentati b'dokument wieħed anke jekk ikun sar negozzjabbli.<br>Tinkludi l-partiti li ġejjin:<br>— depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFMi)<br>— self mogħti lil FVCs<br>— klejms taħt *repos* imreġġa' lura (*reverse*) jew titoli li jissellfu kontra garanziji fi flus kontanti. Kontroparti ta' flus kontanti imħallas bi skambju għal titoli mixtrija minn FVCs, jew titoli li jissellfu kontra garanziji fi flus kontanti (ara l-kategorija 9).<br>Din il-partita tinkludi wkoll *holdings* ta' karti tal-flus u muniti euro u ta' valuta barranija fiċ-ċirkolazzjoni li s-soltu jintużaw biex isiru l-ħlasijiet. |
| 2. Self *securitised* | Għall-finijiet ta' l-iskema ta' rappurtar, dan jikkonsisti f'fondi, dan jikkonsisti f'fondi msellfa lil min jissellef u akkwistati mill-aġenti ta' rappurtar mill-oriġinatur. Dawn il-fondi m'humiex attestati b'dokumenti jew huma rrappreżentati b'dokument wieħed anke jekk ikun sar negozzjabbli. Dan jinkludi wkoll:<br>kirjiet finanzjarji mogħtija lil terzi partijiet:<br>— kirjiet finanzjarji huma kuntratti fejn is-sid legali ta' oġġett li jservi (*durable good*) (minn issa 'l quddiem "il-kerrej") isellef dan l-attiv lil terza parti (minn issa 'l quddiem "min jikri") għal ħafna, jekk mhux kollha, mill-ħajja ekonomika ta' dan l-attiv, bi skambju għal ħlasijiet bin-nifs li jkopru l-ispejjeż ta' l-oġġett flimkien ma' tariffa ta' imgħax imputed. Huwa assunt li min jikri jirċievi l-benefiċċji kollha li joħorġu mill-użu ta' l-oġġett, u li jeħel l-ispejjeż u r-riskji assoċjati mal-proprjeta'. Għall-finijiet ta' statistika, kirjiet finanzjarji huma ttrattati bħala self mill-kerrej lil min jikri, li jippermettu lil min jikri biex jixtri l-oġġett li jservi (*durable good*). Kirjiet finanzjarji mogħtija minn oriġinatur, fejn jaġixxi bħala l-kerrej, għandhom jitniżżlu taħt il-partita ta' l-attiv "self *securitised*". L-attiv (*durable goods*) li jkunu ssellef lil min jikri m'għandux jitniżżel.<br>— *bad debt loans* li jkunu għadhom ma tħallsux jew li jkunu ġew *written off*: *bad debt loans* jitqiesu li huma self fir-rigward ta' liema ħlas mill-ġdid ikun skada u dovut jew ikella identifikat bħala *impaired*<br>— *holdings* ta' titoli mhux negozzjabbli: *holdings* ta' titoli minbarra ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra li m'humiex negozzjabbli u li ma jistgħux jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji, ara wkoll "self innegozjat"<br>— self innegozjat: self li *de facto* jkun sar negozzjabbli għandu jiġi kklassifikat taħt il-partita ta' l-attiv "self *securitised*" bil-kundizzjoni li jibqa' attestat b'dokument wieħed u huwa, bħala regola ġenerali, innegozjat biss kultant.<br>— dejn subordinat fil-forma ta' depożiti jew self: strumenti ta' dejn subordinat jipprovdu klejm sussidjarja fuq l-istituzzjoni li toħroġ, liema klejm tista' tiġi eżerċitata biss wara li l-kljems kollha bi status ogħla eż. depożiti/self jkunu ġew sodisfatti, b'hekk għandhom xi wħud mill-karatteristiċi ta' "ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra". Għall-finijiet ta' statistika, dejn subordinat għandu jitqies skond in-natura ta' l-istrument finanzjarju, jiġifieri kklassifikat bħala jew "self *securitised*" jew "titoli minbarra ishma" skond in-natura ta' l-istrument. Meta *holdings* ta' FVC fil-forom kollha ta' dejn subordinate, huma identifikati bħalissa bħala ċifra waħda għall-finijiet ta' statistika, din iċ-ċifra għandha tiġi kklassifikata taħt il-partita "titoli minbarra ishma", minħabba li dejn subordinat huwa l-aktar ikkostitwit fil-forma ta' titoli, aktar milli bġala self. |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| | Self *securitised* għandu jkun irrappurtat skond ir-regoli li ġejjin:<br>— tinħtieġ klassifikazzjoni tal-maturita' għal self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji oriġinati minn IFMi taż-żona ta' l-euro. Ifisser maturita' fil-ħin li s-self ingħata, jiġifieri maturita' oriġinali u jirreferi għall-perijodu fiss li fih is-self isir dovut biex jitħallas.<br>— is-self għandu jiġi rrappurtat skond il-valur nominali, anke jekk mixtri mill-oriġinatur bi prezz differenti. Il-kontroparti tad-differenza bejn il-valur nominali u l-prezz tax-xiri għandu jiġi inkluż taħt "passiv li jifdal"<br>Din il-partita tinkludi self *securitised*, irrispettivament ta' jekk il-prattika tal-kontabilita' prevalenti teħtieġx ir-rikonoxximent tas-self fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-aġent ta' rappurtar. |
| 3. Titoli minbarra ishma | *Holdings* ta' titoli minbarra "ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra", li huma negozzjabbli u s-soltu nnegozjati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu paċuti fis-suq, u li ma jagħtux lid-detentur l-ebda drittijiet ta' proprjeta' fuq l-istituzzjoni li toħroġ.<br>Din il-partita tinkludi:<br>— *holdings* ta' titoli, kemm jekk attestati b'dokumenti jew le, li jagħtu lid-detentur id-dritt mhux kundizzjonat għal dħul fiss, jew iddeterminat b'kuntratt fil-forma ta' kupuni ta' ħlasijiet u/jew b'somma fissa f'data jew dati speċifiċi, jew li jibda minn data iddefinita fil-ħin tal-ħruġ<br>— dejn subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn<br>Titoli msellfa f'operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa skond ftehim ta' xiri mill-ġdid jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tas-sid oriġinali u m'għandhomx jitniżżlu fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-akkwirent temporanju fejn hemm kelma soda biex wieħed ireġġa' lura l-operazzjoni u mhux sempliċiment għażla biex wieħed jagħmel dan (ara wkoll il-kategorija 9). Meta l-akkwirent temporanju jbiegħ it-titoli rċevuti, dan il-bejgħ għandu jitniżżel bħala tranżazzjoni f'titoli u jiddaħħal fil-karta tal-bilanċ ta' l-akkwirent temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli.<br>Tinħtieġ klassifikazzjoni skond il-maturita' għal *holdings* ta' titoli minbarra ishma. Dan ifisser maturita' mal-ħruġ, jiġifieri maturita' oriġinali u tirreferi għall-perijodu fiss tal-ħajja ta' strument finanzjarju u li qabilha, ma jkunx jista' jissarraf.<br>Din il-partita tinkludi titoli minbarra ishma li jkun ġew *securitised*, irrispettivament ta' jekk il-prattika tal-kontabilita' prevalenti teħtieġx ir-rikonoxximent tat-titoli fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-aġent ta' rappurtar |
| 4. Attiv *securitised* ieħor | Din il-partita tinkludi attiv *securitised* minbarra dak inkluż taħt il-kategoriji 2 u 3, bħal ammonti riċevibbli ta' taxxa jew krediti kummerċjali, irrispettivament ta' jekk il-prattika tal-kontabilita' prevalenti teħtieġx ir-rikonoxximent ta' dan l-attiv fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-aġent ta' rappurtar |
| 5. Ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra | *Holdings* ta' titoli li jirrappreżentaw drittijiet ta' proprjeta' f'korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet. Dawn it-titoli ġeneralment jintitolaw lid-detenturi għal sehem fil-profitti ta' korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet u għal sehem fl-*own funds* tagħhom fil-każ ta' likwidazzjoni |
| 6. Derivattivi finanzjarji | Taħt din il-partita, id-derivattivi finanzjarji kollha li ġejjin għandhom jiġu rrappurtati:<br>— *options*<br>— *warrants*<br>— *futures*<br>— *swaps*, b'mod partikolari *credit default swaps*<br>Obbligi futuri gross li joħorġu minn kuntratti ta' derivattivi m'għandhomx jiddaħħlu bħala partiti fuq-il-karta-tal-bilanċ.<br>Din il-partita ma tinkludix derivattivi finanzjarji li m'humiex suġġetti għal irreġistrar fuq-il-karta-tal-bilanċ skond ir-regoli nazzjonali |
| 7. Attiv fiss | Din il-partita tinkludi investimenti f'attiv fiss tanġibbli eż. bini, bini ieħor u strutturi, u bini mhux residenzjali |
| 8. Attiv li jifdal | Din hi l-partita residwa fuq in-naħa ta' l-attiv tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "attiv inkluż imkien ieħor". Din il-partita tista' tinkludi:<br>— imgħax akkumulat imħallas fuq depożiti u self<br>— imgħax akkumulat fuq titoli minbarra ishma<br>— kera akkumulata fuq assi fissi<br>— ammonti mħallsa li m'għandhomx x'jaqsmu man-negozju prinċipali tal-FVC |

KATEGORIJI TA' PASSIV

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 9. Self u depożiti rċevuti | Ammonti dovuti lil kredituri minn FVCs, minbarra dawk li jqumu mill-ħruġ ta' titoli negozzjabbli. Din il-partita tikkonsisti f':<br>— self: self mogħti lill-FVCs li jirrappurtaw li m'huwiex attestat b'dokumenti jew li huwa rrappreżentat b'dokument wieħed anke jekk ikun sar negozzjabbli.<br>— strumenti ta' dejn mhux negozzjabbli maħruġa minn FVCs: l-istrumenti jistgħu jissejħu bħala "mhux negozzjabbli" fis-sens li t-trasferiment tal-proprjeta' legali ta' l-istrument huwa ristrett, jiġifieri li ma jkunux jistgħu jiġu rrekklamati jew, minkejja li jkunu teknikament negozzjabbli, ma jkunux jistgħu jiġu nnegozjati minħabba n-nuqqas ta' suq organizzat. Strumenti mhux negozzjabbli maħruġa minn aġenti ta' rappurtar li sussegwentament isiru negozzjabbli u li jistgħu jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji għandhom ikunu kklassifikati mill-ġdid bħala "titoli ta' dejn"<br>— *repos*: kontroparti ta' flus kontanti rċevuta bi skambju għal titoli mibjugħa minn aġenti ta' rappurtar bi prezz stabbilit, u taħt kelma soda ta' xiri mill-ġdid ta' l-istess (jew simili) titoli bi prezz fiss f'data futura speċifikata. L-ammonti rċevuti minn aġenti ta' rappurtar bi skambju għal titoli ttrasferiti lil terza parti ("akkwirent temporanju") għandhom jiġu kklassifikati hawn fejn hemm kelma soda biex wieħed ireġġa' lura l-operazzjoni u mhux sempliċiment għażla biex wieħed jagħmel dan. Dan jimplika li aġenti ta' rappurtar iżommu r-riskji u l-premjijiet kollha tat-titoli matul l-operazzjoni.<br>Il-varjanti li ġejjin ta' operazzjonijiet tat-tip *repo* huma kollha kklassifikati hawn:<br>— ammonti rċevuti bi skambju għal titoli ttrasferiti temporanjament lil terza parti fil-forma ta' titoli li jsellfu kontra garanziji fi flus kontanti<br>— ammonti rċevuti bi skambju għal titoli ttrasferiti temporanjament lil terza parti fil-forma ta' ftehim ta' bejgħ/xiri mill-ġdid<br>It-titoli wara operazzjonijiet tat-tip *repo* jitniżżlu skond ir-regoli fil-partita ta' l-attiv 3 "Titoli minbarra ishma"<br>Operazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment temporanju tad-deheb kontra garanziji fi flus kontanti huma nklużi wkoll taħt din il-partita |
| 10. Titoli ta' dejn maħruġa | Titoli maħruġa minn FVCs, minbarra "ishma u parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra", li huma strumenti s-soltu negozzjabbli fis-swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu paċuti fis-suq u li ma jagħtux lid-detentur l-ebda dritt ta' proprjeta' fuq l-istituzzjoni li toħroġ. Tinkludi, *inter alia*, titoli maħruġa fil-forma ta':<br>— titoli msaħħa b'attiv (*asset backed securities*)<br>— karti tal-flus marbuta ma' kreditu (*credit linked notes*) |
| 11. Kapital u riżervi | Għall-finijiet ta' l-iskema ta' rappurtar, din il-kategorija tkopri l-ammonti li jqumu mill-ħruġ tal-kapital ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji minn aġenti ta' rappurtar lil azzjonisti jew sidien oħra, li jirrappreżentaw għad-detentur drittijiet ta' proprjeta' fil-FVC, u ġeneralment dritt għal sehem fil-profitti tagħha u għal sehem fl-*own funds* tagħha fil-każ ta' likwidazzjoni. Huma nklużi wkoll il-fondi li jqumu minn benefiċċji jew fondi mhux distribwiti mwarrba minn aġenti ta' rappurtar f'antiċipazzjoni tal-possibbilta' ta' ħlasijiet u obbligazzjonijiet futuri. Tinkludi:<br>— kapital ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji<br>— benefiċċji jew fondi mhux distribwiti<br>— provvedimenti speċifiċi u ġenerali kontra self, titoli u tipi oħra ta' attiv<br>— unitajiet minn fondi ta' *securitisation* |
| 12. Derivattivi finanzjarji | Ara l-kategorija 6 |
| 13. Passiv li jifdal | Din hija l-partita li jifdal wara n-naħa tal-passivi tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "passiv inkluż imkien ieħor"<br>Din il-partita tista' tinkludi:<br>— imgħax akkumulat pagabbli fuq self u depożiti<br>— ammonti mħallsa mhux relatati man-negozju prinċipali tal-FVC, jiġifieri l-ammonti dovuti lil fornituri, taxxa, pagi, kontribuzzjonijiet soċjali, etċ.<br>— provvedimenti li jirrappreżentaw passiv kontra terzi partijiet, jiġifieri pensjonijiet, dividendi, etċ.<br>— provvedimenti netti li jqumu minn titoli li jsellfu mingħajr garanziji fi flus kontanti<br>— ammonti netti pagabbli fir-rigward ta' *settlements* futuri ta' tranżazzjonijiet f'titoli<br>— kontropartijiet ta' l-aġġustament valuation, jiġifieri l-ammont nominali mnaqqas bil-prezz tax-xiri, tas-self |

PARTI 2

**Definizzjonijiet tas-setturi**

L-ESA95 tipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni tas-setturi. Il-kontropartijiet li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri parteċipanti huma identifikati skond is-settur tagħhom skond il-lista ta' FVCs, fondi ta' investiment (IFs) u IFMi għal skopijiet ta' statistika u l-gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-kontropartijiet mogħtija fil-*Monetary, financial institutions and markets statistics sector manual. Guidance for the statistical classification of customers* mill-Bank Ċentrali Ewropew.

*Tabella B*

**Definizzjonijiet tas-setturi**

| Settur | | Definizzjoni |
|---|---|---|
| 1. | IFMi | Banek ċentrali nazzjonali residenti, istituzzjonijiet ta' kreditu residenti kif iddefiniti fil-liġi tal-Komunita', u istituzzjonijiet finanzjarji residenti oħra li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostitwiti mill-qrib għal depożiti minn entitajiet oħra minbarra IFMi, u, għalihom innifishom, ta' lanqas f'termini ekonomiċi, biex jagħtu krediti u/jew jagħmlu investimenti f'titoli (Ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji fformulat mill-ġdid (BĊE/2008/32)) |
| 2. | Gvern ġenerali | Unitajiet residenti li huma nvoluti prinċipalment fil-produzzjoni ta' oġġetti mhux tas-suq u servizzi, maħsuba għall-konsum individwali u kollettiv u/jew fir-ridistribuzzjoni tad-dħul u l-ġid nazzjonali (l-ESA95, il-paragrafi 2.68 sa 2.70) |
| 3. | Intermedjarji finanzjarji oħra w awżiljarji finanzjarji | Korporazzjonijiet finanzjarji u kważi-korporazzjonijiet, ħlief korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni, involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja billi jeħlu passiv f'forom oħra minbarra valuta, depożiti u/jew sostituti mill-qrib għal depożiti minn unitajiet istituzzjonali minbarra IFMi, jew riżervi tekniċi ta' l-assigurazzjoni (l-ESA95, il-paragrafi 2.53 sa 2.56). L-IFs huma ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 958/2007 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Lulju 2007 dwar statistika fir-rigward ta' l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2007/8), u l-FVCs kif iddefiniti f'dan ir-Regolament huma inklużi f'dan is-settur. Inklużi wkoll huma awżiljarji finanzjarji li jikkonsistu fil-korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet kollha finanzjarji li huma involuti prinċipalment f'attivitajiet finanzjarji awżiljarji (l-ESA95, il-paragrafi 2.57 sa 2.59) |
| 4. | Korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | Korporazzjonijiet finanzjarji u kważi-korporazzjonijiet, involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala l-konsegwenza tal-ġbir tar-riskji (l-ESA95, il-paragrafi 2.60 sa 2.67) |
| 5. | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet mhux involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja imma prinċipalment fil-produzzjoni ta' oġġetti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji (l-ESA95, il-paragrafi 2.21 sa 2.31) |
| 6. | *Households* u istituzzjonijiet bla qligħ li jservu *households* | Individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi, u produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji esklussivament għall-konsum finali tagħhom, u bħala produtturi ta' oġġetti tas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji bil-kundizzjoni li l-attivitajiet tagħhom m'humiex dawk ta' kważi-korporazzjonijiet. Inklużi huma istituzzjonijiet bla qligħ li jservu *households* u li huma nvoluti prinċipalment fil-produzzjoni ta' oġġetti tas-suq u servizzi maħsuba għal gruppi partikolari ta' *households* (l-ESA95, il-paragrafi 2.75 sa 2.88) |

PARTI 3

**Definizzjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji**

Tranżazzjonijiet finanzjarji, skond l-ESA95, huma ddefiniti bħala l-akkwist nett ta' attiv finanzjarju jew li wieħed jeħel passiv nett għal kull tip ta' strument finanzjarju, jiġifieri s-somma tat-tranżazzjonijiet finanzjarji li jseħħu matul il-perijodu rilevanti ta' rappurtar. Il-metodu ta' valutazzjoni għal kull tranżazzjoni għandu juża l-valur li bih l-attiv huwa akkwistat jew mibjugħ u/jew li bih il-passiv jiġi maħluq, illikwidat jew skambjat. Fil-prinċipju tranżazzjonijiet finanzjarji għandhom jikkonformaw ma' din il-metodoloġija. *Write-offs/write-downs* u tibdiliet ta' valutazzjoni ma jirrappreżentawx tranżazzjonijiet finanzjarji.

PARTI 4

**Definizzjoni ta' *write-offs/write-downs***

*Write-offs/write-downs* huma ddefiniti bhala l-impatt ta' tibdiliet fil-valur tas-self imniżżel fil-karta tal-bilanċ li huwa kkawżati bl-applikazzjoni tar-*write-offs/write-downs* tas-self. *Write-offs/write-downs* rikonoxxuti fil-ħin li self jinbiegħ jew jiġi ttrasferit lil terza parti huma inklużi wkoll, meta identifikabbli. *Write-offs* jirreferu għall-każijiet meta s-self jitqies attiv li ma jiswa xejn u jitneħħa mill-karta tal-bilanċ. *Write-downs* jirreferu għall-każijiet fejn jitqies li s-self ma jkunx ġie rkuprat għal kollox, u l-valur tas-self jitnaqqas fil-karta tal-bilanċ.

*ANNESS III*

**STANDARDS MINIMI BIEX JIĠU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI ATTWALI TAR-RAPPURTAR**

L-aġenti ta' rappurtar għandhom jissodisfaw l-istandards minimi li ġejjin biex jissodisfaw l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

1. Standards minimi għat-trasmissjoni:

(a) ir-rappurtar lil banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandu jkun fil-ħin u ġewwa l-iskadenzi stabbiliti mill-BĊN rilevanti

(b) rapporti ta' statistika għandhom jieħdu l-forma u format tagħhom mill-obbligi ta' rappurtar tekniku stabbiliti mill-BĊNi

(ċ) il-persuni ta' kuntatt fi ħdan l-aġent ta' rappurtar għandhom ikunu identifikati

(d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trasmissjoni tad-data lil BĊNi għandhom isegwu.

2. Standards minimi għall-preċiżjoni:

(a) ir-restrizzjonijiet kollha lineari għandhom ikunu sodisfatti fejn applikabbli eż. l-attiv u l-passiv għandhom ikunu f'bilanċ, is-subtotali għandhom iżidu mat-totali

(b) l-aġenti ta' rappurtar għandhom ikunu kapaċi jipprovdu informazzjoni dwar l-iżviluppi implikati mid-data mogħtija

(ċ) l-informazzjoni statistika għandha tkun kompluta

(d) l-aġenti ta' rappurtar għandhom isegwu d-dimensjonijiet u d-deċimali stabbiliti mill-BĊNi għat-trasmissjoni teknika tad-data

(e) l-aġenti ta' rappurtar għandhom isegwu l-politika ta' tqarrib (*rounding*) stabbilita mill-BĊNi għat-trasmissjoni teknika tad-data.

3. Standards minimi għal konformita` mal-kunċetti:

(a) l-informazzjoni statistika għandha tikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet misjuba fir-Regolament

(b) fil-każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet, fejn japplika l-aġenti ta' rappurtar għandhom jissorveljaw b'mod regolari u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-miżura wżata u l-miżura misjuba f'dan ir-Regolament

(ċ) l-aġenti ta' rappurtar għandhom ikunu kapaċi jispjegaw *breaks* fid-data mogħtija mqabbla maċ-ċifri tal-perijodi ta' qabel.

4. Standards minimi għar-reviżjonijiet:

il-politika tar-reviżjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-BĊE u l-BĊNi għandhom ikunu segwiti. Ir-reviżjonijiet li jitilqu lil hinn mir-reviżjonijiet regolari għandhom ikunu akkompanjati min-noti ta' spjega.

# REGOLAMENT (KE) Nru 25/2009 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tad-19 ta' Diċembru 2008

## dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (Riformulazzjoni)

## *(BĊE/2008/32)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru, 1998, dwar il-ġbir tal-informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew [1], partikolarment l-Artikoli 5(1) u 6(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru, 1998, dwar l-applikazzjoni tar-riżervi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew [2], partikolarment l-Artikoli 5(1) u 6(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-istabbiliment u l-eżerċizzju tal-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (abbozzata mill-ġdid) [3],

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità [4].

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (ECB/2001/13) [5] ġie emendat diversi drabi. Minħabba li hemm bżonn ta' iktar emendi għal dan ir-Regolament, dan għandu jiġi abbozzat mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza u t-trasparenza.

(2) Is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) teħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha il-produzzjoni ta' karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM). L-għan prinċipali tagħha huwa li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jiġi pprovdut bi stampa statistika komprensiva ta' żviluppi monetarji fl-Istati Membri parteċipanti li huma kkunsidrati bħala territorju ekonomiku wieħed. Dawn l-istatistiċi jkopru l-assi u l-passivi finanzjarji aggregati f'termini ta' stokks u tranżazzjonijiet, ibbażati fuq settur tal-IFM komplet u omoġenju u popolazzjoni li tirraporta, u jinħarġu fuq bażi regolari. Dejta statistika f'dettall suffiċjenti hija wkoll meħtieġa biex tkun garantita l-utilità analitika kontinwa tal-kalkoli tal-aggregati monetarji u l-kontrapartijiet li jkopru dan it-territorju.

(3) Il-Bank Ċentrali Ewropew hu meħtieġ, bi qbil mat-Trattat tal-KE u skont il-kundizzjonijiet tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew ('l-Istatut tas-SEBĊ'), li jagħmel regolamenti sa fejn hu neċessarju biex jimplimenta l-kompiti tas-SEBĊ kif definiti fl-Istatut tas-SEBĊ u f'ċerti każi kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet adottati mill-Kunsill bis-saħħa tal-Artikolu 107(6) tat-Trattat.

(4) L-Artikolu 5.1 tal-Istatut tas-SEBĊ jeħtieġ li l-BĊE, megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), jiġbor it-tagħrif statistiku meħtieġ jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament minn aġenti ekonomiċi, sabiex huwa jkun jista' jidħol għall-kompiti tas-SEBĊ. L-Artikolu 5.2 tal-Istatut tas-SEBĊ jistipula li l-BĊNi għandhom iwettqu, sa fejn huwa possibbli, il- kompiti deskritti fl-Artikolu 5.1.

(5) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jeħtieġ li l-BĊE jispeċifika l-popolazzjoni attwali ta' rappurtar fil-limiti tal-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza u jintitolah sabiex jeżenta totalment jew parti minn klassijiet speċifiċi ta' aġenti ta' rappurtar mir-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tiegħu. L-Artikolu 6(4) jipprovdi li l-BĊE jista' jadotta regolamenti li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li skont dawn jista' jiġi eżerċitat id-dritt għall-verifika jew it-twettiq tal-ġbir obbligatorju ta' tagħrif statistiku.

(6) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 jeżiġi li l-Istati Membri jorganizzaw rwieħhom fil-qasam tal-istatistika u biex jikkooperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ biex jiżguraw is-sodisfazzjon tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 5 tal-Istatut SEBĊ.

(7) Jista' jkun xieraq għal BĊNi li jiġbru l-informazzjoni statistika neċessarja mingħand il-popolazzjoni attwali li għandha tirraporta biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti statistiċi tal-BĊE bħala parti mill-qafas usa' ta' rappurtar statistiku li l-BĊNi jistabbilixxu taħt ir-responsabbiltà tagħhom skont il-liġi tal-Komunità jew nazzjonali jew il-prattika stabbilita u li sservi ukoll għanijiet statistiċi oħrajn; iżda t-twettiq tar-rekwiżiti statistiċi tal-BĊE ma għandhomx jiġu mfixkla. Dan jista' inaqqas ukoll il-piż ta' rappurtar. Sabiex titrawwem it-trasparenza, huwa xieraq, f'dawn il-każi, li jiġu infurmati l-aġenti ta' rappurtar li d-dejta tiġi miġbura biex jitwettqu għanijiet statistiċi oħrajn. F'każi speċifiċi, il-BĊE jista' jistrieħ fuq tagħrif statistiku miġbur għal għanijiet bħal dawn biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tiegħu.

(8) L-ikbar dettall fl-istatistika hu dak meħtieġ dwar il-kontrapartijiet li huma parti mis-settur tal-flus. Dejta dettaljata hija meħtieġa fuq: (a) depożiti ta' passiv skont is-sottosettur u l-maturità klassifikati aktar skont il-valuta biex tkun tista' ssir analiżi aktar mill-qrib tal-iżviluppi tal-

[1] ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
[2] ĠU L 318, 27.11.1998, p. 1.
[3] ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
[4] ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.
[5] ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1.

komponenti ta' valuta barranija inklużi f'M3 u biex jiffaċilitaw l-investigazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-grad tal-abbiltà ta' sostituzzjoni bejn il-valuta barranija u l-komponenti denominati fl-euro tal-M3; (b) self skont is-sottosettur, il-maturità, l-għan, ir-rata tal-interess u l-valuta, minħabba li dan it-tagħrif huwa meqjus essenzjali għal għanijiet ta' analiżi monetarja; (c) pożizzjonijiet rigward IFMi oħra safejn dan huwa meħtieġ għalbiex jagħtu lok għan-*netting* ta' bilanċi fost l-IFMi jew biex jikkalkolaw il-bażi ta' riserva; (d) pożizzjonijiet rigward residenti barra ż-żona tal-euro (il-bqija tad-dinja) għal 'depożiti b'maturità miftiehma ta' 'l fuq minn sentejn', 'depożiti mifdija mat-talba ta' sentejn' u 'repos' sabiex tkun tista' tiġi kalkolata il-bażi ta' riżerva mingħajr preġudizzju għall-proporzjon pożittiv tar-riserva; (e) pożizzjonijiet rigward il-bqija tad-dinja għal depożiti ta' passiv sabiex jiġu mibnija l-kontrapartijiet esterni; (f) depożiti ta' passiv u self rigward il-bqija tad-dinja b'maturità oriġinali ta' inqas jew iktar minn sena għal għanijiet ta' bilanċ ta' pagamenti u kontijiet finanzjarji.

(9) Fejn dan jista' jnaqqas il-piż ta' rappurtar għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u jgħin l-iżvilupp ta' statistika aħjar, il-BĊNi huma mħeġġa jinkoraġġixxu ftehimiet għal rappurtar titolu b'titolu għall- ġabra tat-tagħrif statistiku dwar il-portafoll tat-titoli ta' IFMi meħtieġa f'dan ir-Regolament. Dwar fondi tas-swieq tal-flus (MMFs), il-BĊNi jistgħu jħalluhom jirrapurtaw skont ir-Regolament (KE) Nru 958/2007 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Lulju 2007 dwar statistika fir-rigward tal-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (ECB/2007/8) ([1]) sabiex iħaffu l-piż għal maiġer tal-fondi.

(10) Tranżazzjonijiet finanzjarji huma kkomputati mill-BĊE billi d-differenza bejn il-pożizzjonijiet tal-istokks fid-dati tar-rappurtar ta' kull l-aħħar tax-xahar, li minnhom jitneħħa l-effett tal-bidliet li jirriżultaw minħabba influwenzi li ma jkunux tranżazzjonijiet. Ir-rekwiżit indirizzat lill-aġenti ta' rappurtar ma jkoprix it-tibdil fir-rati tal-kambju, li huwa kkalkolat mill-BĊE minn dejta tal-istokk valuta b'valuta mogħtija mill-aġenti ta' rappurtar, jew l-aġġustamenti tal-klassifika mill-ġdid li huma miġbura mill-BĊNi nnifishom bl-użu ta' sorsi varji ta' tagħrif li huma diġa disponibbli.

(11) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2531/98 jagħti poteri lill-BĊE li jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet sabiex jeżenta istituzzjonijiet mir-rekwiżiti minimi ta' riserva, biex jispeċifika modalitajiet biex jeskludu jew inaqqsu passiv li huwa dovut lil xi istituzzjoni oħra mill-bażi ta' riżerva, u biex jistabbilixxi proporzjonijiet ta' riserva differenti għal kategoriji speċifiċi ta' passiv. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2531/98, il-BĊE għandu d-dritt li jiġbor mill-istituzzjonijiet it-tagħrif meħtieġ għall-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' riżervi minimi, u biex jivverifika l-eżattezza u l-kwalità tat-tagħrif li istituzzjonijiet jipprovdu biex tintwera konformità mar-rekwiżiti minimi ta' riserva. Sabiex jitnaqqas il-piż ta' rappurtar totali huwa mixtieq li jintuża t-tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam mal-karta tal-bilanċ ta' kull xahar għall-kalkolu regolari tal-bażi ta' riserva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma suġġetti għas-sistema ta' riserva minima tal-BĊE, bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi (BĊE/2003/9) ([2]).

(12) Hemm bżonn li jiġu ddeterminati proċeduri speċifiċi biex jiġu applikati fil-każ ta' għaqdiet li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu biex jiġu kkjarifikati l-obbligi ta' dawn l-istituzzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti ta' riżerva.

(13) Il-BĊE jeħtieġ tagħrif dwar l-attivitajiet ta' *securitisation* ta' IFMi sabiex jinterpreta żviluppi fil-kreditu u s-self fiż-żona tal-euro. Dan it-tagħrif jikkumplimenta t-tagħrif rappurtat taħt ir-Regolament (EC) Nru 24/2009 tal-Bank Ġentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika ta' l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet vetturi finanzjarji (FVC) involuti f'tranżazzjonijiet ta' *securitisation* (BĊE/2008/30) ([3]).

(14) L-istabbilizzazzjoni ta' proċeduri speċifiċi għal għaqdiet u taqsimiet li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu hija meħtieġa sabiex jiġu ċċarati l-obbligazzjonijiet ta' dawn l-istituzzjonijiet rigward ħtiġiet ta' riserva.Waqt li huwa rrikonoxxut li r-regolamenti adottati mill-BĊE ma jagħtux drittijiet jew jimponu xi obbligazzjonijiet fuq Stati Membri mhux parteċipanti, l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ jgħodd kemm għal Stati Membri parteċipanti kif ukoll għal dawk mhux parteċipanti. Ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 ifakkar illi l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, flimkien mal-Artikolu 10 tat-Trattat, jimplika obbligazzjoni ta' tfassil u ta' implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-miżuri kollha li l-Istati Membri mhux parteċipanti iqisu bħala xierqa sabiex jitwettaq il-ġbir tat-tagħrif statistiku meħtieġ biex jitwettqu r-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tal-BĊE u biex jiżguraw it-tħejjijiet f'waqthom fil-qasam tal-istatistika sabiex huma jsiru Stati Membri parteċipanti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

— "istituzzjoni finanzjarja monetarja" (IFM) tfisser istituzzjoni ta' kreditu residenti kif imfisser fil-liġi Komunitarja, jew istituzzjoni finanzjarja residenti oħra li n-negozju tagħha hu li tirċievi depożiti u/jew sostituti simili għal depożiti minn entitajiet li mhumiex IFMi, u, għaliha nnifisha (għall-inqas f'termini ekonomiċi), li tagħti krediti u/jew tagħmel investimenti f'titoli. Is-settur ta' l-IFM jinkludi ([4]): (a) banek ċentrali; (b) istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE (impriża li n-negozju tagħha huwa li tirċievi depożiti u fondi oħra li

([1]) ĠU L 211, 11.8.2007, p. 8.

([2]) ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.

([3]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

([4]) Fis-Sistema Ewropea ta' Kontijiet ("ESA 95"), istituzzjonijiet finanzjarji klassifikati bħala IFMi huma kkategorizzati f'żewġ sottosetturi, jiġifieri "banek ċentrali" (S.121) u "IFMi oħra" (S.122).

jistgħu jitħallsu lura mill-pubbliku [1] u li tagħti kreditu f'isimha stess jew istituzzjoni ta' flus elettroniċi kif imfisser fid-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar dwar il-bidu, is-segwitu u s-superviżjoni prudenti tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi [2]; u (c) IFMi oħra, jiġifieri istituzzjonijiet finanzjarji residenti oħra li jissodisfaw id-definizzjoni ta' IFM, irrispettivament min-natura tan-negozju tagħhom. Il-grad ta' sostitwibbiltà bejn l-istrumenti maħruġa minn dawn tal-aħħar u d-depożiti miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu jiddetermina il-klassifikazzjoni tagħhom, sakemm dawn jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' IFM f'aspetti oħra. Fil-każ ta' impriżi ta' investiment kollettiv, il-MMFs jissodisfaw il-kundizzjonijiet miftehma għall-likwidità u għalhekk huma inklużi fis-settur IFM (ara l-prinċipji ta' identifikazzjoni ta' l-IFMi fl-Anness I, Parti 1);

— "Stat Membru parteċipanti" għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

— "Stat Membru mhux parteċipanti" tfisser Stat Membru li ma adottax l-euro;

— "aġent ta' rappurtar" għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

— "residenti" għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

— "korporazzjoni finanzjarja" (FVC) tfisser korporazzjoni finanzjarja kif definita fl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 24/2009 (BĊE/2008/30);

— "*securitisation*" tfisser transazzjoni li hija jew: (a) *securitisation* tradizzjonali kif definita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE; u/jew (b) *securitisation* kif definita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 24/2009 (BĊE/2008/30) u li tinvolvi l-allokazzjoni ta' self li huwa *securitised* lil FVC;

— "istituzzjoni ta' flus elettroniċi" u "flus elettroniċi" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2000/46/KE;

— "*write-down*" tfisser it-tnaqqis dirett ta' l-ammont li jiddekorri ta' self fuq il-karta tal-bilanċ minħabba l-*impairment* tiegħu;

— "servitur" tfisser IFM li timmaniġġja is-self li fuqu tibbaża s-*securitisation* fuq bażi ta' kuljum skont il-kollezzjoni ta' kapital u interessi minn dawk obbligati, li imbgħad jgħaddi lill-investituri tal-iskema tas-*securitisation*;

— "allokazzjoni ta' self" tfisser it-trasferiment ekonomiku ta' self jew ġabra ta' self mill-aġent ta' rappurtar għal min jitrasferixxi mhux IFM, li jseħħ jew bi trasferiment ta' pussess jew b'sub parteċipazzjoni;

— "akkwist ta' self" tfisser it-trasferiment ekonomiku ta' self jew ġabra ta' self minn min jitrasferixxi mhux IFM għall-aġent ta' rappurtar, li jseħħ jew bi trasferiment ta' pussess jew b'sub parteċipazzjoni.

*Artikolu 2*

**Popolazzjoni attwali ta' rappurtar**

1. Il-popolazzjoni attwali ta' rappurtar għandha tikkonsisti fl-IFMi residenti fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti (konformi ma' l-Anness II, Parti 1).

2. L-IFMi fil-popolazzjoni ta' rappurtar għandhom ikunu suġġetti għal obbligi ta' rappurtar komprensivi sakemm tapplika deroga mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 8.

3. Entitajiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' IFM għandhom jaqgħu taħt l-iskop ta' dan ir-Regolament anki jekk huma ġew esklużi mill-iskop tad-Direttiva 2006/48/KE.

4. Għall-għanijiet tal-ġbir ta' tagħrif dwar ir-residenza ta' detenturi ta' ishma/unitajiet ta' MMFs kif speċifikat fl-Anness 1, Parti 2, Taqsima 5.5, il-popolazzjoni attwali ta' rappurtar għandha wkoll tikkonsisti f'intermedjarji finanzjarji oħra ħlief korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (IFO), kif mfisser fl-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98, mingħajr preġudizzju għal kull deroga.

*Artikolu 3*

**Lista tal-IFMi għal għanijiet statistiċi**

1. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jistabbilixxi u jżomm lista tal-IFMi għal għanijiet statistiċi, filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' dak li għandu x'jaqsam mal-frekwenza u l-puntwalità li jirriżultaw mill-użu tiegħu fil-kuntest tas-sistema ta' riżervi minimi tal-BĊE. Il-lista tal-IFMi għal għanijiet statistiċi għandu jkollha nota jekk l-IFMi humiex suġġetti jew le għas-sistema ta' riżervi minimi tal-BĊE. Il-lista tal-IFMi għandha tkun aġġornata, eżatta u omoġenja kemm jista' jkun u stabbli biżżejjed għal għanijiet statistiċi.

2. Il-lista ta' IFMi għal skopijiet statistiċi u l-aġġornamenti tagħha għandhom ikunu aċċessibbli mill-BĊNi u l-BĊE għall-aġenti ta' rappurtar f'manjiera xierqa, inklużi mezzi elettroniċi, permezz tal-Internet jew, fuq it-talba tal-aġenti ta' rappurtar, fuq il-karta.

3. Il-lista ta' IFMi għal għanijiet statistiċi għandha tkun għat-tagħrif biss. Iżda, fil-każ li l-aħħar verżjoni aċċessibbli tal-lista ma tkunx korretta, il-BĊE ma għandux jimponi sanzjonijiet fuq xi entità li ma twettaqx kif misthoqq ir-rekwiżiti tagħha ta' rappurtar sakemm din tkun qagħdet *in bona fede* fuq il-lista mhux korretta.

[1] Inklużi l-ammonti ta' flus li jkun hemm mill-bejgħ ta' bonds lill-pubbliku.
[2] ĠU L 275, 27.10.2000, p. 39.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti għar-rapportar statistiku**

1. Il-popolazzjoni attwali ta' rappurtar għandha tirraporta lill-BĊN tal-Istat Membru li fih l-IFM hija residenti stokks ta' kull xahar li jkollhom x'jaqsmu mal-karta tal-bilanċ tagħha tal-aħħar tax-xahar u aġġustamenti fir-rivalutazzjoni aggregata ta' kull xahar. Aġġustamenti fir-rivalutazzjoni aggregata għandhom jiġu rrappurtati rigward telf imniżżel/telf imħassar ta' self li jikkorrispondu mas-self mogħti mill-aġenti ta' rappurtar u li jkopri rivalutazzjoni ta' prezz ta' titoli. Aktar dettalji fuq ċerti oġġetti fil-karta tal-bilanċ u tagħrif li mhuwiex tal-karta tal-bilanċ għandhom jiġu rrappurtati kull trimestru jew kull sena. It-tagħrif statistiku meħtieġ huwa speċifikat fl-Anness I.

2. Il-BĊNi jistgħu jiġbru t-tagħrif statistiku meħtieġ dwar titoli maħruġa u miżmuma mill-IFMi titolu b'titolu, sakemm id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 tkun tista' tiġi dedotta skont l-istandards statistiċi minimi kif speċifikat fl-Anness IV.

3. L-IFMi għandhom jirrappurtaw bi qbil mar-rekwiżiti minimi mniżżla fit-Tabella 1 A tal-Parti 5 ta' l-Anness I, l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni ta' kull xahar fir-rigward tad-dejta sħiħa meħtieġa mill-BĊE. Il-BĊNi jistgħu jiġbru dejta addizzjonali mhux milquta b'dawn ir-rekwiżiti minimi. Din id-dejta addizzjonali tista' tirreferi għat-tqassim imniżżel fit-Tabella 1 A li ma tkunx tar-"rekwiżiti minimi".

4. Barra minn dan, il-BĊE jista' wkoll jitlob tagħrif li jispjega l-aġġustamenti fir-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn" miġbura mill-BĊNi.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti ta' rappurtar statistiku addizzjonali għal *securitisation* ta' self u trasferimenti ta' self oħra**

IFMi għandhom jirrapurtaw li ġej skont Parti 6 tal-Anness I:

1. Il-fluss nett ta' *securitisations* ta' self u trasferimenti ta' self oħra li seħħew waqt il-perijodu ta' rappurtar;

2. L-ammont ta' l-aħħar tat-trimestru li ma jkunx tħallas fir-rigward tas-self kollu li għalih l-IFM taġixxi bħala *servicer* f'*securitisation;*

3. Meta jiġi applikat l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 39 (IAS 39) jew regoli nazzjonali tal-kontabbiltà simili, l-ammont ta' l-aħħar tat-trimestru li ma jkunx tħallas fir-rigward ta' self mibjugħ (*disposed*) permezz ta' *securitisation* imma li jkun għadu jidher fil-karta tal-bilanċ.

*Artikolu 6*

**Puntwalità**

1. Il-BĊNi għandhom jiddeċiedu meta jeħtieġu li jirċievu t-tagħrif mingħand l-aġenti ta' rappurtar skont l-Artikolu 4 sabiex jilħqu l-iskadenzi msemmijin hawn isfel, billi jqisu, fejn hemm bżonn, ir-rekwiżiti għall-puntwalità tas-sistema ta' riżervi minimi tal-BĊE, u għandhom jinfurmaw għalhekk lill-aġenti ta' rappurtar.

2. Il-BĊN għandhom jittrażmettu lill-BĊE l-istatistika ta' kull xahar qabel l-aħħar tal-ħmistax-il jum ta' xogħol ta' wara l-aħħar tax-xahar li tirreferi għalih.

3. Il-BĊNi għandhom jittrasmettu lill-BĊE l-istatistika ta' kull tliet xhur qabel l-aħħar tat-tmienja u għoxrin jum ta' xogħol ta' wara l-aħħar trimestru li jirreferu għalih.

4. Statistika annwali għandha tiġi trażmessa mill-BĊNi lill-BĊE skont l-Artikolu 17(2) tal-Linja Gwida BĊE/2007/9 tal-1 t' Awwissu 2007 dwar statistika monetarja, ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq (abbozzata mill-ġdid) ([1]).

*Artikolu 7*

**Regoli ta' kontabilità għall-iskopijiet ta' rappurtar statistiku**

1. Sakemm ma huwiex ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament, ir-regoli tal-kontabbiltà segwiti mill-IFMi għall-għanijiet tar-rappurtar skont dan ir-Regolament huma dawk stabbiliti fit-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru, 1986, dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn ([2]), kif ukoll f' kull standard ieħor internazzjonali applikabbli.

2. Id-depożiti u s-self għandhom jiġu rrappurtati skont l-ammont kapitali mhux imħallas fl-aħħar tax-xahar. *Write-downs* kif iddeterminati mill-prattiċi rilevanti ta' kontabilità għandhom jiġu esklużi minn dan l-ammont. Id-depożiti u s-self m'għandhomx ikunu *netted* kontra kull attiv u passiv ieħor.

3. Mingħajr preġudizzju għall-prattiċi tal-kontabbiltà u l-arranġamenti ta' *netting* l-aktar użati fl-Istati Membri, għall-għanijiet ta' statistika l-attiv u l-passiv finanzjarju kollu għandu jiġi rrappurtat skont bażi grossa.

4. Il-BĊNi jistgħu jħallu r-rappurtar ta' self kopert wara li jitnaqqsu l-koperturi u r-rappurtar ta' self mixtri skont il-prezz miftiehem fil-ħin tal-akkwist tagħhom, bil-kundizzjoni li dawn il-prattiċi tar-rappurtar jiġu applikati mill-aġenti tar-rappurtar kollha residenti u huma meħtieġa biex tinżamm il-kontinwità fil-valutazzjoni statistika tas-self fir-rigward tad-dejta rrappurtata għal perjodi qabel Jannar 2005.

*Artikolu 8*

**Derogi**

1. Derogi jistgħu jingħataw lil IFMi żgħar (IFMi fid-"denb").

(a) BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil IFMi żgħar, iżda l-kontribuzzjoni magħquda tagħhom għal karta ta' bilanċ nazzjonali tal-IFM f'termini ta' stokks ma jaqbiżx il-5 %;

([1]) ĠU L 341, 27.12.2007, p. 1

([2]) ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1

(b) fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, id-derogi riferuti fil-punt (a) għandu jkollhom l-effett li jnaqqsu ir-rekwiżiti ta' rappurtar ta' statistika ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li għalihom japplikaw dawn id-derogi mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti għall-kalkolu ta' riżervi minimi kif imniżżel fl-Anness III;

(ċ) fir-rigward ta' IFMi żgħar li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu, fejn tapplika deroga riferita f'punt (a) il-BĊNi għandhom ikomplu, bħala minimu, jiġbru d-dejta relatata mal-karta tal-bilanċ totali għalmenu kull sens sabiex id-daws tar-rappurtar tad-'denb' jista' jiġi mmonitorjat;

(d) mingħajr preġudizzju għal punt (a) il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jibbenefikawx mir-reġim mniżżel f'punti (a) u (b) bl-effett li jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' rappurtar tagħhom skont Parti 7 tal-Anness I, iżda l-kontribuzzjoni kombinata tagħhom għall-karta tal-bilanċ nazzjonali tal-IFM fit-termini ta' stokk la għandha taqbeż l-10 % tal-karta tal-bilanċ nazzjonali tal-IFM u lanqas il-1 % tal-karta tal-bilanċ taż-żona euro tal-IFM;

(e) Il-BĊN għandhom jivverifikaw it-twettieq tal-kundizzjonijiet mniżżla fil-punti (a) u (d) malajr sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk ikun hemm bżonn, xi deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena;

(f) IFMi żgħar jistgħu jagħżlu li ma jużawx id-derogi u jwettqu r-rekwiżit ta' rappurtar kollha minflok.

2. Derogi jistgħu jingħataw lill-MMFs.

Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil MMFs mir-rekwiżiti ta' rappurtar mniżżla fl-Artikolu 4(1) bil-kundizzjoni li l-MMFs minflok iridu jirrapurtaw dejta tal-karta ta' bilanċ skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8), suġġett għar-rekwiżiti li ġejjin:

— MMFs jirrapurtaw din id-dejta fuq bażi ta' kull xahar skont it-'trattament kombinat' mniżżel fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8) u skont ir-rekwiżiti għall-puntwalità mniżżla fl-Artikolu;

— MMFs jirrapurtaw dejta dwar stokk tal-aħħar tax-xahar dwar ishma/unitajiet tal-MMF skont ir-rekwiżiti għall-puntwalità mniżżla fl-Artikolu 6(2).

3. Jistgħu jingħataw derogi lill-ishma/untitajiet tal-MMFs.

(a) "ishma/unitajiet reġistrati tal-MMF" tfisser ishma/unitajiet tal-MMF li fir-rigward tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, jinżamm rekord li jidentifika d-detentur(i) tagħhom, inkluż tagħrif dwar ir-residenza tad-dententur(i). 'Ishma/unitajiet bearer tal-MMF' tfisser 'ishma/unitajiet tal-MMF' li fir-rigward tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ma jinżammx rekord li jidentifika d-detentur (i) tagħhom, jew li fir-rigward tagħhom jinżamm rekord li ma jkollux tagħrif dwar ir-residenza tad-dententur(i).

(b) Fejn ishma/unitajiet reġistrati jew ishma/unitajiet bearer jinħarġu għall-ewwel darba jew fejn żviluppi tas-suq jeħtieġu bidla fl-opzjoni jew possibbiltà ta' opzjonijiet (kif definit fit-Taqsima 5.5 ta' Parti 2 ta' l-Anness I), il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi għal sena fir-rigward tar-rekwiżiti mniżżla fit-Taqsima 5.5 ta' Parti 2 ta' l-Anness I.

(c) Fir-rigward tar-residenza tad-detenturi tal-ishma/unitajiet tal-MMF, BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil aġenti ta' rappurtar iżda t-tagħrif statistiku meħtieġ għandu jinġabar minn fonti disponibbli oħra skont it-Taqsima 5.5 ta' Parti 2 ta' l-Anness I. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw it-twettieq ta' din il-kundizzjoni malajr sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk ikun hemm bżonn, xi deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena bi ftehim mal-BĊE. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, BĊNi jistgħu jistabilixxu u jżommu lista ta' IFO li jirrapurtaw skont il-prinċipji mniżżla fit-Taqsima 5.5 ta' Parti 2 ta' l-Anness I.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, derogi jistgħu jingħataw lill-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi.

(a) Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2006/48/KE u għall-Artikolu 2 tar-Regolament BĊE/2003/9 u suġġett għal punt (b), BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi individwali. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw it-twettiq tar-rekwiżiti ta' punt (b) malajr sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk ikun hemm bżonn, xi deroga. Kull BĊN li jagħti din id-deroga għandu jinforma lill-BĊE;

(b) Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi individwali jekk tal-anqas waħda minn dawn il-kondizzjonijiet hija mwettqa:

(i) il-flus elettroniċi li huma joħorġu huma aċċettati bħala pagament biss minn numru limitat ta' impriżi, li jistgħu jintgħarfu b'mod ċar minn:

— il-lok tagħhom huwa fl-istess bini jew żona lokali limitata oħra, u/jew

— ir-relazzjoni finanzjarja jew ta' negozju mill-qrib tagħhom mal-istituzzjoni li ħarġithom, bħal komproprjetà, struttura ta' marketing jew ta' distribuzzjoni, anki jekk l-istituzzjoni li ħarġithom u l-impriża li taċċetthom huma mwaqqfin bħala entitajiet legali separati; jew

(ii) 'il fuq minn tliet kwarti tal-karta tal-bilanċ totali tagħhom ma hijiex relatata mal-ħruġ jew l-amministrazzjoni ta' flus elettroniċi u l-passiv rigward il-flus elettroniċi maħruġa ma huwiex ta' iktar minn EUR 100 miljun.

(ċ) Jekk istituzzjoni ta' flus elettroniċi li tingħata deroga ma tiġix eżentata mir-rekwiżiti ta' riżervi minimi, din għandha tirrapporta, bħala minimu, id-dejta ta' kull tlett xhur neċessarja biex jiġi kkalkulat il-bażi ta' riserva, kif stabbilit fl-Anness III. L-istituzzjoni tista' tagħżel li tirraporta sett limitat ta' dejta għall-bażi ta' riserva kull xahar.

(d) Kull meta istituzzjoni ta' flus elettroniċi individwali tingħata deroga, il-BĊE għandu għal għanijiet statistiċi, iniżżel din l-istituzzjoni fil-lista tal-IFMi bħala korporazzjoni mhux finanzjarja. L-istituzzjoni għandha tigi meqjusa wkoll bħala korporazzjoni mhux finanzjarja f'sitwazzjonijiet fejn hija l-kontraparti ta' IFM. L-istituzzjoni għandha tibqa' tiġi meqjusa bħala istituzzjoni ta' kreditu għall-finijiet tar-rekwiżiti tar-riżervi minimi tal-BĊE.

5. Derogi jistgħu jingħataw fir-rigward ta' aġġustamenti ta' rivalutazzjoni.

(a) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-BĊNi jistgħu jikkonċedu derogi rigward ir-rappurtar ta' aġġustamenti ta' rivalutazzjoni lill-MMFs, filwaqt li jneħħu mill-MMFs kull ħtieġa li jiġu rrappurtati l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni.

(b) Il-BĊNi jistgħu jikkonċedu derogi rigward il-frekwenza u l-puntwalità tar-rappurtar ta' rivalutazzjoni ta' prezz ta' titoli u jeħtieġu din id-dejta fuq bażi trimestrali u bl-istess puntwalità bħad-dejta tal-istokk rappurtata fuq bażi trimestrali mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) aġenti ta' rappurtar li jużaw metodi differenti ta' valutazzjoni, għandhom jipprovdu l-BĊNi bit-tagħrif rilevanti fuq prattiki ta' valutazzjoni, inklużi indikazzjonijiet kwantitattivi fuq il-persentaġġ tal-investimenti tagħhom ta' dawn l-istrumenti;

(ii) fejn tkun seħħet rivalutazzjoni ta' prezz sostanzjali, il-BĊNi għandhom ikunu intitolati li jitolbu lill-aġenti ta' rappurtar biex jipprovdu tagħrif addizzjonali li għandu x'jaqsam max-xahar li fih dan ikun seħħ.

(ċ) Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi fir-rigward tar-rappurtar tar-rivalutazzjonijiet tal-prezzijiet tat-titoli, inkluż l-għoti ta' eżenzjoni sħiħa minn kull rappurtar bħal dan, lil istituzzjonijiet ta' kreditu li jirrappurtaw titolu b'titolu l-istokks tat-titoli ta' kull xahar, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) l-informazzjoni rrappurtata tinkludi, għal kull titolu, il-valur li jiddekorri tiegħu fuq il-karta tal-bilanċ;

(ii) għal titoli mingħajr kodiċijiet ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament, l-informazzjoni rrappurtata tinkludi informazzjoni dwar il-kategorija ta' l-istrumenti, il-maturità u dwar min joħroġ it-titoli, li ta' lanqas tkun biżżejjed biex wieħed ikun jista' jasal għall-kategorizzazzjonijiet iddefiniti bħala 'rekwiżiti minimi' f'Parti 5 ta' l-Anness I.

6. Jistgħu jingħataw derogi fir-rigward tar-rappurtar statistiku tas-self li huwa allokat permezz ta' *securitisation*.

IFMi li japplikaw l-IAS 39 jew regoli nazzjonali simili ta' kontabilità jistgħu jitħallew mill-BĊN tagħhom biex jeskludu, mill-istokks meħtieġa minn Parti 2 u 3 ta' l-Anness I, kull self allokat permezz ta' *securitisation* skond il-prattika nazzjonali, bil-kundizzjoni li din il-prattika hija applikata mill-IFMi residenti kollha.

7. Jistgħu jingħataw derogi fir-rigward ta' ċerti stokks trimestrali relatati ma' Stati Membri barra ż-żona ta' l-euro.

Jekk il-figuri miġbura f'livell aktar għoli ta' aggregazzjoni juru li l-pożizzjonijiet fil-konfront tal-kontrapartijiet residenti f'xi Stat Membru jew il-pożizzjonijiet fil-konfront tal-valuta ta' xi Stat Membru li ma adottax l-euro huma mingħajr importanza, BĊN jista' jiddeċiedi li ma jeħtieġx dan ir-rappurtar dwar dan l-Istat Membru. Il-BĊN għandu jinforma lill-aġenti ta' rappurtar tiegħu b'kull deċiżjoni bħal din.

*Artikolu 9*

**Standards minimi u arranġamenti ta' rappurtar nazzjonali**

1. It-tagħrif statistiku meħtieġ għandu jiġi rrappurtat bi qbil mal-livelli minimi tat-trażmissjoni, l-eżattezza, il-konformità konċettwali u r-reviżjonijiet kif stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw l-arranġamenti ta' rappurtar li jridu jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwali ta' rappurtar bi qbil mal-karatteristiċi nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti ta' rappurtar jipprovdu t-tagħrif statistiku meħtieġ u jippermettu l-verifika ta' konformità mal-livelli minimi tat-trażmissjoni, l-eżattezza, il-konformità konċettwali u r-reviżjonijiet kif stabbiliti fl-Anness IV.

*Artikolu 10*

**Għaqdiet, diviżjonijiet u riorganizzazzjonijiet**

Fil-każ ta' għaqda, diviżjoni jew kull riorganizzazzjoni oħra li tista' taffettwa t-twettiq tal-obbligazzjonijiet statistiċi tiegħu, l-aġent ta' rappurtar involut għandu jgħarraf lill-BĊN rilevanti, ladarba tkun saret pubblika l-intenzjoni ta' implimentazzjoni ta' operazzjoni bħal din u fi żmien raġonevoli qabel ma sseħħ l-għaqda, it-tqassim jew ir-riorganizzazzjoni, bil-proċeduri li huma ppjanati li jwettqu r-rekwiżiti statistiċi ta' rappurtar stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*

**Użu tat-tagħrif statistiku rappurtat għall-għan ta' riżervi minimi**

1. It-tagħrif statistiku rappurtat bi qbil ma' dan ir-Regolament mill-istituzzjonijet ta' kreditu għandu jiġi użat minn kull istituzzjoni ta' kreditu biex jikkalkola l-bażi ta' riserva tiegħu bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9). Partikolarment, kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tuża dan it-tagħrif biex tivverifika t-twettiq tal-ħtieġa tagħha ta' riserva matul il-perjodu tal-manutenzjoni.

2. Id-dejta tal-bażi ta' riserva għall-istituzzjonijiet iż-żgħar fid-"denb" għal tliet perjodi ta' manutenzjoni għandha tkun ibbażata fuq dejta tal-aħħar kwart tas-sena miġbura mill-BĊNi sa 28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li tirreferi għalih.

3. Ir-regoli speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' riserva minima tal-BĊE huma dikjarati fl-Anness III ma' dan ir-Regolament. F'każ ta' konflitt, dawn ir-regoli speċjali għandhom jipprevalu fuq kull dispożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 BĊE/2003/9.

4. Sabiex jiġi faċilitat l-immaniġġjar tal-likwidità tal-BĊE u tal-istituzzjonijet ta' kreditu, ir-rekwiżiti ta' riserva għandhom jiġu kkonfermati mhux iktar tard mill-ewwel ġurnata tal-perjodu tal-manutenzjoni; iżda jista' jkun hemm bżonn għall-istituzzjonijet ta' kreditu li jirrapurtaw reviżjonijet għall-bażi ta' riserva jew għal rekwiżiti ta' riserva li ġew ikkonfermati. Il-proċeduri għal konferma tar-rekwiżiti ta' riserva huma mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-aġenti ta' rappurtar li jirrappurtaw tagħrif statistiku korrett u li jirrevedu mill-aktar fis possibli kull tagħrif statistiku mhux korrett li diġa jkunu rrappurtaw.

*Artikolu 12*

**Verifika u ġbir obbligatorju**

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-dritt biex jivverifikaw jew jiġbru t-tagħrif li l-aġenti ta' rappurtar huma meħtieġa jagħtu skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-BĊE li jeżerċità huwa nnifsu dan id-dritt. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom jeżerċitaw dan id-dritt meta istituzzjoni inkluża fil-popolazzjoni attwali ta' rappurtar ma tissodisfax l-istandards minimi ta' trasmissjoni, eżattezza, konformità konċettwali u reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.

*Artikolu 13*

**L-ewwel rappurtar**

1. L-ewwel rappurtar skont dan ir-Regolament għandu jibda b'dejta għal Ġunju 2010, inkluża dejta lura lejn Diċembru 2009 għat-Tabella 5 biss.

2. L-ewwel rappurtar skont dan ir-Regolament fir-rigward taċ-ċelluli li jikkorrispondu ma' self sindakat fit-Tabella 1 ta' Parti 2 ta' l-Anness I, għandu jibda b'dejta għal Diċembru 2011.

3. L-ewwel rappurtar skont dan ir-Regolament dwar iċ-ċelluli li jikkorrispondu mal-Istati Membri li adottaw l-euro fit-Tabella 3 ta' Parti 3 ta' l-Anness I, għandu jibda bl-ewwel dejta trimestrali wara d-data ta' l-adozzjoni tagħhom ta' l-euro.

4. L-ewwel rappurtar skont dan ir-Regolament dwar iċ-ċelluli li jikkorrispondu mal-Istati Membri li ma adottawx l-euro fit-Tabelli 3 u 4 ta' Parti 3 ta' Anness I għandu jibda bl-ewwel dejta trimestrali wara d-data tad-dħul tagħhom fl-UE. Jekk il-BĊN rilevanti jiddeċidi li ma jeħtieġx l-ewwel rappurtar ta' dejta mhux importanti li jibda bid-dejta tal-ewwel trimestru wara d-data tad-dħul fl-UE tal-Istat Membru jew l-Istati Membri relevanti, ir-rappurtar għandu jibda 12-il xahar wara li l-BĊNi jinforma lill-aġenti ta' rappurtar li d-dejta hi meħtieġa.

*Artikolu 14*

**Revoka**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) għandu jiġi rrevokat b'effett mill-1 ta' Lulju 2010.

2. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw bi qbil mat-tabella ta' korrelazzjoni li tidher fl-Anness V.

*Artikolu 15*

**Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2010.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

*ANNESS I*

**ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI MONETARJI U REKWIŻITI TA' RAPPURTAR STATISTIKU**

*Introduzzjoni*

Is-sistema statistika għall-Istati Membri parteċipanti li tkopri l-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni finanzjarja monetarja (IMF) tinkludi dawn iż-żewġ elementi prinċipali li ġejjin:

(a) lista ta' IFMi għal għanijiet ta' statistika (ara l-Parti 1 għall-identifikazzjoni ta' ċerti IFMi); u

(b) speċifikazzjoni tat-tagħrif statistiku rappurtat minn dawn l-IFMi fi frekwenza ta' kull xahar, kull tliet xhur u annwali (ara l-Partijiet 2, 3, 4, 5, 6 u 7).

Sabiex jinġabar it-tagħrif kollu dwar il-karti tal-bilanċ tal-IMFi, huwa neċessarju ukoll li jiġu imposti ċerti rekwiżiti ta' rappurtar għal intermedjarji finanzjarji oħra ħlief għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni ("IFO"), meta jaġixxu fil-kuntest ta' attivitajiet finanzjarji li jinvolvu ishma/unitajiet tal-fondi fis-suq tal-flus (MMF). Dan it-tagħrif statistiku jinġabar mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) mingħand l-IFMi u mingħand l-IFO, skont il-Parti 2 u skont arranġamenti nazzjonali li jiddependu fuq id-definizzjonijiet u l-klassifiki armonizzati dikjarati fl-Artikolu 1 u fl-Anness II.

L-istokk tal-flus jinkludi karti tal-flus u muniti fiċ-ċirkolazzjoni u passiv monetarju ieħor (depożiti u strumenti finanzjarji oħra li huma sostitut għal depożiti) tal-IFMi. Il-kontraparti tal-istokk tal-flus jinkludi kull oġġett ieħor fil-karta tal-bilanċ tal-IFM. Il-BĊE jikkompila wkoll tranżazzjonijiet finanzjarji derivati mill-istokks u minn dejta oħra, inkluż l-aġġustament tar-rivalutazzjoni tad-dejta rrapportat mill-IFMi (ara Parti 5).

It-tagħrif statistiku meħtieġ mill-BĊE huwa spjegat fil-qosor fil-Parti 8.

PARTI 1

**Identifikazzjoni ta' ċerti IFMi**

***Taqsima 1: Identifikazzjoni ta' ċerti IFMi bbażata fuq prinċipji ta' sostitwibbilità ta' depożiti***

1.1. Istituzzjonijiet finanzjarji li ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu li joħorġu strumenti finanzjarji kkunsidrati bħala sostituti mill-qrib għal depożiti huma klassifikati bħala IFMi iżda għandhom jissodisfaw id-definizzjoni ta' IFM f'aspetti oħra. Il-klassifikazzjoni hi bbażata fuq il-kriterji tal-abbiltà ta' sostituzzjoni tad-depożiti (jiġifieri jekk passiv huwiex ikklassifikat bħala depożiti) li jiġi stabbilit mil-likwidità tagħhom, huma u jikkombinaw karatteristiċi ta' trasferibbiltà, konvertibbiltà, ċertezza u kemm jimxu fis-suq, u jqisu, fejn hu xieraq, it-termini tal-ħruġ.

Dawn il-kriterji għas-sostitwibbiltà ta' depożiti huma applikati wkoll biex jiġi ddeterminat jekk passiv għandux jiġu klassifikat bħala depożiti, jekk ma jkunx hemm kategorija separata għal dan il-passiv.

1.2. Għall-għanijiet kemm biex tiġi determinata l-abbiltà ta' sostituzzjoni ta' depożiti kif ukoll l-ikklassifikar ta' passiv bħala depożiti:

— it-trasferibbiltà tirreferi għall-possibbiltà li jiġu mobilizzati fondi mqiegħda fi strument finanzjarju bl-użu ta' faċilitajiet ta' ħlas, bħalma huma ċekkijiet, ordnijiet ta' trasferimenti, debiti diretti jew mezzi bħal dawn,

— il-konvertibbiltà tirreferi għall-possibbiltà u l-ispiża li tikkonverti strumenti finanzjarji f'valuta jew depożiti trasferibbli; it-telf ta' vantaġġi fiskali f'din il-konverżjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala tip ta' penali li tnaqqas il-grad ta' likwidità,

— iċ-ċertezza tfisser li jkun magħruf bil-preċiż minn qabel il-valur kapitali ta' strument finanzjarju f'termini ta' valuta nazzjonali, u

— it-titoli kkwotati u nnegozjati regolarment f'suq organizzat huma kkunsidrati bħala kummerċjabbli fis-suq. Għal ishma f'impriżi ta' investiment kollettiv bla żmien speċifiku, ma hemm l-ebda suq fis-sens tas-soltu. Madankollu, l-investituri jkunu jafu kuljum il-kwotazzjoni tal-ishma u jistgħu jirtiraw il-fondi b'dak il-prezz.

***Taqsima 2: Prinċipji għall-identifikazzjoni tal-MMFs***

2.1. MMFs huma definiti bħala dawk l-Impriżi ta' Investiment Kollettiv (CIUs) li l-ishma/unitajiet tagħhom huma, f'termini ta' likwidità, sostituti mill-qrib ta' depożiti u li primarjament jinvestu fi strumenti tas-swieq tal-flus u jew f'ishma/unitajiet ta' MMF u/jew fi strumenti oħra ta' dejn trasferibbli b'maturità reżidiwa li twassal sa u tinkludi sena waħda, u/jew f'depoziti tal-bank, u/jew li jsegwu rata ta' qligħ li teqreb lejn ir-rati ta' imgħax tal-istrumenti tas-suq tal-flus. Il-kriterji applikati biex jiġu identifikati l-MMFs huma miksubin mill-prospett pubbliku, kif ukoll ir-regoli tal-fondi, l-istrumenti ta' inkorporazzjoni, l-istatuti jew ir-regolamenti stabbiliti, id-dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew il-kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' *marketing*, jew kull dikjarazzjoni oħra b'effetti simili, tas-CIUs.

L-MMF innifisha jew il-persuna legali li tirrappreżentha għandha tiżgura li l-għoti ta' kull tagħrif meħtieġ sabiex tissodisfa r-rekwiżiti ta' rappurtar ta' statistika tagħha. Fejn neċessarju għal raġunijiet prattiċi, id-dejta tista' tiġi sottomessa b'mod effettiv minn kull entità li taħdem fil-kuntest ta' attivitajiet finanzjarji li jinvolvu l-ishma/unitajiet tal-MMF, bħal depożitarji.

2.2. Sabiex jiġu ddefiniti l-MMFs:

— "CIUs" ifissru impriżi li l-għan waħdieni tagħhom huwa l-investiment kollettiv ta' kapital miġbur minn fost il-pubbliku u li l-unitajiet tagħhom huma, fuq it-talba tad-detenturi, mixtrija mill-ġdid jew mifdija direttament jew indirettament mill-assi tal-impriża. Dawn l-impriżi jistgħu jkunu kkostitwiti skont il-liġi, jew skont il-liġi tal-kuntratti (bħala fondi komuni maniġġjati minn kumpanniji ta' tmexxija), jew skont il-liġi tat-*trusts* (bħala unitajiet tat-*trusts*) jew skont il-liġi tal-kumpanniji (bħala kumpanniji ta' investment),

— "depożiti bankarji" jfissru depożiti fi flus kontanti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu, li jitħallsu lura mat-talba jew wara avviż bil-quddiem ta' sa tliet xhur minn qabel, jew b'maturitajiet miftehma ta' sa sentejn, inkluż is-somom imħallsa lil istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward ta' trasferiment ta' titoli skont ftehim ta' xiri mill-ġdid jew ta' self ta' titoli,

— "sostitwibbiltà mill-qrib għal depożiti f'termini ta' likwidità" tfisser l-abbiltà ta' unitajiet tas-CIUs, skont iċ-ċirkustanzi normali tas-suq, li jridu jinxtraw mill-ġdid, jinfdew jew jiġu ttrasferiti, fuq it-talba tad-detentur, fejn il-likwidità tal-unitajiet hija komparabbli mal-likwidità tad-depożiti,

— "primarjament" tfisser mill-inqas 85 % tal-portafoll tal-investiment,

— "strumenti tas-suq tal-flus" ifissru dawk il-klassijiet ta' strumenti ta' dejn trasferibbli li huma normalment innegozjati fis-suq tal-flus (per eżempju, ċertifikati ta' depożiti, karti kummerċjali u aċċettazzjonjiet ta' bankier, kambjala tat-teżor jew ta' awtoritajiet lokali) minħabba l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) il-likwidità, fejn ikunu jistgħu jinxtraw mill-ġdid, jinfdew jew jinbiegħu għal nefqa limitata, fit-termini ta' ħlas u/jew offerta baxxa, u b'dewmien ta' ħlas qasir ħafna; u

(b) il-kobor tas-suq, fejn huma nnegozjati f'suq li huwa kapaċi jassorbi volum kbir ta' tranżazzjonijiet, b'dan in-negozju ta' ammonti kbar ikollu impatt limitat fuq il-prezz tagħhom; u

(ċ) iċ-ċertezza fil-valur, fejn il-valur tagħhom jista' jiġi stabbilit b'eżattezza f'kull waqt jew għall-inqas darba fix-xahar; u

(d) ir-riskju baxx fuq l-imgħax, fejn għandhom maturità residwa ta' sa u jinkludu sena waħda, jew aġġustamenti ta' rendiment regolari skont il-kondizzjonijiet tas-suq tal-flus għall inqas kull 12-il xahar; u

(e) ir-riskju baxx ta' kreditu, fejn dawn l-istrumenti huma jew:

(1) imdaħħla fil-listi uffiċjali f'borża jew innegozjati fi swieq oħra rregolati li jaħdmu regolarment, huma magħrufa mill-pubbliku u miftuħa għalih, jew

(2) maħruġa taħt regolamenti mirati biex jipproteġu l-investituri u t-tifdil, jew

(3) maħruġa minn:

— awtorità ċentrali, reġjonali jew lokali, il-bank ċentrali ta' Stat Membru, l-Unjoni Ewropea, il-BĊE, il-Bank Ewropew ta' Investiment, Stat mhux Membru jew, jekk dan tal-aħħar huwa stat federali, minn wieħed mill-membri li jiffurmaw il-federazzjoni, jew minn korp pubbliku internazzjonali li għalih jappartjieni Stat Membru wieħed jew aktar,

jew

— stabbiliment imwaqqaf mingħajr preġudizzju għal sorveljanza prudenti bi qbil mal-kriterji definiti bil-liġi Komunitarja, jew minn stabbiliment li hu suġġett għal u jikkonforma mar-regoli ta' prudenza meqjusa mill-awtoritajiet kompetenti bħala tal-inqas stretti bħal dawk preskritti bil-liġi Komunitarja, jew iggarantiti minn kull stabbiliment bħal dan,

jew

— impriża li t-titoli tagħha jkunu ġew imdaħħla fil-lista uffiċjali ta' borża jew huma negozjati fi swieq oħra rregolati li jaħdmu regolarment, u li huma magħrufa u miftuħa għall-pubbliku.

PARTI 2

**Il-karta tal-bilanċ (stokks ta' kull xahar)**

Biex jikkompila l-aggregati monetarji u l-kontrapartijiet fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti, il-BĊE jeħtieġ id-dejta tat-Tabella 1 kif ġej:

1. **Kategoriji ta' strument**

(a) *Passiv*

Il-kategoriji relevanti ta' strumenti huma: flus fiċ-ċirkolazzjoni, passiv ta' depożiti, ishma/unitajiet ta' MMF maħruġa, titoli maħruġa ta' dejn, kapital u riżervi u l-bqija tal-assi. Sabiex jinfirdu r-responsabbiltajiet monetarji minn dawk mhux monetarji, passiv ta' depożiti jinqasmu wkoll f'depożiti ta' matul il-lejl, depożiti b'maturità miftiehma, depożiti mifdija b'avviż u ftehim ta' xiri mill-ġdid (repos). Ara d-definizzjonijiet fl-Anness II.

(b) *Attiv*

Il-kategoriji ta' strument relevanti huma: flus kontanti, self, titoli li mhumiex ishma, ishma/unitajiet ta' MMF, ishma u ekwitajiet oħra, assi fissi u l-bqija tal-assi. Ara d-definizzjonijiet fl-Anness II.

2. **Tqassim skont il-maturità**

Id-dati tal-għeluq (cut-offs) oriġinali tal-maturità jipprovdu sostitut għad-dettall ta' strument meta l-istrumenti finanzjarji ma jkunux jistgħu jitqabblu b'mod sħiħ bejn is-swieq kollha.

(a) *Passiv*

Id-dati tal-għeluq għall-faxex ta' maturità (jew għall-perijodi tal-avviż) huma: għal depożiti b'maturità miftehma, sena jew tnejn sal-maturità meta jinħarġu; u għal depożiti li jinfdew b'avviż, wara avviż ta' tliet xhur u wara avviż ta' sentejn. Repos ma jiġux maqsuma skont il-maturità għax dawn is-soltu jkunu strumenti għal żmien qasir ħafna (normalment b'maturità meta jinħarġu ta' inqas minn tliet xhur). Titoli ta' dejn maħruġa mill-IFMi jinqasmu f'dawk ta' sena u dawk ta' sentejn. L-ebda tqassim ta' maturità ma huwa meħtieġ għal ishma/unitajiet maħruġa minn MMFs.

(b) *Attiv*

Id-dati tal-għeluq għall-faxex ta' maturità huma: għal self tal-IFM lil residenti (li ma jkunux IFMi u gvern ġenerali) ta' Stati Membri parteċipanti permezz ta' sottosettur u aktar għal self tal-IFMi lill-familji bħala għan, f'faxex ta' maturità ta' sena u ħames snin; u għal investimenti tal-IFM f'titoli ta' dejn maħruġa minn IFMi oħra li jinsabu fl-Istati Membri parteċipanti, f'faxex ta' maturità ta' sena u sentejn biex jippermettu lill-impriżi fost l-IFMi ta' dan l-istrument li jkun hemm *netting* tagħhom fil-kalkolu tal-aggregat monetarji.

3. **Tqassim skont l-għan u identifikazzjoni separata ta' self lil propjetarji uniċi/soċjetajiet mhux inkorporati**

Self lil djar u lil istituzzjonijiet mingħajr profitt li jservu djar huma maqsumin iktar bl-għan tas-self (kreditu għal konsum, self għal xiri ta' dar, self ieħor). Fil-kategorija "self ieħor", self mogħti lil propjetarji uniċi/soċjetajiet mhux inkorporati għandu jiġi identifikat separatament (ara definizzjonijiet ta' kategoriji ta'strumenti f'Parti 2 tal-Anness II u definizzjonijiet tas-setturi f'Parti 3 tal-Anness II). BĊNi jistgħu jneħħu r-rekwiżit għal identifikazzjoni separata ta' self lil propjetarji uniċi/soċjetajiet mhux inkorporati jekk dan is-self jikkostitwixxi għal inqas minn 5 % tas-self totali tal-Istat Membru parteċipanti għal djar.

4. **Tqassim skont il-valuta**

Għal partiti tal-karta tal-bilanċ li jistgħu jintużaw għall-kumpilazzjoni ta' aggregati monetarji, il-bilanċi fl-euro għandhom jiġu identifikati separatament biex il-BĊE jkollu l-għażla li jiddefinixxi aggregati monetarji fit-termini tal-bilanċi ddenominati f'kull valuta kombinata jew fl-euro biss.

5. **Tqassim skont il-kontrapartijiet u r-residenza**

5.1. Il-bini ta' aggregati monetarji u ta' kontrapartijiet li jkopru lill-Istati Membri parteċipanti jeħtieġu l-identifikazzjoni ta' dawk il-kontrapartijiet li jkunu fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti li jifforma s-settur taż-żamma tal-flus. Għal dan il-għan, il-kontrapartijiet li mhumiex IFMi jinqasmu, wara l-ESA 95 (ara l-Anness II, Parti 3) fi gvern ġenerali (S. 13), bil-gvern ċentrali (S.1311) ikun identifikat separatament fil-passiv totali ta' depożitu, u setturi residenti oħra. Sabiex tiġi kkalkolata disaggregazzjoni tas-settur ta' kull xahar tal-aggregati monetarji u l-kontrapartijiet ta' kreditu, setturi residenti oħrajn huma maqsumin aktar fis-sottosetturi li ġejjin: intermedjarji finanzjarji oħrajn + awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124), korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondijiet ta' pensjonijiet (S.125), korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) u familji + istituzzjonijiet bla qligħ li jservu lill-familji (S.14 + S.15). Għal propjetarji uniċi/soċjetajiet mhux korporati ara Taqsima 3. F'dak li għandu x'jaqsam ma' depożiti totali tal-passiv u l-kategoriji ta' depożitu "depożiti b'maturità miftieħma ta' fuq sentejn", "depożiti mifdija mat-talba ta' sentejn" u "*repos*", għandha ssir distinzjoni addizzjonali bejn istituzzjonijiet ta' kreditu, kontrapartijiet oħra għall-IFMi u l-gvern ċentrali għall-iskopijiet tas-sistema ta' riservi minimi tal-BĊE.

5.2. Fir-rigward tal-passiv totali tad-depożiti, passiv ta' depoziti b'maturità sa sentejn u l-kategorija tal-assi "titoli oħra barra ishma", għandha ssir distinzjoni addizzjonali għal kontrapartijiet li huma FVC.

5.3. Ċerti depożiti/self li jiġi minn repos/repos bil-maqlub jew operazzjonijiet simili ma' "intermedjarji finanzjarji oħra" (S. 123) + awżiljarji finanzjarji (S. 124) jistgħu jirrelataw għal tranżazzjoni ma' kontraparti ċentrali. Kontraparti ċentrali hija entità li legalment tpoġġi lilha nnifisha bejn il-kontrapartijiet għal kuntratti nnegozjati fis-swieq finanzjarji, u jsir ix-xerrej għal kull bejjiegħ u l-bejjiegħ għal kull xerrej. Billi dawn it-transazzjonijiet huma spiss sostitut għal kummerċ bilaterali bejn IFMi, issir distinzjoni addizzjonali fil-kategorija tad-depożitu "ftehimiet għal xiri mill-ġdid" fir-rigward ta' kummerċ ma' dawn il-kontrapartijiet. Bl-istess mod, distinzjoni addizzjonali ssir fil-kategorija tal-assi "self" fir-rigward ta' ftehimiet ta'xiri mill-ġdid bil-maqlub ma' dawn il-kontrapartijiet.

5.4. Kontrapartijiet li jinsabu fit-territorju domestiku u fl-Istati Membri parteċipanti l-oħra jiġu identifikati separatament u trattati bl-istess mod fit-taqsimiet statistiċi kollha. Ma hemmx rekwiżit għal taqsim ġeografiku tal-kontrapartijiet li jinsabu barra t-territorju tal-Istati Mmbri parteċipanti. Kontrapartijiet li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti jiġu identifikati skont is-settur domestiku jew il-klassifikazzjoni istituzzjonali skont il-lista ta' IFMi għal finijiet statistiċi u l-Manwal għas-Setturi tal-BĊE ([1]), li jimxi mal-prinċipji ta' klassifikazzjoni li huma konsistenti mal-ESA 95 sa fejn hu possibbli.

| 1. **Flussi netti ta' self *securitised* jew inkella ttrasferit: tranżazzjonijiet b'impatt fuq stokks ta' self irrappurtat ikkalkulati bħala bejgħ imnaqqsa l-akkwisti** | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1.1. Il-kontroparti fit-trasferiment hija FVC | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1.1.1. o/w il-kontroparti fit-trasferiment hija FVC taż-żona ta' l-euro | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1.2. kontropartijiet fit-trasferiment | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2. **Flussi netti ta' self *securitised* jew inkella ttrasferit: tranżazzjonijiet mingħajr impatt fuq stokks ta' self irrappurtat ikkalkulati bħala bejgħ imnaqqsa l-akkwisti** | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2.1. Il-kontropartijiet kollha fit-trasferiment | | | | | | | | | | | | | | | |
| 3. **Ammonti dovuti ta' self servut f'*securitisation*** (1) | | | | | | | | | | | | | | | |
| 4. **Ammonti dovuti ta' self *securitised* mhux derikonoxxut** (2) | | | | | | | | | | | | | | | |
| 4.1 Total | | | | | | | | | | | | | | | |
| 4.1.1 o/w *securitised* permezz ta' FVC taż-żona ta' l-euro | | | | | | | | | | | | | | | |

*Tabella 5(b)*

## ***Securitisations* u trasferimenti ohra ta' self: data trimestrali**

| PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ | A. **Domestiċi** | | | | | | | | | | B. **Stati Membri parteċipanti ohra** | | | | | | | | | | C. **Il-bqija tad-dinja** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Gvern ġenerali (S.13) | | Setturi residenti ohra | | | | | | | | Gvern ġenerali (S.13) | | Setturi residenti ohra | | | | | | | | |
| | Total | Gvern ġenerali iehor (S.1312 + S.1313 + S.1314) | Total | Intermed-jarji finanz-jarji ohra + awżiljarji finanzjarji (S.123 +S.124) | Korporazz-jonijiet ta' assiguraz-zjoni u fondi ta' pensjoni (S.125) | Korporazz-jonijiet mhux finanzjarji (S.11) | *Households* + istituzzjonijiet bla qligh li jservu *households* (S.14+S.15) | | | | Total | Gvern ġenerali iehor (S.1312 + S.1313 + S.1314) | Total | Intermed-jarji finanz-jarji ohra + awżiljarji finanzjarji (S.123 +S.124) | Korporazz-jonijiet ta' assiguraz-zjoni u fondi ta' pensjoni (S.125) | Korporazz-jonijiet mhux finanzjarji (S.11) | *Households* + istituzzjonijiet bla qligh li jservu *households* (S.14+S.15) | | | | |
| | | | | | | | Kreditu ghall-konsum | Self ghal xiri ta' djar | Self iehor | | | | | | | | Kreditu ghall- konsum | Self ghal xiri ta' djar | Self iehor | | |
| | | | | | | | | | | SP/UP ([3]) | | | | | | | | | | SP/UP ([3]) | |
| 1. **Flussi netti ta' self *securitised* jew inkella ttrasferit: tranżazzjonijiet b'impatt fuq stokks ta' self irrappurtat ikkalkulati bhala bejgh imnaqqsa l-akkwisti:** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1.1. **Il-kontroparti fit-trasferiment hija FVC** | M | M | | M | M | M | M | | | | M | M | | M | M | M | M | | | | M |
| Skop tas-self | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa hames snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn hames snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1.1.1. **o/w il-kontroparti fit-trasferiment hija FVC taż-żona ta' l-euro** | M | | | M | M | M | M | | | | M | M | | M | M | M | M | | | | M |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa hames snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn hames snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1.2. **Kontropartijiet ohra fit-trasferiment** | M | M | | M | M | M | M | | | | M | M | | M | M | M | M | | | | M |
| Skop tas-self | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2. **Flussi netti ta' self *securitised* jew inkella ttrasferit: tranżazzjonijiet minghajr impatt fuq stokks ta' self irrappurtat ikkalkulati bhala bejgh imnaqqsa l-akkwisti** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2.1. **Il-kontropartijiet kollha fit-trasferiment** | M | M | | M | M | M | M | | | | M | M | | M | M | M | M | | | | M |
| 3. **Ammonti dovuti ta' self servut f'*securiti-securitisation*** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 3.1. **Self servut: li jkopri l-FVCs kollha:** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa 5 snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn 5 snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 3.1.1 **Self servut: li jkopri FVCs taż-żona ta' l-euro** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn sena u sa 5 snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| aktar minn 5 snin | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| | |
|---|---|
| **M** | Obbligi mensili ta' data, ara Tabella 5a. |

([1]) Din il-partita hija mehtieġa fi frekwenza trimestrali biss, ara t-Tabella 5(b) ghall-iskema ta' rappurtar.
([2]) Fir-rigward ta' l-obbligu ta' rappurtar imsemmi fl-Anness I, Parti 6, Taqsima 5.2, hija rrappurtata biss il-filliera 'Totali', u fi frekwenza trimestrali biss.
([3]) Sidien proprjetarji/soċjetajiet mhux korporati.

## PARTI 7

### Rapportar simplifikat għal istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar

Istituzzjonijiet ta' kreditu li għalihom japplikaw id-derogi riferiti fl-Artikolu 8(d) jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżiti li ġejjin:

1. It-taqsim skont il-valuta riferit f'Parti 2, taqsima 4.
2. L-identifikazzjoni separata ta':
   — pożizzjonijiet ma' kontrapartijiet ċentrali riferiti f'Parti 2, taqsima 5.3,
   — self ta' sindakati kif indikat f'Parti 2, Tabella 1,
   — titoli ta' dejn ta' maturità sa sentejn u garanzija kapitali nominali taħt 100 % kif indikat f'Parti 2, Tabella 1.
3. It-taqsim skont is-settur riferit f'Parti 3, punt 3.
4. It-taqsim skont il-pajjiż riferit f'Parti 3, punt 4.
5. It-taqsim skont il-valuta riferit f'Parti 3, punt 5.

Flimkien ma' dan, dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu iwettqu r-rekwiżiti ta' rappurtar riferiti f'Partijiet 2, 5 u 6 billi jirrapurtaw dejta fuq bażi trimestrali biss u skont ir-rekwiżit ta' puntwalità mogħtija għal statistika trimestrali fl-Arikolu 6(3).

## PARTI 8

### Sommarju

Sommarju tat-tqassim għall-għanijiet tal-karta tal-bilanċ aggregata tas-settur ta' l-IFMi (1)

| **Kategoriji ta' strumenti u ta' maturità** | |
|---|---|
| PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ | |
| ATTIV | PASSIV |
| 1. **Flus kontanti** | 8. **Valuta fiċ-ċirkolazzjoni** |
| 2. **Self** | 9. **Depożiti** |
| **sa sena** (2) | **sa sena** (5) |
| **a ktar minn sena u sa 5 snin** (2) | **aktar minn sena** (5) |
| **aktar minn 5 snin** (2) | **li jkopru depożiti trasferibbli** |
| **li jkopri: self sindakat** | **li jkopru sa mhux aktar minn sentejn** |
| **li jkopri: *repos*** | **li jkopru self sindakat** |
| **li jkopri: self *revolving* u *overdrafts* (euro)** | 9.1. **Depożiti ta' matul il-lejl** |
| **li jkopri: kreditu tal-karti ta' kreditu ta' konvenjenza (euro)** | **li jkopru depożiti trasferibbli** |
| **li jkopri: kreditu estiż tal-karti ta' kreditu (euro)** | 9.2. **Depożiti b'maturità miftehma** |
| li jkopri: garanziji f'bini (3) | **sa sena** |
| Self b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena (euro) | **aktar minn sena u sa mhux aktar minn sentejn** |
| li jkopri: self b'maturità li jkun għad fadal ta' anqas minn sena | **aktar minn sentejn** |
| li jkopri: self b'maturità li jkun għad fadal ta' aktar minn sena u b'rata ta' imgħax mibdula fit-tnax-il xahar li jsegwu | 9.3. **Depożiti li jistgħu jinfdew b'notifika**<br>**sa tliet xhur** |
| Self b'maturità oriġinali ta' aktar minn sentejn (euro) | **aktar minn tliet xhur** |
| li jkopri: self b'maturità li jkun għad fadal ta' anqas minn sentejn | **li jkopru 'il fuq minn sentejn** (6) |
| li jkopri: self b'maturità li jkun għad fadal ta' aktar minn sentejn u b'rata ta' imgħax mibdula fl-erbgħa u għoxrin xahar li jsegwu | 9.4. **Repos** |
| 3. **Titoli oħra għajr ishma** | 10. **Ishma/unitajiet ta' MMF** |
| **sa sena** (4) | 11. **Titoli ta' dejn maħruġa** |
| **aktar minn sena u sa sentejn** (4) | **sa sena** |
| **aktar minn sentejn** (4) | **aktar minn sena u sa mhux aktar minn sentejn** |
| 4. **Ishma/unitajiet ta' MMF** | **li jkopru sa mhux aktar minn sentejn u garanzija kapitali nominali anqas minn 100 %** |
| 5. **Ishma u ekwitajiet oħra** | **aktar minn sentejn** |
| 6. **Assi fissi** | 12. **Kapital u riżervi** |
| 7. **Il-bqija tal-assi** | 13. **Passivi li jifdal** |

PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ

*Numru ta' kontijiet ta' depożitu overnight trasferibbli*

*Numru ta' kontijiet ta' depożitu* overnight *ikkunnettjati ma' l-Internet jew ma' kompjuter (PC) u trasferibbli*

| KONTROPARTIJIET U KATEGORIJI SKOND L-ISKOP | |
|---|---|
| ATTIV | PASSIV |
| A. **Residenti domestiċi**<br>**IFMi**<br>**Istituzzjonijiet mhux IFMi**<br>**Gvern ġenerali**<br>gvern ċentrali<br>gvern statali<br>gvern lokali,<br>fondi ta' sigurtà soċjali<br>**Setturi residenti oħra** ([7])<br>**intermedjarji finanzjarji oħrajn u awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)** ([7])<br>**li jkopru: kontropartijiet ċentrali** ([3])<br>**li jkopru: FVC** ([3])<br>**korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125)** ([7])<br>**korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)**<br>**djar u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt u li jservu d-djar (S.14 + S.15)** ([7])<br>**kreditu għall-konsum** ([3])<br>**self għal xiri ta' djar** ([3])<br>**self ieħor** ([3])<br>**li jkopru: sidien proprjetarji/soċjetajiet mhux korporati** ([3]) | A. **Residenti domestiċi**<br>**IFMi**<br>**li jkopru: istituzzjonijiet ta' kreditu**<br>**Istituzzjonijiet mhux IFMi**<br>**Gvern ġenerali**<br>**gvern ċentrali**<br>**gvern ġenerali ieħor**<br>gvern statali<br>gvern lokali,<br>fondi ta' sigurtà soċjali<br>**Setturi residenti oħra** ([7])<br>**intermedjarji finanzjarji oħrajn u awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)** ([7])<br>**li jkopru: kontropartijiet ċentrali** ([3])<br>**li jkopru: FVCs** ([3])<br>**korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125)**<br>**korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)** ([7])<br>**djar u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt u li jservu d-djar (S.14 + S.15)** , ([7]) ([3]) |
| B. **Residenti tal-IFMi fl-Istati Membri l-oħra taż-żona ta' l-euro**<br>**IFMi**<br>**Istituzzjonijiet mhux IFMi**<br>**Gvern ġenerali**<br>gvern ċentrali<br>gvern statali<br>gvern lokali,<br>fondi ta' sigurtà soċjali.<br>**Setturi residenti oħra** ([7])<br>**intermedjarji finanzjarji oħrajn u awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)** ([7])<br>**li jkopru: kontropartijiet ċentrali** ([3])<br>**li jkopru: FVC** ([3])<br>**korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125)** ([7])<br>**korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)** ([7])<br>**djar u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu d-djar (S.14 + S.15)** ([7])<br>**kreditu għall-konsum** ([3])<br>**self għal xiri ta' djar**<br>**self ieħor** ([3])<br>**li jkopru: sidien proprjetarji/soċjetajiet mhux korporati** ([3]) | B. **Residenti tal-IFMi fl-Istati Membri l-oħra taż-żona ta' l-euro**<br>**IFMi**<br>**li jkopru: istituzzjonijiet ta' kreditu**<br>**Istituzzjonijiet mhux IFMi**<br>**Gvern ġenerali**<br>**gvern ċentrali**<br>**gvern ġenerali ieħor**<br>gvern statali<br>gvern lokali,<br>fondi ta' sigurtà soċjali.<br>**Setturi residenti oħra** ([7])<br>**intermedjarji finanzjarji oħrajn u awżiljarji finanzjarji (S.123 + S.124)** ([7])<br>**li jkopru: kontropartijiet ċentrali** ([3])<br>**li jkopru: FVCs** ([3])<br>**korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125)** ([7])<br>**korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)** ([7])<br>**djar u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu d-djar (S.14 + S.15)** ([7]) ([3]) |
| C. **Ċ Residenti tal-bqija tad-dinja**<br>Banek<br>Istituzzjonijiet mhux banek<br>gvern ġenerali<br>residenti oħra | C. **Residenti tal-bqija tad-dinja**<br>Banek<br>Istituzzjonijiet mhux banek<br>gvern ġenerali<br>residenti oħra |
| D. **D Mhux allokati** | D. **Mhux allokati** |
| **MUNITI** | |
| **e euro** | |
| **x Muniti barranin —** Muniti oħra għajr l-euro, (jiġifieri valuti ta' Stati Membri oħrajn, USD, JPY, CHF, valuti li jibqa') ([8]) | |

Noti

([1]) Tqassim tad-dejta ta' kull xahar huwa indikat b'tipa ħoxna, tqassim tad-dejta trimestrali huwa indikat b'tipa normali u dejta annwali li ma tappartjenix għall-karta tal-bilanċ hija indikata bil-korsiv.

([2]) Tqassim tal-maturità ta' kull xahar jirreferi biss self lil setturi prinċipali ta' residenti għajr IFMi u l-gvern ġenerali tal-Istati Membri parteċipanti. It-tqassim korrispondenti tal-maturità għal self lill-gvern ġenerali, għajr il-gvern ċentrali tal-Istati Membri parteċipanti, huwa trimestrali.

([3]) Għal self, qed tiddaħħal katergorija oħra skond l-iskop għas-sottosettur S.14 + S.15. Barra minn dan, għal numru limitat ta' strumenti, jinħtieġu aktar "li jkopru pożizzjonijiet" għal xi sottosetturi: "li jkopru kontropartijiet ċentrali" u "li jkopru korporazzjonijiet vetturi finanzjarji" għas-sottosettur S.123; "li jkopru sidien proprjetarji/soċjetajiet mhux korporati" għal self għas-sottosettur S.14; "li jkopru garanziji f'bini" għal self għas-sottosetturi S.11 u S.14 + s.15 (obbligi trimestrali biss).

([4]) Tqassim tal-maturità ta' kull xahar jirreferi biss għal *holdings* ta' titoli maħruġa minn IFMi li jinsabu fl-Istati Membri parteċipanti. Bħala data trimestrali, *holdings* ta' titoli maħruġa minn istituzzjonijiet li m'humiex IFMi fl-Istati Membri parteċipanti huma maqsuma f'sa sena' u "iktar minn sena".

([5]) Fil-konfront tal-bqija tad-dinja biss.

([6]) Ir-rappurtar tal-partita 'depożiti mifdija fuq notifika ta' aktar minn sentejn' huwa volontarju sakemm joħroġ avviż ieħor.

([7]) Tqassim ta' kull xahar tas-sottosetturi huwa meħtieġ għal self u depożiti.

([8]) Tqassim trimestrali tal-valuta ta' kull Stat Membru ieħor tal-UE huwa meħtieġ għal partiti magħżula biss.

*ANNESS II*

**PRINĊIPJI TA’ KONSOLIDAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

PARTI 1

**Konsolidazzjoni għal għanijiet statistiċi fl-istess territorju nazzjonali**

1. Għal kull Stat Membru parteċipanti, il-popolazzjoni ta’ rappurtar tikkonsisti fl-IFMi inklużi fil-lista ta’ IFMi għal għanijiet statistiċi u ta’ residenti fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti ([1]). Dawn huma:

— istituzzjonijiet inkorporati u li jinsabu f’dak it-territorju, inklużi sussidjarji ([2]) ta’ kumpanniji *parent* li jkunu jinsabu barra dak it-territorju, u

— friegħi ta’ istituzzjonijiet li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom barra dak it-territorju.

Istituzzjonijiet li jinsabu f’ċentri finanzjarji *offshore* huma meqjusa statistikament bħala residenti tat-territorji fejn jinsabu ċ-ċentri.

2. L-IFMi għal għanijiet statistiċi jikkonsolidaw in-negozju tal-uffiċċji kollha tagħhom (uffiċċju reġistrat jew prinċipali u/jew friegħi) li jinsab fl-istess territorju nazzjonali. L-ebda konsolidazzjoni ma hija permessa għal għanijiet statistiċi bejn konfini nazzjonali.

(a) Jekk kumpannija *parent* u s-sussidjarji tagħha huma IFMi li jinsabu fl-istess territorju nazzjonali, il-kumpannija *parent* tista’ tikkonsolida fil-formola tat-tagħrif statistiku n-negozju ta’ dawn is-sussidjarji, iżda għandhom jinżammu separati n-negozju ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u IFMi oħra.

(b) Jekk istituzzjoni għandha friegħi li jinsabu fit-territorju ta’ Stati Membri parteċipanti oħra, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali li jinsab f’dan l-Istat Membru parteċipanti jista’ jqis il-pożizzjonijiet lejn dawn il-friegħi bħala pożizzjonijiet lejn residenti ta’ Stati Membri parteċipanti oħra. Bil-maqlub, istituzzjoni li tinsab fi Stat Membru parteċipanti speċifikat tista’ tqis il-pożizzjonijiet lejn l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali jew lejn il-friegħi l-oħra tal-istess istituzzjoni li tinsab f’dan it-territorju tal-Istati Membri parteċipanti l-oħra bħala pożizzjonijiet lejn residenti fl-Istati Membri parteċipanti l-oħrajn.

(ċ) Jekk istituzzjoni għandha friegħi li jinsabu fit-territorju ta’ Stati Membri parteċipanti, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali li jinsab fl-Istat Membru parteċipanti speċifiku jista’ jqis il-pożizzjoni lejn dawn il-fergħat bħala pożizzjonijiet lejn residenti tal-bqija tad-dinja. Bil-maqlub, fergħa li tinsab fi Stat Membru parteċipanti speċifikat tqis il-pożizzjonijiet lejn l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali jew lejn il-friegħi l-oħra tal-istess istituzzjoni li tinsab ’il barra mill-Istati Membri parteċipanti bħala pożizzjonijiet lejn residenti fil-bqija tad-dinja.

PARTI 2

**Definizzjonijiet ta’ kategoriji ta’ strumenti**

1. Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni dettaljata u standard tal-kategoriji tal-istrumenti li l-BĊNi jużaw biex jagħmlu traspożizzjoni fil-kategoriji applikabbli fil-livell nazzjonali skont dan ir-Regolament ([3]). Id-definizzjonijiet jirreferu għall-ESA 95.

2. Il-maturità fil-ħruġ (maturità oriġinali) tirreferi għal perjodu fiss tal-ħajja ta’ strument finanzjarju li qablu ma jistax jinfeda (eż. titoli ta’ dejn) jew li jista’ jinfeda biss qabel jekk titħallas xi tip ta’ penali (eż. xi tipi ta’ depożiti). Il-perjodu ta’ avviż jikkorrispondi għaż-żmien bejn il-mument li d-detentur jagħti avviż ta’ intenzjoni li jifdi l-istrument u d-data ta’ meta d-detentur għandu permess jibdel fi flus kontanti mingħajr ma jeħel penali. L-istrumenti finanzjarji huma klassifikati skont il-perjodu ta’ avviż fejn ma hemmx maturità miftehma.

([1]) Fit-tabella ma’ dan l-Anness, il-BĊE huwa kklassifikat bħala residenti tal-IFM fil-pajjiż fejn il-BĊE jinsab fiżikament.

([2]) Is-sussidjarji huma entitajiet separati inkorporati fejn entità oħra għandha l-ishma kollha jew il-maġġoranza tagħhom, filwaqt li l-fergħat huma entitajiet mhux inkorporati (mingħajr status legali indipendenti) li jkunu kollha proprjetà tal-*parent*.

([3]) Jiġifieri din it-tabella mhijiex lista ta’ strumenti finanzjarji individwali.

*Tabella*

**Kategoriji ta' strument u maturità**

KATEGORIJI TA' ASSI

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 1. Flus kontanti | Investimenti f'euro u flus f'karti u f'muniti fiċ-ċirkolazzjoni li huma użati b'mod komuni sabiex isiru l-ħlasijiet. |
| 2. Self b'maturità oriġinali sa u tinkludi sena/aktar minn sena, u sa u tinkludi ħames snin/aktar minn ħames snin | Għall-iskopijiet tal-iskema ta' rappurtar, din il-partita tikkonsisti f'fondi mislufa minn aġenti ta' rappurtar lill-persuni li jisselfu, li m'għandhomx dokumenti bħala xhieda jew huma rappreżentati minn dokument wieħed (anki jekk ikun sar negozjabbli). Dan jinkludi assi fil-għamla ta' depożiti. Il-BĊNi jistgħu jitolbu wkoll il-klassifikazzjoni sħiħa tas-settur għal din il-partita Din il-partita tinkludi:<br>(a) Self mogħti lil djar u istituzzjonijiet bla qligħ li jservu djar ikklassifikati skond:<br>— kreditu għall-konsum (self mogħti għall-iskop prinċipali ta' użu personali fil-konsum ta' oġġetti u servizzi). Il-kreditu għall-konsum mogħti lil sidien proprjetarji/soċjetajiet mhux korporati jinsab kopert f'din il-kategorija, jekk l-IFM li tirrapporta tkun taf li s-self huwa wżat l-aktar għal skopijiet ta' konsum personali,<br>— self għal xiri ta' djar (kreditu estiż għall-iskop li wieħed jinvesti fi djar għall-użu jew kiri personali, inkluż il-bini u t- tisbiħ tal-bini (*refurbishments*). Ikopri self assigurat bi proprjetà residenzjali li jintuża għall-iskop biex jinxtraw djar, u self ieħor għal xiri ta' djar magħmul fuq bażi personali jew assigurat kontra forom oħra ta' attiv. Is-self fuq id-djar mogħtija lil sidien proprjetarji/soċjetajiet mhux korporati, jinsab kopert f'din il-kategorija sakemm l-IFM li tirrapporta tkun taf li d-djar huma wżata l-aktar għal skopijiet relatati ma' negozju, f'liema każ huwa rrappurtat bħala "self ieħor li jkopri sidien proprjetarji/soċjetajiet mhux korporati",<br>— ieħor (self mogħti għal skopijiet minbarra konsum u xiri ta' djar, bħal negozji, konsolidament ta' dejn, edukazzjoni, etċ). Din il-kategorija tista' tinkludi self għal skopijiet ta' konsum lil sidien proprjetarji/soċjetajiet mhux korporati (ara l-Anness II, Parti 3) jekk dan ma jiġix irrappurtat fil-kategorija "kreditu għall-konsum". Sakemm il-kundizzjonijiet għal rappurtar iħaffef japplikaw, għandha tiġi rrappurtata pożizzjoni "li jkopri", li tidentifika separatament f'din il-kategorija s-self mogħti lil sidien proprjetarji (ara l-Anness II, Parti 3).<br>(b) Dejn tal-karti ta' kreditu<br>Għall-fini ta' dan ir-Regolament, din il-kategorija tkopri kreditu mogħti lil djar jew lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji permezz ta' karti ta' debitu ttardjati (jiġifieri kards li jipprovdu kreditu ta' konvenjenza kif iddefinit hawn isfel) jew permezz ta' karti ta' kreditu (jiġifieri kards li jipprovdu kreditu ta' konvenjenza u kreditu estiż). Dejn tal-karti ta' kreditu huwa rreġistrat f'kontijiet dedikati ta' kards u għalhekk ma jkunx evidenti f'kontijiet kurrenti jew ta' *overdraft*. Kreditu ta' konvenjenza huwa ddefinit bħala kreditu mogħti b'rata ta' imgħax ta' 0 % fil-perijodu bejn it-tranżazzjoni(jiet) tal-ħlas affettwati bil-kard matul ċiklu wieħed ta' fatturar u d-data li fiha l-bilanċi ta' debitu minn dan iċ-ċiklu speċifiku ta' fatturar isiru dovuti. Kreditu estiż huwa ddefinit bħala kreditu mogħti wara li d-data(i) dovuta (i) taċ-ċiklu ta' fatturar ta' qabel tkun skadiet, jiġifieri ammonti ta' debitu fuq il-kont tal-kard li ma jkunux ġew *settled* meta dan kien l-ewwel possibbli, li s-soltu fuqhom ikun hemm rata ta' imgħax jew rati ta' imgħax gradwatorji akbar minn 0 %. Ħafna drabi jkollhom isiru ħlasijiet minimi bin-nifs kull xahar, ħalli ta' lanqas jithallas lura parzjalment il-kreditu estiż.<br>Il-kontroparti ta' dawn il-forom ta' kreditu hija l-entità attwalment responsabbli biex tħallas lura l-ammonti dovuti skond il-ftehim kuntrattwali, li jikkoinċidi mad-detentur tal-kard fil-każ ta' kards użati privatament, imma mhux fil-każ ta' kards tal-kumpaniji |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| | (ċ) Self *revolving* u *overdrafts*<br>Self *revolving* huwa self li għandu dawn il-karatteristiċi kollha: 1) min jissellef jista' juża jew jiġbed fondi sa limitu ta' kreditu approvat minn qabel mingħajr ma jagħti avviż minn qabel lil min jislef; 2) l-ammont ta' kreditu disponibbli jista' jiżdied u jonqos hekk kif jiġu missellfa u jitħallsu l-fondi; 3) il-kreditu jista' jintuża ripetutament; 4) m'hemm l-ebda obbligu ta' ħlasijiet lura regolari.<br>Self *revolving* jinkludi l-ammonti akkwistati permezz ta' linja ta' kreditu u li jkunu għadhom ma tħallsux (ammonti dovuti). Linja ta' kreditu hija ftehim bejn min jislef u min jissellef li jħalli lil min jissellef biex jiġbed flus, matul perijodu ddefinit u sa ċertu limitu, u jħallas lura fid-diskrezzjoni tiegħu l-flus miġbuda qabel data ddefinita. Ammonti disponibbli permezz ta' linja ta' kreditu li jkunux għadhom ma nġibdux jew li jkunu tħallsu diġà m'għandhomx jitqiesu taħt l-ebda kategorija tal-BSI. *Overdrafts* huma bilanċi ta' debitu fuq kontijiet kurrenti. Kemm self *revolving* u *overdrafts* jeskludu self mogħti permezz ta' karti ta' kreditu. L-ammont totali dovut minn min jissellef għandu jiġi rrappurtat, irrispettivament ta' jekk huwiex fi jew lil hinn mil-limiti miftiehma bejn min jislef u min jissellef fir-rigward tad-daqs u/jew il-perijodu massimu tas-self<br><br>(d) Self sindakat (ftehim ta' self wieħed, li fih jipparteċipaw diversi istituzzjonijiet bħala min jislef).<br>Self sindakat ikopri biss każijiet fejn min jissellef jaf, mill-kuntratt tas-self, li s-self huwa magħmul minn diversi persuni li jisilfu. Għall-finijiet ta' statistika, huma l-ammonti biss attwalment maħruġa minn min isellef (aktar milli linji ta' kreditu totali) li jitqiesu bħala self sindakat. Is-soltu s-self sindakat huwa arranġat u kkoordinat minn istituzzjoni waħda (ħafna drabi msejħa "il-maniġer li jmexxi") u magħmul minn diversi parteċipanti fis-sindakat. Il-parteċipanti kollha, inkluż il-maniġer li jmexxi, jirrappurtaw is-sehem tagħhom tas-self fil-konfront ta' min jissellef (jiġifieri mhux fil-konfront tal-maniġer li jmexxi) fl-attiv tal-karti tal-bilanċ tagħhom.<br><br>(e) depożiti kif definiti fil-kategorija 9 tal-passiv<br><br>(f) kirijiet finanzjarji lil terzi persuni,<br>Il-kirijiet finanzjarji huma kuntratti fejn is-sid legali (*lessor*) ta' oġġetti li jservu jislef dawn l-assi lill-terza parti (*lessee*) għall-kważi jekk mhux il-ħajja kollha ekonomika tal-assi, bi skambju għal ħlasijiet rateali li jkopru l-ispejjeż tal-oġġett magħduda ma' ħlas tal-interessi attribwiti. Il-*lessee* huwa fil-fatt stmat li jirċievi l-benefiċċji kollha li joħorġu mill-użu tal-oġġett u jħallas l-ispejjeż u r-riskji assoċjati mal-proprjetà. Għal skopijiet statistiċi kirijiet finanzjarji huma kkunsidrati bħala self mill-*lessor* għall-*lessee* (iħalli 'l-lessee jixtri l-oġġett li jservi). L-assi (oġġetti li jservu) li jkunu ġew mislufa lill-*lessee* m'huma rreġistrati mkien fuq il-karta ta' bilanċ tal-IFMi<br><br>(g) self mitluf li jkun għadu ma ġiex imħallas jew li jkun għadu ma ġiex imħassar.<br>L-ammont totali ta' self li fir-rigward tiegħu l-ħlas lura jmissu ilu li tħallas jew inkella ġie identifikat bħala mfixkel, parzjalment jew totalment, skond id-definizzjoni ta' nuqqas ta' ħlas fid-Direttiva 2006/48/KE<br><br>(h) pussess ta' titoli mhux negozjabbli<br>Pussess ta' titoli oħra għajr ishma u ekwità oħra li mhumiex negozjabbli u ma jistgħux jiġu negozjati fis-swieq sekondarji, ara ukoll "self negozjat"<br><br>(i) Self negozjat<br>Self li *de facto* jkun sar negozjabbli jrid jiġi kklassifikati taħt is-self tal-oġġett tal-assi iżda għandhom jibqgħu jkollhom dokument wieħed bħala xhieda u jkunu, bħala regola ġenerali, negozjati biss kull tant<br><br>(j) dejn subordinat fil-forma ta' depożiti jew self<br>Strumenti ta' dejn subordinat jipprovdu klejm sussidjarja fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ li tista' tiġi eżerċitata biss wara li l- pretensjonijiet kollha bi status aktar għoli (eż. depożiti/self) ikunu ġew sodisfatti, u jkun ingħatalhom xi whud mill-karatteristiċi ta' ishma u ekwitajiet oħra. Għal skopijiet statistiċi, dejn subordinat għandu jiġi kklassifikat skond in-natura tal-istrument finanzjarju, jiġifieri kklassifikat jew bħala self jew titoli oħra għajr ishma skond in-natura tal-istrument. Fejn żammiet tal-IFM ta' kull forma ta' dejn subordinat ikunu identifikati korrentement bħala ċifra waħda għal skopijiet statistiċi, din iċ-ċifra trid tiġi klassifikata taħt it-titoli tal-oġġett minflok taħt l-ishma, fuq il-bażi li dejn subordinat huwa mibni prinċipalment fil-forma ta' titoli, aktar milli ta' self<br><br>(k) pretensjonijiet skond *repos* bil-maqlub jew self ta' titoli kontra garanziji fi flus kontanti<br>Kontraparti ta' flus kontanti mħallsa bi skambju għal titoli mixtrija minn aġenti ta' rappurtar, jew b'self ta' titoli kontra garanziji fi flus kontanti, ara l-partita tal-passiv 9.4 |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| | Għall-fini ta' din l-iskema ta' rappurtar, il-klassifikazzjoni tas-self skond il-garanziji fil-bini tinkludi l-ammont totali ta' self dovut li huma ggarantiti skond l-Anness VIII, Parti 1, Taqsimiet 13-19 tad-Direttiva 2006/48/KE, bi proporzjon ta' self dovut/garanziji ta' 1 jew anqas. Jekk dawn ir-regoli ma jiġux applikati mill-aġent ta' rappurtar, id-determinazzjoni ta' liema self jiddaħħal f'din il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq il-metodu magħżul biex jikkonforma ma' l-obbligi kapitali.<br>L-oġġett li ġej mhuwiex ikkunsidrat bħala self:<br>— self mogħti fuq bażi ta' fiduċja<br>self mogħti fuq bażi ta' fiduċja (self fuq bażi ta' fiduċja/self fiduċjarji) huwa self li jsir fl-isem ta' parti waħda (it-*trustee*) f'isem terza parti (il-benefiċjarju). Għal għanijiet statistiċi, self fuq bażi ta' fiduċja mhuwiex irreġistrat fuq il-karta ta' bilanċ tat-*trustee* fejn ir-riskji u l-benefiċċji ta' proprjetà tal-fondi jibqgħu mal-benefiċjarju. Ir-riskji u l-benefiċċji tal- proprjetà jibqgħu mal-benefiċjarju fejn: (a) il-benefiċjarju jassumi r-riskju ta' kreditu tas-self (jiġifieri it-*trustee* huwa responsabbli biss għat-tmexxija amministrattiva tas-self); jew (b) l-investiment tal-benefiċjarju huwa ggarantit kontra telf, jekk it-trustee jidħol f'likwidazzjoni (jiġifieri s-self fuq bażi ta' fiduċja mhuwiex parti mill-assi tat-*trustee* li jistgħu jitqassmu fil-każ ta' falliment) |
| 3. Titoli għajr ishma | Pussess ta' titoli għajr ishma u ekwitajiet oħra li huma negozjabbli u li normalment jiġu nnegozjati fis-swieq sekondarji jew jistgħu jiġu kkumpensati fis-suq u li ma jagħtu ebda tip ta' dritt ta' proprjetà fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ lild-detentur. Dan l-oġġett jinkludi:<br>(a) il-pussess ta' titoli li jagħtu lid-detentur, id-dritt mingħajr kundizzjoni għal qligħ fiss jew qligħ stabbilit b'kuntratt fil-forma ta' ħlasijiet ta' ċedoli u/jew ta' somma fissa stabbilita minn qabel f'data (jew dati) speċifika jew li tibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ+<br>(b) self negozjabbli li jkun ġie strutturat mill-ġdid f'numru kbir ta' dokumenti identiċi u li jistgħu jiġu nnegozjati fi swieq organizzati (ara wkoll "self negozjat" fil-kategorija 2i)<br>(ċ) dejn subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn (ara ukoll "dejn subordinat fil-forma ta' depożiti jew self" fil-kategorija 2i)<br>Titoli mislufa skond operazzjonijiet li jsellfu titoli jibqgħu fil-karta tal-bilanċ tal-possessur (u ma jridux jiġu trasferiti fil-karta tal-bilanċ tal-akkwirent temporanju) fejn ikun hemm rabta soda biex l-operazzjoni titreġġa' lura (u mhux sempliċement għażla biex isir dan). Fejn l-akkwirent temporanju jbigħ it-titoli rċevuti, dan il-bejgħ għandu jitniżżel bħala tranżazzjoni ċara fit-titoli u mdaħħla fil-karta tal-bilanċ tal-akkwirent temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli |
| 3a/3b/3ċ Titoli oħra għajr ishma b'maturità oriġinali sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn | Dawn il-partiti jinkludu:<br>(a) Pussess ta' titoli negozjabbli ta' dejn (b'dokumenti bħala xhieda u mingħajr) ta' maturità oriġinali sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn ta' maturità oriġinali<br>(b) Self negozjabbli ta' maturità oriġinali sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn ta' maturità oriġinali li huma strutturati mill-ġdid f'numru kbir ta' dokumenti identiċi u li huma nnegozjati fi swieq sekondarji<br>(ċ) Dejn subordinat fil-forma ta' titoli negozjabbli ta' dejn ta' maturità oriġinali sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn ta' maturità oriġinali |
| 4. Ishma/unitajiet ta' MMFs | Dan l-oġġett tal-assi jinkludi l-pussess ta' ishma/unitajiet maħruġa minn FSF-ijiet. Ara wkoll it-tifsira fl-Anness I, Parti 1, Taqsima 2 (ara wkoll il-kategorija tal-passiv 5 u l-kategorija tal-attiv 10) |
| 5. Ishma u ekwitajiet oħra | Pussess ta' titoli li jirrappreżentaw drittijiet ta' propjeta f'korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet. Ġeneralment dawn it-titoli jagħtu d-dritt lis-sidien għal sehem fil-profitti tal-korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet u għal sehem mill-fondi tagħhom stess fil-każ ta' stralċ (*winding-up*). Ishma ta' fondi mutwi (għajr ishma/unitajiet tal-MMFs) huma inklużi hawnhekk. |
| 6. Assi fissi | Għall-għanijiet tal-iskema ta' rappurtar dan jikkonsisti minn assi mhux finanzjarji, tanġibbli jew mhux tanġibbli, li huma maħsuba biex jintużaw għal numru ta' drabi għal aktar minn sena minn aġenti ta' rappurtar. Dawn jinkludu art u bini okkupati mill-IFMi, kif ukoll l-apparat, *software* u infrastruttura oħra.<br>Assi finanzjarji fissi *mhumiex* irreġistrati hawnhekk imma minflok taħt "self"/"titoli oħra għajr ishma"/"ishma u ekwitajiet oħra", skond it-tip ta' strument |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 7. Bqija tal-assi | L-oġġett tal-"bqija tal-assi" huwa meqjus bħala l-oġġett reżidwu fuq in-naħa tal-assi tal-karta ta' bilanċ, definit bħala "assi mhux inklużi x'imkien ieħor". Il-BĊNi jistgħu jitolbu r-rappurtar ta' sotto pożizzjonijiet speċifiċi inkużi f'din il-partita. Attiv li jifdal jista' jinkludi:<br>(a) pożizzjonijiet finanzjarji ta' derivattivi b'valuri tas-suq gross posittivi<br>Għal għanijiet statistiċi, strumenti derivattivi finanzjarji li huma suġġetti għal reġistrazzjoni fuq karta ta' bilanċ huma inklużi hawnhekk<br>(b) ammonti gross li jistgħu jinġabru fir-rigward ta' oġġetti sospiżi,<br>Oġġetti sospiżi huma bilanċi tal-assi miżmuma fil-karta ta' bilanċ tal-IFM li mhumiex reġistrati fl-isem ta' konsumaturi imma li madanakollu għandhom x'jaqsmu ma' fondi tal-konsumatur (eż. fondi li qed jistennew investiment, trasferiment jew *settlement*)<br>(ċ) ammonti gross li jistgħu jinġabru fir-rigward ta' oġġetti ta' tranżitu,<br>Oġġetti ta' tranżitu jirrappreżentaw fondi (li normalment jappartjenu lill-konsumaturi) li qed jiġu trażmessi bejn IFMi. Oġġetti jinkludu ċekkijiet u forom oħra ta' ħlas li ntbagħtu biex jinġabru lill-IFMi oħrajn<br>(d) imgħax akkumulat riċevut fuq is-self<br>Skond il-prinċipju ġenerali tal-kontabbiltà tad-dovuti *(accruals accounting)*, l-imgħax riċevut fuq is-self għandu jkun suġġett għal *on-balance-sheet recording* waqt li jakkumula (jiġifieri skond il-bażi tad-dovuti (*accruals basis*)) aktar milli meta jiġi riċevut (jiġifieri skond il-bażi ta' kontanti (*cash basis*)). L-imgħax akkumulat fuq is-self huwa kklassifikat skond bażi gross fil-kategorija "assi li jifdal". L-imgħax akkumulat huwa eskluż mis-self li għalih huwa jirreferi<br>(e) dividendi li għad iridu jiġu riċevuti<br>(f) ammonti li jistgħu jinġabru li għandhom x'jaqsmu man-negozju prinċipali tal-IFMi<br>(g) kontraparti tal-assi għal muniti maħruġa mill-Istat (karti tal-bilanċ tal-BĊNi biss)<br>Il-bqija tal-assi *jeskludu* strumenti finanzjarji li jieħdu l-forma ta' assi finanzjarji (inklużi fl-oġġetti l-oħra tal-karta ta' bilanċ), ċerti strumenti finanzjarji li ma jieħdux il-forma ta' assi finanzjarji, bħal ma huma garanziji, rbit, self amministrat u fuq bażi ta' fiduċja (reġistrati minn fuq il-karta ta' bilanċ), u assi li mhumiex finanzjarji, bħal ma huma artijiet u komoditajiet (inklużi f'assi fissi') |

KATEGORIJI TA' PASSIV

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 8. Munita fiċ-ċirkolazzjoni | Il-kategorija tal-passiv ta' "flus fiċ-ċirkolazzjoni" hija ddefinita bħala "karti tal-flus u muniti fiċ-ċirkolazzjoni li huma normalment użati biex isiru ħlasijiet". Din il-kategorija tinkludi karti tal-flus maħruġa mill-BĊE u l-BĊNi. Il-muniti fiċ-ċirkolazzjoni mhumiex responsabbiltà tal-IFMi fl-Istati Membri parteċipanti, imma responsabbiltà tal-gvern ċentrali. Madankollu, muniti huma parti mill-aggregati monetarji u, b'konvenzjoni, din ir-responsabbiltà trid tiġi mniżżla taħt il-kategorija ta' "muniti fiċ-ċirkolazzjoni". Il-kontraparti għal din ir-responsabbiltà trid tiġi inkluża fil-"bqija tal-assi" |
| 9. Depożiti | Ammonti (ishma, depożiti u oħrajn), li huma dovuti lill-kredituri mill-aġenti ta' rappurtar u li jaqgħu taħt il-karatteristiċi deskritti fl-Anness I, Parti 1, Taqsima 1, ħlief dawk li jiġu mill-ħruġ ta' titoli negozjabbli jew ishma/unitajiet ta' FSF. Għall-iskopijiet tal-iskema ta' rappurtar din il-kategorija hija maqsuma f'depożiti ta' matul il-lejl, depożiti b'maturità miftiehma, depożiti mifdija mat-talba u ftehim ta' xiri mill-ġdid<br>(a) depożiti u self<br>"Depożiti" jkopru wkoll "self" bħala passiv ta' l-IFMi. F'termini konċettwali, self jirrappreżenta ammonti rċevuti mill-IFMi li mhumiex strutturati fil-forma ta' depożiti. L-ESA 95 jiddistingwi bejn self u depożiti fuq il-bażi tal-parti li tieħu l-inizjattiva (jekk dan ikun min qed jissellef, imbagħad jikkostitwixxi self, imma jekk dan ikun dak li qed jislef, imbagħad jikkostitwixxi depożitu). Fl-iskema ta' rappurtar, self mhuwiex rikonoxxut bħala l-kategorija separata fuq in-naħa tal-passiv tal-karta ta' bilanċ. Minflok, bilanċi li huma meqjusa bħala self iridu jiġu klassifikati bla distinzjoni taħt l-oġġett ta' passiv ta' depożitu, għajr jekk ikunu rappreżentati permezz ta' strumenti negozjabbli. Dan huwa konformi mad-definizzjoni ta' "passiv ta' depożitu" msemmija hawn fuq. Self lill-IFMi li huma kklassifikati bħala "passiv ta' depożitu" jridu jitqassmu skond il-ħtiġijiet tal-iskema ta' rappurtar (jiġifieri skond is-settur, strument, valuta u maturità): self sindakat irċevut minn IFMi jaqa' taħt din il-kategorija. |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| | (b) strumenti ta' dejn mhux negozjabbli<br>Strumenti ta' dejn mhux negozjabbli maħruġa minn aġenti ta' rappurtar ġeneralment iridu jiġu kklassifikati bħala passiv ta' depożitu. Strumenti jistgħu jissejħu bħala li mhumiex negozjabbli fis-sens li hemm restrizzjonijiet fuq it-trasferiment ta' proprjetà legali tal-istrument li jfisser li ma jistgħux jinbiegħu fis-suq jew, għalkemm teknikament negozjabbli, ma jistgħux jiġu nnegozjati minħabba n-nuqqas ta' suq organizzat. Strumenti li mhumiex negozjabbli maħruġa minn aġenti ta' rappurtar li sussegwentement isiru negozjabbli u li jistgħu jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji għandhom jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala "titoli ta' dejn".<br><br>(ċ) depożiti marġinali<br>Depożiti marġinali li jsiru skond kuntratti derivattivi għandhom jiġu kklassifikati bħala "passiv ta' depożitu" fejn jirrappreżentaw kollaterali ta' flus kontanti depożitati ma' IFMi u fejn jibqgħu proprjetà tad-depożitatur u li jistgħu jerġgħu jitħallsu lid-depożitatur meta jkun ingħalaq il-kuntratt. Fuq il-bażi ta' prattika kurrenti tas-suq, huwa ssuġġerit ukoll li marġini rċevuti mill-aġent ta' rappurtar għandhom jiġu klassifikati biss bħala "passiv ta' depożitu" sal-punt li l-IFM jiġi provvdut b'fondi li huma disponibbli liberament għal *on-lending*. Fejn parti mill-marġini rċevut mill-IFM irid jgħaddi għand parteċipant ieħor ta' derivattivi fis-suq (eż. il-*clearing-house*), dik il-parti biss li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-IFM għandha bi prinċipju tiġi kklassifikata bħala passiv ta' depożitu. Il-komplessitajiet ta' prattika kurrenti fis-suq jistgħu jagħmluha diffiċli li jiġu identifikati dawk il-marġini li verament jistgħu jerġgħu jitħallsu, minħabba li tipi differenti ta' marġini jitqiegħdu b'mod li ma jistgħux jintgħarfu fl-istess kont, jew dawk il-marġini li jipprovdu lill-IFM b'riżorsi għal *on-lending*. F'dawn il-każijiet, huwa aċċettabbli li jiġu kklassifikati dawn il-marġini taħt il-"bqija tal-passiv" jew bħala "passiv ta' depożitu": skond bilanċi assenjati ta' prattika nazzjonali relatati ma' eż. kuntratti ta' kiri huma klassifikati bħala passiv ta' depożitu taħt "depożiti b'maturità miftiehma" jew "depożiti mifdija mat-talba" skond il-maturità/dispożizzjonijiet tal-kuntratt bażi. Fondi (depożiti) rċevuti fuq bażi ta' fiduċja m'għandhomx jiġu reġistrati fuq il-karta ta' bilanċ ta' statistika tal-IFM (ara "self mogħti fuq bażi ta' fiduċja" taħt il-kategorija 2)<br><br>(d) ishma maħruġin mill-IFMi<br>Ishma maħruġa minn IFMi huma klassifikati bħala depożiti minflok bħala kapital u riżervi jekk: (1) hemm relazzjoni ekonomika ta' debitur-kreditur bejn l-IFM li toħroġhom u d-detentur (immaterjalment minn xi drittijiet ta' propjetà f'dawn l-ishma); u (2) l-ishma jistgħu jinbidlu f'valuta jew mifdija mingħajr restrizzjonijiet jew penalitajiet sinifikanti. Perjodu ta' avviż m'huwiex kunsidrat bħala restrizzjoni sinifikanti. Flimkien ma' dan, dawn l-ishma għandhom isegwu l-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>— id-dispożizzjonijiet regolatorji nazzjonali relevanti ma jipprovdux dritt mingħajr kundizzjoni lill-IFM li toħroġhom li tirrifjuta l-fidi tal-ishma tagħha,<br>— l-ishma huma "ta' valur ċert", jiġifieri taħt ċirkostanzi normali jiġu mħallsa bil-valur nominali tagħhom fil-każ ta' fidi, u<br>— fil-każ ta' insolvenza ta' IFMi, id-detenturi tal-ishma tagħha la huma suġġetti għall-obbligazzjoni li jkopru r-responsabbiltajiet mhux imħallsa flimkien mal-valur nominali tal-ishma (jiġifieri l-parteċipazzjoni tad-detenturi tal-ishma fil-kapital sottoskritt) u lanqas għal xi obbligazzjoni supplimentari oneruża oħra. Is-subordinazzjoni tal-ishma lil xi strument ieħor maħruġ mill-IFM ma jikkwalifikax bħala obbligazzjoni supplementari oneruża.<br>Il-perjodu ta' avviż għall-konverżjoni ta' dawn l-ishma fi flus huwa użat sabiex dawn l-ishma jiġu kklassifikati skond it-taqsim skond il-perjodu ta' avviż fil-kategorija tal-istrument "depożiti". Dawn il-perjodi ta' avviż japplikaw ukoll biex jiġi ddeterminat il-proporzjon ta' riserva skond Artikolu 4 tar-Regolament BĊE/2003/9. Kull sehem mmarkat relatat ma' self magħmul mill-IFM għandu jiġi kklassifikata bħala passiv ta' depożitu, bl-istess tqassim oriġinali ta' maturità bħas-self bażi, jiġifieri bħala "depożiti b'maturità miftiehma" jew "depożiti mifdija b'avviż", jiddependu fuq id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' self bażi.<br>Meta maħruġa mill-IFMi, dawn l-ishma maħruġa mill-IFMi u kklassifikati bħala depożiti minflok kapital u riservi huma kklassifikati mill-IFM li żżommhom bħala self fuq in-naħa tal-attiv tal-karta ta' bilanċ tagħha.<br><br>(e) passiv ta' *securitisation*<br>Il-kontroparti tas-self u/jew ta' attiv ieħor mibjugħa f' *securitisation* imma li xorta waħda rikonoxxuta fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-istatistika.<br>L-oġġett li ġej *mhuwiex* ikkunsidrat bħala depożitu:<br>— Fondi (depożiti) rċevuti fuq bażi ta' fiduċja (ara "Self mogħti fuq bażi ta' fiduċja" taħt il-kategorija 2) |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 9.1. Depożiti ta' matul il-lejl | Depożiti li jistgħu jinqalbu f'valuti u/jew li huma trasferibbli mad-domanda permezz ta' ċekk, ordni bankarja, dħul ta' dejn jew mezz simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali. Din il-partita tinkludi:<br>— bilanċi (li jġorru l-imgħax jew le) li jistgħu jinqalbu immedjatament f'valuta mat-talba jew permezz ta' għeluq tan-negozju fil-jum ta' wara dak li fih ikun sar id-depożitu, mingħajr xi penali jew restrizzjoni sinifikanti, imma li mhumiex trasferibbli<br>— bilanċi (li jagħtu l-imgħax jew le) li jirrappreżentaw ammonti mħallsa bil-quddiem fil-kuntest ta' flejjes elettroniċi bbażati fuq il-*hardware* jew fuq is-*software* (eż. *cards* imħallsa bil-quddiem)<br>— self li jrid jitħallas mill-ġdid fil-jum ta' wara dak li fih ingħata s-self |
| 9.1.a Depożiti trasferibbli | Depożiti trasferibbli huma dawk id-depożiti fi ħdan il-kategorija "depożiti ta' matul il-lejl" li huma trasferibbli direttament fuq talba biex jagħmlu ħlasijiet lil aġenti ekonomiċi oħra permezz ta' mezzi ta' ħlas użati normalment, bħal trasferiment ta' kreditu u debitu dirett, possibbilment ukoll permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu, tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi, ċekkijiet, jew mezzi simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali. Depożiti li jistgħu jintużaw biss għal ġbid ta' flus, u/jew depożiti li minnhom jistgħu jinġibdu jew jiġu ttrasferiti flus permezz ta' kont ieħor ta' l-istess sid, m'għandhomx jiddaħħlu bħala depożiti trasferibbli. |
| 9.2. Depożiti b'maturità miftiehma | Depożiti li mhumiex trasferibbli li ma jistgħux jinqalbu f'valuti qabel terminu fiss miftiehem jew li jistgħu jinqalbu biss f'valuti qabel dak it-terminu miftiehem iżda d-detentur għandu jħallas xi tip ta' penali. Dan l-oġġett jinkludi wkoll depożiti ta' tifdil regolati amministrattivament fejn il-kriterju relatat mal-maturità mhuwiex rilevanti (klassifikat fil-faxxa ta' maturità ta' "aktar minn sentejn"). Prodotti finanzjarji b'dispożizzjonijiet *roll-over* iridu jiġu kklassifikati skond il-maturità li tagħlaq l-ewwel. Għalkemm depożiti b'maturità miftiehma jista' jkollhom il-possibiltà li jinfdew aktar kmieni wara notifika minn qabel, jew jistgħu jinfdew mat-talba bla ħsara għal ċerti penali, dawn il-karatteristiċi mhumiex meqjusa bħala rilevanti għal għanijiet ta' klassifika |
| 9.2a/9.2b/9.2ċ Depożiti ta' maturità miftiehma sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn | Dawn il-partiti jinkludu:<br>(a) Bilanċi mqiegħda b'terminu fiss ta' maturità sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn li mhumiex trasferibbli u li ma jistgħux jinqalbu f'valuta qabel dik il-maturità.<br>(b) Bilanċi mqiegħda b'terminu fiss ta' maturità sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn li mhumiex trasferibbli imma jistgħu jinfdew qabel dak it-terminu wara notifika minn qabel; fejn notifika tkun ingħatat, dawn il-bilanċi għandhom jiġu klassifikati f'9.3a jew 9.3b, fejn xieraq<br>(ċ) Bilanċi mqiegħda b'terminu fiss ta' maturità sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn li mhumiex trasferibbli imma jistgħu jinfdew mat-talba bla ħsara għal ċerti penali<br>(d) Ħlasijiet marġinali li jsiru skond kuntratti derivattivi li jridu jingħalqu fi żmien sena/bejn sena u sentejn/iktar minn sentejn, li jirrappreżentaw kollateral ta' flus kontanti mqiegħda biex jipproteġu kontra riskju ta' kreditu imma li jibqgħu fil-pussess tad-depożitatur u li jistgħu jerġgħu jitħallsu lid-depożitatur meta jkun ingħalaq il-kuntratt<br>(e) Self li jkollu bħala xhieda dokument wieħed ta' maturità oriġinali sa u jinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u jinkludi sentejn/aktar minn sentejn<br>(f) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli maħruġa mill-IFMi (li jkollhom jew ma jkollhomx dokumenti bħala xhieda) ta' maturità oriġinali li twassal sa u tinkludi sena waħda aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn<br>(g) Dejn subordinat maħruġ mill-IFMi fil-forma ta' depożiti jew self ta' maturità oriġinali sa u jinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u jinkludi sentejn/aktar minn sentejn ta' maturità oriġinali<br>(h) Passiv ta' *securitisation*:<br>Il-kontroparti tas-self u/jew ta' attiv ieħor mibjugħa f' *securitisation* imma li xorta waħda rikonoxxuta fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-istatistika. B'konvenzjoni dan il-passiv huwa assenjat għall kategorija tal-maturità ta' 'maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn'.<br>Flimkien ma' dan, depożiti ta' maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn jinkludu:<br>— Bilanċi (mingħajr ma jingħata każ tal-maturità) li fihom ir-rati tal-imgħax u/jew termini u kondizzjonijiet huma speċifikati fil-leġislazzjoni nazzjonali u li huma ddisinjati biex jinżammu għal għanijiet speċifiċi (eż. finanzjament għal djar) li jseħħu wara sentejn (anke jekk teknikment jistgħu jinfdew mat-talba) |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| 9.3. Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż | Depożiti li mhumiex trasferibbli mingħajr maturità miftiehma li ma jistgħux jinqalbu f'valuta mingħajr perjodu ta' avviż minn qabel: qabel l-iskond li fih il-bdil fi flus kontanti mhuwiex possibbli jew huwa possibbli biss b'penali. Dawn jinkludu depożiti li, għalkemm forsi jistgħu jiġu rtirati legalment mat-talba, ikunu suġġetti għal penali u restrizzjonijiet skond il-prattika nazzjonali (klassifikata fil-faxxa ta' maturità "li twassal sa u tinkludi tliet xhur"), u kontijiet ta' investimenti mingħajr perjodu ta' avviż jew maturità miftiehma, imma li fihom dispożizzjonijiet restrittivi ta' ħrug ta' flus (klassifikati fil-faxxa ta' maturità ta' "aktar minn tliet xhur") |
| 9.3a/9.3b Depożiti mifdija b'avviż sa u jinkludi tliet xhur/ta' aktar minn tliet xhur li minnhom fuq avviż ta' aktar minn sentejn | Dawn il-partiti jinkludu:<br>(a) Bilanċi mqiegħda mingħajr maturità fissa li jistgħu jiġu rtirati biss bla ħsara għal avviż minn qabel ta' sa u inkluż tliet xhur/iktar minn tliet xhur li minnhom aktar minn sentejn; jekk ikun possibbli li jinfdew qabel dak il-perjodu tal-avviż (jew anke mat-talba), ikun jinvolvi l-ħlas ta' penali<br>(b) Bilanċi mqiegħda b'terminu fiss ta' maturità li mhumiex trasferibbli imma li jkunu ġew suġġetti għal notifika ta' inqas minn tliet xhur/ta' aktar minn tliet xhur li minnhom ta' aktar minn sentejn, biex jinfdew aktar kmieni<br>Flimkien ma' dan, depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż sa u jinkludi tliet xhur, jinkludu:<br>— Depożiti ta' tifdil mad-daqqa t'għajn li mhumiex trasferibbli u tipi oħra ta' depożiti bl-imnut li, għalkemm jistgħu jinfdew legalment mat-talba, huma suġġetti għal penali sinifikanti<br>U, depożiti li jistgħu jinfdew fuq avviż ta' aktar minn tliet xhur li minhom fuq avviż ta' aktar minn sentejn (fejn ikun xieraq)<br>— Kontijiet ta' investiment mingħajr perjodu ta' avviż jew maturità miftiehma, imma li fihom dispożizzjonijiet restrittivi fuq il-ħruġ ta' flus |
| 9.4. *Repos* | Kontraparti ta' flus kontanti rċevuti bi skambju għal titoli/deheb mibjugħa minn aġenti ta' rappurtar bi prezz miftiehem taħt rabta soda biex l-istess (jew simili) titoli/deheb jerġgħu jinxtraw bi prezz fiss f'data speċifikata aktar 'il quddiem. Ammonti rċevuti minn aġenti ta' rappurtar bi skambju għal titoli/deheb ittrasferiti lil terza parti ("akkwirent temporanju") jridu jiġu kklassifikati taħt "ftehim ta' xiri mill-ġdid" fejn ikun hemm rabta soda biex tinqaleb l-operazzjoni u mhux sempliċement għażla biex isir dan. Dan jimplika li aġenti ta' rappurtar iżommu r-riskji u l-premji kollha tat-titoli bħala bażi matul l-operazzjoni.<br>Il-varjanti li ġejjin ta' operazzjonijiet tat-tip repo huma kollha klassifikati taħt "ftehim ta' xiri mill-ġdid":<br>— ammonti rċevuti bi skambju għal titoli temporanjament trasferiti lil terza parti fil-forma ta' self ta' titoli kontra kollaterali fi flus kontanti<br>— ammonti rċevuti bi skambju għal titoli temporanjament trasferiti lil terza parti fil-forma ta' ftehim ta' bejgħ/xiri lura<br>It-titoli fil-bażi ta' operazzjonijiet ta' tip repo huma mniżżla skond ir-regoli fl-oġġett 3 tal-assi "Titoli għajr ishma oħra". Operazzjonijiet li jinvolvu t-trasfreriment temporanju ta' deheb kontra kollaterali fi flus kontanti huma ukoll inklużi taħt dan l-oġġett |
| 10. Ishma/unitajiet ta' MMFs | Ishma jew unitajiet maħruġa minn MMFs. Ara d-definizzjoni fl-Anness I, Parti 1, Taqsima 2. |
| 11. Titoli ta' dejn maħruġin | Titoli għajr ekwità maħruġa minn aġenti ta' rappurtar, li huma strumenti li normalment jistgħu jiġu nnegozjati u kkummerċjalizzati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu kkumpensati fis-suq u li ma jagħtu lis-sid ebda dritt ta' pussess fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ. Dan l-oġġett jinkludi:<br>(a) titoli li jagħtu lid-detentur, id-dritt mingħajr kundizzjoni għal qligħ fiss jew qligħ stabbilit b'kuntratt fil-forma ta' ħlasijiet ta' ċedoli u/jew ta' somma fissa stabbilita minn qabel f'data (jew dati) speċifika jew li tibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ.<br>(b) Strumenti li mhumiex negozjabbli maħruġa minn aġenti ta' rappurtar li sussegwentement isiru negozjabbli għandhom jiġu klassifikati mill-ġdid bħala "titoli ta' dejn" (ara ukoll il-kategorija 9). |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| | (ċ) Dejn subordinat maħruġ mill-IFMi irid jiġi trattat bl-istess mod bħal dejn li jkollhom l-IFMi għall-għanijiet ta' statistiċi ta' flus u bankarji. Għalhekk, dejn subordinat maħruġ fil-forma ta' titoli jrid jiġi kklassifikat bħala "titoli ta' dejn maħruġ", waqt li dejn subordinat maħruġ mill-IFMi fil-forma ta' depożiti jew self irid jiġi kklassifikat bħala "passiv ta' depożitu". Fejn id-dejn subordinat kollu maħruġ mill-IFMi jiġi identifikat bħala ammont wieħed għal għanijiet statistiċi, din iċ-ċifra trid tiġi kklassifikata taħt l-oġġett ta' "titoli ta' dejn maħruġa" fuq il-bażi li dejn subordinat huwa mibni prinċipalment fil-forma ta' titoli aktar milli bħala self. Dejn subordinat m'għandux jiġi kklassifikat skond l-oġġett ta' passiv "kapital u riservi"<br>(d) Strumenti ibridi. Strumenti negozjabbli b'taħlita ta' dejn u komponenti derivattivi, jinkludu:<br>— strumenti ta' dejn negozjabbli li jinkludu derivattivi mdeffsa fihom,<br>— strumenti negozjabbli li l-valur ta' fidi u/jew il-kupun tagħhom huwa marbut ma' l-iżvilupp ta' attiv ta' referenza, il-prezz ta' l-attiv jew indikatur ieħor ta' referenza fuq il-maturità ta' l-istrument |
| 11a/11b/11ċ Titoli ta' dejn ta' maturità oriġinali sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn | Dawn il-partiti jinkludu:<br>(a) Titoli ta' dejn negozjabbli maħruġa mill-IFMi (li jkollhom jew ma jkollhomx dokumenti bħala xhieda) ta' maturità oriġinali li twassal sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn<br>(b) Dejn subordinat maħruġ mill-IFMi fil-forma ta' titoli ta' dejn ta' maturità oriġinali sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/ta' maturità oriġinali aktar minn sentejn |
| 11d Li minnhom titoli ta' dejn sa mhux aktar minn sentejn u garanzija kapitali nominali anqas minn 100 % | Strumenti ibridi maħruġa minn IFMi b'maturità oriġinali ta' mhux aktar minn sentejn, u li malli jimmaturaw, jistgħu jkollhom valur ta' fidi kuntrattwali fil-valuta tal-ħruġ anqas mill-ammont li jkun ġie oriġinalment investit, minħabba t-taħlita tagħhom ta' dejn u komponenti derivattivi. |
| 12. Kapital u riżervi | Għall-għanijiet tal-iskema ta' rappurtar, din il-kategorija tikkomprendi l-ammonti li jinħolqu mill-ħruġ ta' kapital ta' ekwità minn aġenti ta' rappurtar lill-azzjonisti jew proprjetarji oħra, li jirrappreżentaw għad-detentur drittijiet ta' propjetà fl-IFM u ġeneralment għal dritt għal sehem fil-qligħ tiegħu u sehem fil-fondi tiegħu stess fil-każ ta' likwidazzjoni. Fondi li jirriżultaw mill-benefiċċji mhux distribwiti jew mill-fondi mwarrba mill-aġenti ta' rappurtar b'antiċipazzjoni ta' ħlasijiet jew obbligi futuri huma inklużi ukoll. Tinkludi:<br>(a) kapital ta' ekwità<br>(b) benefiċċji jew fondi mhux imqassmin<br>(ċ) dispożizzjonijiet speċifiċi u ġenerali kontra self, titoli u tipi oħra ta' attività (jistgħu jiġu rreġistrati skond ir-regoli tal-kontabbilità) |
| 13. Bqija tal-passiv | L-oġġett tal-"bqija tal-passiv" huwa meqjus bħala l-oġġett reżidwu fuq in-naħa tal-passiv tal-karta ta' bilanċ, definit bħala "passiv mhux inkluż x'imkien ieħor". Il-BĊNi jistgħu jitolbu r-rappurtar ta' sotto pożizzjonijiet speċifiċi inkużi f'din il-partita. Passiv li jifdal jista' jinkludi:<br>(a) pożizzjonijiet finanzjarji ta' derivattivi b'valuri tas-suq gross negattivi<br>Għal għanijiet statistiċi, strumenti derivattivi finanzjarji li huma suġġetti għal reġistrazzjoni fuq karta ta' bilanċ għandhom jiġu inklużi hawnhekk<br>(b) ammonti grossi pagabbli fir-rigward ta' oġġetti sospiżi<br>Oġġetti sospiżi huma bilanċi miżmuma fil-karta ta' bilanċ tal-IFM li mhumiex riżervati fl-isem ta' konsumaturi imma li madanakollu għandhom x'jaqsmu ma' fondi tal-konsumatur (eż. fondi li qed jistennew investiment, trasferiment jew *settlement*)<br>(ċ) ammonti grossi pagabbli fir-rigward ta' oġġetti ta' tranżitu<br>Oġġetti ta' tranżitu jirrappreżentaw fondi (li normalment huma tal-konsumaturi) li qed jiġu trażmessi bejn IFMi. Oġġetti jinkludu trasferimenti ta' kreditu li ġew debitati minn kontijiet tal-konsumaturi u oġġetti oħra li għalihom il-ħlas korrispondenti ma jkunx għadu sar mill-aġent ta' rappurtar |

| Kategorija | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali |
|---|---|
| | (d) imgħax akkumulat pagabbli fuq id-depożiti<br>Skond il-prinċipju ġenerali tal-kontabbiltà tad-dovuti *(accruals accounting)*, l-imgħax pagabbli fuq id-depożiti huwa suġġett għal *on-balance-sheet recording* waqt li jakkumula (jiġifieri skond il-bażi tad-dovuti (*accruals basis*)) aktar milli meta jiġi mħallas (jiġifieri skond il-bażi tal-ħlas (*cash basis*)). L-imgħax akkumulat fuq id-depożiti huwa kklassifikat skond bażi gross fil-kategorija "passiv li jifdal". L-imgħax akkumulat huwa eskluż mid-depożitu li għalih huwa jirreferi<br>(e) dividendi li għandhom jitħallsu<br>(f) ammonti pagabbli mhux relatati man-negozju prinċipali tal-IFM (ammonti dovuti lil fornituri, taxxi, pagi, kontribuzzjonijiet soċjali, eċċ.)<br>(g) dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw responsabbiltajiet kontra terzi (pensjonijiet, dividendi eċċ)<br>(h) ħlasijiet margini magħmula skond kuntratti derivattivi<br>Ħlasijiet marġinali li jsiru skond kuntratti derivattivi huma normalment ikklassifikati bħala passiv ta' depożitu (ara l-kategorija 9). Il-komplessitajiet ta' prattika kurrenti fis-suq jistgħu jagħmluha diffiċli li jiġu identifikati dawk il-marġini li verament jistgħu jerġgħu jitħallsu, billi tipi differenti ta' marġini jitqiegħdu b'mod li ma jistgħux jintgħarfu fl-istess kont, jew dawk il-marġini li jipprovdu lill-IFM b'riżorsi għal *on-lending*. F'dawn il-każijiet, huwa aċċettabbli li dawn il-marġini jiġu klassifikati skond "il-bqija tal-passiv" jew bħala "passiv ta' depożitu", skond prattika nazzjonali<br>(i) ammonti netti pagabbli fir-rigward tas-settlement futur ta' tranżazzjonijiet f'titoli jew operazzjonijiet ta' skambju barrani<br>Il-bqija tal-passiv jista' jeskludi kważi l-istrumenti finanzjarji kollha li jieħdu l-forma ta' responsabbiltajiet finanzjarji (inklużi fl-oġġetti l-oħra tal-karta ta' bilanċ); strumenti finanzjarji li ma jieħdux il-forma ta' responsabbiltajiet finanzjarji bħal ma huma garanziji, rbit, self amministrat u fuq bażi ta' fiduċja (reġistrati minn fuq karta tal-bilanċ), u responsabbiltajiet mhux finanzjarji bħal ma huma oġġetti ta' kapital fuq in-naħa tal-passiv (inklużi mal-"kapital u riservi"). |

PARTI 3

## Definizzjonijiet ta' setturi

L-ESA 95 tipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni settorjali. Kontrapartijiet li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru parteċipanti huma identifikati skont is-settur skont il-lista ta' IFMi għal għanijiet statistiċi u l-gwida għal klassifikazzjoni statistika tal-kontrapartijiet pprovduta fil-Manwal tas-Setturi tal-BĊE. Istituzzjonijiet bankarji li jinsabu barra mill-Istati Membri jissemmew bħala "banek" u mhux IFMi. Bl-istess mod, it-terminu "mhux IFM" jirreferi biss għall-Istati Membri, għal pajjiżi oħrajn huwa użat it-terminu "mhux banek".

*Tabella*

**Definizzjoni tas-setturi**

| Settur | Definizzjoni |
|---|---|
| IFMi | Ara l-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament |
| Gvern ġenerali (S. 13) (ESA 95, paragrafi 2.68 sa 2.70) | Unitajiet ta' residenti li huma prinċipalment involuti fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux tas-suq, maħsubin sabiex jiġu kkunsmati individwalment u b'mod kollettiv u/jew fid-distribuzzjoni mill-ġdid tad-dħul u ġid nazzjonali |
| Gvern ċentrali (S. 1311) (ESA 95, paragrafu 2.71) | Id-dipartimenti amministrattivi tal-Istat u aġenziji ċentrali oħra li l-kompetenza tagħhom hi mifruxa fil-qasam ekonomiku kollu, minbarra l-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali |
| Gvern statali (S. 1312) (ESA 95, paragrafu 2.72) | Unitajiet istituzzjonali separati li jeżerċitaw uħud mill-funzjonijiet tal-gvern f'livell taħt dak tal-gvern ċentrali u fuq dak tal-gvern lokali, minbarra l-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali |

| Settur | Definizzjoni |
| --- | --- |
| Gvern lokali (S. 1313) (ESA 95, paragrafu 2.73) | Amministrazzjoni pubblika li l-kompetenza tagħha testendi biss sa parti lokali mit-territorju ekonomiku, minbarra aġenziji lokali ta' fondi tas-sigurtà soċjali |
| Fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314) (ESA 95, paragrafu 2.74) | Unitajiet ċentrali, statali u lokali li l-attività prinċipali tagħhom hija li jipprovdu benefiċċji soċjali |
| Intermedjarji finanzjarji oħra (S. 123) + awżiljarji finanzjarji (S. 124) (ESA 95, paragrafi 2.53 sa 2.59) | Korporazzjonijiet u kważi korporazzjonijiet finanzjarji (għajr korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni) involuti b'mod ewlieni fl-intermedjazzjoni finanzjarja billi jġarrbu passivi f'forom oħra għajr il-valuta, depożiti u/jew sostituti mill-qrib għad-depożiti minn unitajiet istituzzjonali għajr l-IFMi, jew riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni. FVCs, kontropartijiet ċentrali li m'hu-miex IFMi w awżiljarji finanzjarji li jikkonsistu fil-korporazzjoni-jiet finanzjarji kollha u kważi korporazzjonijiet li huma involuti prinċipalment f'attivitajiet finanzjarji awżiljarji, huma inklużi. |
| Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pens-joni (S.125) (ESA 95, paragrafi 2.60 sa 2.67) | Korporazzjonijiet u kważi korporazzjonijiet finanzjarji involuti b'mod prinċipali fl-intermedjazzjoni finanzjarja bħala l-konse-gwenza tal-ġbir tar-riskji |
| 5. Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S. 11) (ESA 95, paragrafi 2.21 sa 2.31) | Korporazzjonijiet u kważi korporazzjonijiet mhux involuti f'inter-medjazzjoni finanzjarja iżda involuti b'mod ewlieni fil-produzz-joni ta' oġġetti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji |
| 6. Djar (S. 14) u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu d-djar (S. 15) (ESA 95, paragrafi 2.75 sa 2.88) | Individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi, u produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji, esklussivament għall-konsum finali tagħhom stess, u bħala produtturi ta' oġġetti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji u servizzi finanzjarji sakemm l-attivitajiet tagħhom mhumiex dawk ta' kważi korporazzjonijiet. Istituzzjonijiet mhux finanzjarji li jservu d-djar u li huma b'mod ewlieni nvoluti fil-produzzjoni ta' oġġetti mhux tas-suq u servizzi maħsubin għal gruppi partikolari ta' djar, huma inklużi. |
| Sidien proprjetarji (*sole proprietors*) u soċjetajiet mhux korporati (sotto-popolazzjoni ta' "Djar" (ESA 95, paragrafu 2.76d) | Sidien proprjetarji (*sole proprietors*) u soċjetajiet mhux korporati mingħajr status legali – għajr dawk stabbiliti bħala kważi korporazzjonijiet – li huma produtturi tas-swieq. Dan jinkludi negozji mhux korporati, (soċjetajiet ta') avukati għal rashom, tobba etċ. Fil-każ ta' sidien proprjetarji, l-entità ta' negozju hija marbuta inseparabbilment mal-persuna(i) naturali li hija/huma s-sid(ien), b'hekk jinġabru flimkien id-drittijiet u l-obbligi kollha li joħorġu mill-isfera ta' negozju u dik privata. |

*ANNESS III*

## APPLIKAZZJONI TA’ REKWIŻITI TA’ RIŻERVI MINIMI U REGOLI SPEĊJALI RELATATI

PARTI 1

### Rekwiżiti ta’ riżervi minimi għal istituzzjonijiet ta’ kreditu: regoli ġenerali

1. Ċelluli mmarkati b’* fit-Tabella 1 fl-Anness I huma użati fil-kalkolazzjoni tal-bażi tar-riserva. F’dak li għandu x’jaqsam ma’ titoli ta’ depożitu, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jippreżentaw prova tar-responsabbiltajiet li jridu jiġu esklużi mill-bażi ta’ riserva jew japplikaw tnaqqis standardizzat ta’ persentaġġ fiss speċifikat mill-BĊE. Ċelluli b’tipa rqiqa jiġu rrappurtati biss mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu suġġetti għal rekwiżiti ta’ riserva.

2. Il-kolonna “li minnhom istituzzjonijiet ta’ kreditu suġġetti għar-rekwiżiti ta’ riżervi, il-BĊE u l-BĊNi” ma tinkludix ir-responsabbiltajiet ta’ aġenti tar-rappurtar fejn għandhom x’jaqsmu istituzzjonijiet imniżżla bħala eżenti mis-sistema ta’ riżervi minimi tal-BĊE, jiġifieri istituzzjonijiet li huma eżenti għal raġunijiet oħra għajr li huma suġġetti għal miżuri ta’ riorganizzazzjoni. Il-lista tal-istituzzjonijiet eżenti fiha biss dawk l-istituzzjonijiet li huma eżenti għal raġunijiet oħra għajr li huma suġġetti għal miżuri ta’ riorganizzazzjoni. L-istituzzjonijiet li huma temporanjament eżenti mir-rekwiżiti ta’ riserva minima minħabba li huma suġġetti għal miżuri ta’ riorganizzazzjoni jiġu ttrattati bħala istituzzjonijiet suġġetti għal rekwiżiti ta’ riserva minima u, għalhekk, ir-responsabbiltajiet li jirrigwardaw lil dawn l-istituzzjonijiet huma koperti fil-kolonna “li minnhom istituzzjonijiet ta’ kreditu suġġetti għal rekwiżiti ta’ riserva, il-BĊE u l-BĊNi”. Ir-responsabbiltajiet rigward istituzzjonijiet li mhux attwalment meħtieġa li jżommu ħażniet ta’ riserva mas-SEBĊ minħabba l-applikazzjoni tar-remunerazzjoni f’somma waħda huma wkoll koperti b’din il-kolonna.

3. Korrispondenti sħaħ jistgħu jirrappurtaw pożizzjonijiet fir-rigward ta’ “IFMi oħra għajr istituzzjonijiet ta’ kreditu suġġetti għal riżervi minimi, il-BĊE u l-BĊNi” aktar milli fir-rigward ta’ ‘IFMI’ u ‘istituzzjonijiet ta’ kreditu suġġetti għal riżervi minimi, il-BĊE u l-BĊNi’, iżda m’għandux ikun hemm telf ta’ dettalji u l-ebda pożizzjoni b’tipa ħoxna m’għandha tiġi affettwata. Barra minn dan, skont is-sistemi nazzjonali ta’ ġbir u mingħajr preġudizzju għall-konformità sħiħa mad-definizzjonijiet u l-prinċipji ta’ klassifika tal-karta tal-bilanċ tal-IFMi dikjarati f’dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu suġġetti għar-rekwiżiti ta’ riżervi minimi jistgħu alternattivament jirrappurtaw fatti magħrufa meħtieġa biex jikkalkolaw il-bażi tar-riserva, minbarra dawk fi strumenti negozjabbli, bi qbil mat-tabella hawn taħt, iżda ma għandha tiġi affettwata l-ebda pożizzjoni b’tipa ħoxna tat-Tabella 1 fl-Anness 1.

4. Istituzzjonijiet żgħar ta’ kreditu fid-“denb” jirrappurtaw, bħala minimu, dejta ta’ kull trimestru meħtieġa biex tiġi kkalkolata il-bażi ta’ riserva bi qbil mat-tabella hawn taħt.

5. Għal rappurtar bi qbil mat-tabella ta’ hawn taħt, għandu tiġi żgurata konformità stretta mat-Tabella 1 tal-Anness I.

*Tabella*

**Dejta meħtieġa għar-riżervi minimi**

| | Bażi ta’ riżerva kkalkolata bħala s-somma tal-kolonni li ġejjin fit-Tabella 1 (Passivi): (a) - (b) + (ċ) + (d) + (e) + (j) - (k) + (l) + (m) + (n) + (s) |
|---|---|
| PASSIVI TA’ DEPOŻITU<br>**(Valuti ta’ l-euro u barranin kombinati)** | |
| 9. **Total ta’ depożiti**<br>**9.1e + 9.1.x**<br>**9.2e + 9.2.x**<br>**9.3e + 9.3.x**<br>**9.4e + 9.4.x** | |
| **li minnhom:**<br>**9.2e + 9.2.x b’maturità miftiehma**<br>**ta’ iktar minn sentejn** | |

| | |
|---|---|
| | Bażi ta' riżerva kkalkolata bħala s-somma tal-kolonni li ġejjin fit-Tabella 1 (Passivi): (a) - (b) + (ċ) + (d) + (e) + (j) - (k) + (l) + (m) + (n) + (s) |
| **li minnhom:**<br>**9.3e + 9.3.x mifdija b'avviż ta' iktar minn sentejn** | Rappurtar volontarju ([1]) |
| **li minnhom:**<br>**9.4e + 9.4.x repos** | |
| | Ħargiet dovuti, kolonna (t) f'Tabella 1 (Passiv) |
| STRUMENTI NEGOZJABBLI<br>**(Valuti ta' l-euro u barranin kombinati)**<br>11. **Titoli ta' dejn maħruġin**<br>**11e + 11x b'maturità miftiehma** | |
| **sa sentejn** | |
| **ta' iktar minn sentejn** | |

([1]) L-aġenti ta' rappurtar għandhom l-għażla li jissodisfaw dan l-obbligu ta' rappurtar permezz ta' rappurtar volontarju, jiġifieri huma jistgħu jirrappurtaw jew ċifri veri (inklużi pożizzjonijiet nulli) jew "tagħrif nieqes". Meta ssir l-għażla li jiġu rappurtati ċifri veri, l-aġenti ta' rappurtar ma jistgħux jirrappurtaw iktar "tagħrif nieqes".

PARTI 2

## Regoli speċjali

***Taqsima 1: Rappurtar statistiku fuq bażi aggregata bħala grupp minn istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għas-sistema ta' riżervi minimi tal-BĊE***

1.1. Soġġett għat-twettieq tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament BĊE/2003/9, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jista' jħalli lill-istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għal riżervi minimi biex iwettqu rappurtar statistiku aggregat bħala grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ġewwa territorju nazzjonali wieħed. L-istituzzjonijiet kollha interessati huma inklużi separatament fil-lista tal-IFMi tal-BĊE.

1.2. Jekk istituzzjonijiet ta' kreditu ġew permessi li jżommu riżervi minimi permezz ta' intermedjarju, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament BĊE/2003/9, u ma jibbenfikawx mir-rappurtar tal-grupp rriferit f'din it-Taqsima, il-BĊN rilevanti jista' jawtorizza lill-intermedjarju biex iwettaq rappurtar statistiku aggregat (għajr fir-rigward tal-bażi ta' riżerva) f'isem istituzzjonijiet ta' kreditu. L-istituzzjonijiet kollha interessati huma inklużi separatament fil-lista tal-IFMi tal-BĊE.

1.3. Jekk il-grupp kollu kumplessiv tal-istituzzjonjiet ta' kreditu jagħmel parti minn dak li jissejjaħ id-"denb", jeħtieġlu biss li jikkonforma mar-rappurtar simplifikat għal istituzzjonijiet fid-"denb". Jekk dan ma jkunx il-każ, l-iskema ta' rappurtar għal korrispondenti sħaħ tapplika għall-grupp kollu bħala wieħed.

***Taqsima 2: Rekwiżiti ta' riżervi fil-każ ta' għaqdiet li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu***

2.1. Għall-għanijiet ta' dan l-Anness, il-kliem "għaqdiet", "istituzzjonijiet ta' għaqdiet", u "istituzzjoni ta' akkwist" għandhom it-tifsiriet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament BĊE/2003/9.

2.2. Għall-perjodu ta' manutenzjoni li fih isseħħ għaqda, ir-rekwiżiti ta' riserva tal-istituzzjoni huma kkalkolati u jridu jitwettqu kif dikjarat fl-Artikolu 13 tar-Regolament BĊE/2003/9.

2.3. Għal perjodi ta' manutenzjoni konsekuttivi, ir-rekwiżit ta' riserva tal-istituzzjoni li takkwista hija kalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riserva u ta' tagħrif statistiku rappurtat bi qbil mar-regoli stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt. Jekk dan ma jkunx il-każ, japplikaw ir-regoli normali għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku u l-kalkolu ta' rekwiżiti ta' riserva, kif dikjarati fl-Artikolu 3 tar-Regolament BĊE/2003/9.

2.4. Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet dikjarati fil-paragrafi preċedenti, il-BĊN rilevanti jista' jawtorizza lill-istituzzjoni ta' akkwist biex twettaq l-obbligazzjoni tagħha li tirrapporta tagħrif statistiku permezz ta' proċeduri temporanji, per eżempju formoli separati għal kull waħda mill-istituzzjonijiet li qed jingħaqdu matul diversi perjodi wara li tkun saret l-għaqda. It-tul ta' żmien ta' din id-deroga minn proċeduri normali ta' rappurtar għandha tiġi llimitata kemm jista' jkun u m'għandhiex taqbeż is-sitt xhur wara li tkun seħħet l-għaqda. Din id-deroga hija mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjoni biex l-istituzzjoni tal-akkwist twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha ta' rappurtar bi qbil ma' dan ir-Regolament, u jekk ikun applikabbli, l-obbligazzjoni tagħha li tassumi l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet li qed jingħaqdu bi qbil ma' dan l-Anness.

*Tabella*

**Regoli speċjali għall-kalkolu ta' rekwiżiti ta' riżerva ta' istituzjonijiet ta' kreditu involuti f'għaqda** ([1])

| Numru tal-każ | Tip ta' għaqda | Obbligazzjonijiet li jridu jitwettqu |
|---|---|---|
| 1 | Għaqda fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni ta' akkwist) jakkwista korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ wara l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku ta' kull xahar li għandu x'jaqsam max-xahar preċedenti | Għal perjodi ta' manutenzjoni konsekuttivi għall-għaqda, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni tal-akkwist hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist u tal-istituzzjonijiet ta' għaqda. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perjodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx l-għaqda. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss |
| 2 | Għaqda fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni ta' akkwist) jakkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" u possibilment korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ wara l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam mat-trimestru preċedenti | Għal perjodi ta' manutenzjoni konsekuttivi għall-għaqda, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni tal-akkwist hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist u tal-istituzzjonijiet ta' għaqda. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perjodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx l-għaqda. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss |
| 3 | Għaqda fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni ta' akkwist) jakkwista korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ fil-perjodu ta' bejn l-aħħar tax-xahar u l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku ta' kull xahar li għandu x'jaqsam max-xahar preċedenti | Għal perjodi ta' manutenzjoni konsekuttivi għall-għaqda, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni tal-akkwist hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist u tal-istituzzjonijiet ta' għaqda. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perjodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx l-għaqda. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss. L-istituzzjoni ta' akkwist għandha tassumi, b'żieda mal-obbligazzjonijiet ta' rappurtar tagħha stess, l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet ta' għaqda għal tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam max-xahar ta' qabel l-għaqda |
| 4 | Għaqda fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni ta' akkwist) jakkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" u possibilment korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ fil-perjodu ta' bejn l-aħħar trimestru u l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam mat-trimestru preċedenti | Għal perjodi ta' manutenzjoni konsekuttivi għall-għaqda, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni tal-akkwist hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist u tal-istituzzjonijiet ta' għaqda. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perjodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx l-għaqda. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss. L-istituzzjoni ta' akkwist għandha tassumi, b'żieda mal-obbligazzjonijiet ta' rappurtar tagħha stess, l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet ta' għaqda għal tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam max-xahar jew it-trimestru ta' qabel l-għaqda, skond l-istituzzjoni |

([1]) Din it-tabella tippreżenta d-dettalji ta' proċeduri aktar komplessi applikati għal każijiet speċifiċi. Għal każijiet mhux ippreżentati fit-tabella, japplikaw ir-regoli normali għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku u l-kalkolu ta' rekwiżiti ta' riżerva, kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament BĊE/2003/9.

| Numru tal-każ | Tip ta' għaqda | Obbligazzjonijiet li jridu jitwettqu |
|---|---|---|
| 5 | Għaqda fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni ta' akkwist) takkwista korrisponent sħiħ wieħed jew aktar u possibilment istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ wara l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku xahar li għandu x'jaqsam mat-trimestru preċedenti | Tiġi applikata l-istess proċedura bħal fil-Każ 1 |
| 6 | Għaqda fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni ta' akkwist) takkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ wara l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam mat-trimestru preċedenti | Għall-perjodu ta' manutenzjoni konsekuttiv mal-għaqda u sakemm l-istituzzjoni ta' akkwist tkun irrappurtat id-dejta ta' kull trimestru għall-ewwel darba wara l-għaqda bi qbil mal-rekwiżiti ta' rappurtar imnaqqsa li huma imposti fuq korrispondenti tad-"denb" kif stabbilit fl-Anness III ma' dan ir-Regolament, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist u tal-istituzzjonijiet ta' għaqda. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perjodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx l-għaqda. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss |
| 7 | Għaqda fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni ta' akkwist) takkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ wara l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti bi qbil mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam mat-trimestru preċedenti u, bħala riżultat tal-għaqda, l-istituzzjoni tad-"denb" issir korrispondent sħiħ | Tiġi applikata l-istess proċedura bħal-fil-Każ 2 |
| 8 | Għaqda fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni ta' akkwist) takkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ fil-perjodu ta' bejn l-aħħar tax-xahar u l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam max-xahar preċedenti | Għall-perjodu ta' manutenzjoni konsekuttiv mal-għaqda u sakemm l-istituzzjoni ta' akkwist tkun irrappurtat għall-ewwel darba wara l-għaqda id-dejta ta' kull trimestru bi qbil mal-rekwiżiti ta' rappurtar imnaqqsa li huma imposti fuq korrispondenti tad-"denb" kif stabbilit fl-Anness III ma' dan ir-Regolament, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist u tal-istituzzjonijiet ta' għaqda. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perjodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx l-għaqda. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss. L-istituzzjoni ta' akkwist għandha tassumi, b'żieda mal-obbligazzjonijiet ta' rappurtar tagħha stess, l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet ta' għaqda għal tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam mat-trimestru ta' qabel l-għaqda |
| 9 | Għaqda fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni ta' akkwist) takkwista korrispondent sħiħ wieħed jew aktar u possibilment istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ fil-perjodu ta' bejn l-aħħar tax-xahar u l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam mat-trimestru preċedenti | Tiġi applikata l-istess proċedura bħal-fil-Każ 3 |
| 10 | Għaqda fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni ta' akkwist) takkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ fil-perjodu ta' bejn l-aħħar tax-xahar u l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam mat-trimestru preċedenti u, bħala riżultat tal-għaqda, l-istituzzjoni tad-"denb" issir korrispondent sħiħ | Tiġi applikata l-istess proċedura bħal-fil-Każ 4 |

| Numru tal-każ | Tip ta' għaqda | Obbligazzjonijiet li jridu jitwettqu |
|---|---|---|
| 11 | Għaqda fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni ta' akkwist) jinħoloq minn korrispondenti sħaħ (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ fil-perjodu ta' bejn l-aħħar tax-xahar u l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku ta' kull xahar li għandu x'jaqsam max-xahar preċedenti | Għal perjodi ta' manutenzjoni konsekuttivi għall-għaqda, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni tal-akkwist hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjonijiet ta' għaqda. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perjodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx l-għaqda. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss. L-istituzzjoni ta' akkwist għandha tassumi l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet ta' għaqda għal tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam max-xahar ta' qabel l-għaqda |
| 12 | Għaqda fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni ta' akkwist) jinħoloq minn istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" u possibilment korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ fil-perjodu ta' bejn l-aħħar trimestru u l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku ta' kull xahar li għandu x'jaqsam mat-trimestru preċedenti | Għal perjodi ta' manutenzjoni konsekuttivi għall-għaqda, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni tal-akkwist hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjonijiet ta' għaqda. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perjodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx l-għaqda. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss. L-istituzzjoni ta' akkwist għandha tassumi l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet ta' għaqda għal dejta li għandha x'jaqsam max-xahar jew it-trimestru ta' qabel l-għaqda, skond l-istituzzjoni |
| 13 | Għaqda fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni ta' akkwist) tinħoloq minn istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet ta' għaqda) isseħħ fil-perjodu ta' bejn l-aħħar trimestru u l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam max-xahar preċedenti | Għall-perjodu ta' manutenzjoni konsekuttiv mal-għaqda u sakemm l-istituzzjoni ta' akkwist tkun irrappurtat id-dejta ta' kull trimestru għall-ewwel darba wara l-għaqda bi qbil mar-rekwiżiti ta' rappurtar imnaqqsa li huma imposti fuq korrispon-denti tad-"denb" kif stabbilit fl-Anness II ma' dan ir-Regolament, ir-rekwiżit ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjonijiet ta' għaqda. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perjodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx l-għaqda. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss. L-istituzzjoni ta' akkwist għandha tassumi l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet ta' għaqda għal dejta li għandha x'taqsam mat-trimestru ta' qabel l-għaqda |

*ANNESS IV*

**LIVELLI MINIMI LI JRIDU JIĠU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI ATTWALI TA' RAPPURTAR**

L-aġenti ta' rappurtar għandhom iwettqu l-livelli minimi li ġejjin biex jissodisfaw ir-rekwiżiti statistiċi ta' rappurtar tal-BĊE.

1. Livelli minimi għat-trażmissjoni

   (a) ir-rappurtar lil-BĊNi għandu jkun f'waqtu u fit-termini taż-żmien stabbiliti mill-BĊN rilevanti;

   (b) ir-rapporti statistiċi jridu jieħdu l-forma u l-format mir-rekwiżiti tekniċi tar-rappurtar stabbiliti mill-BĊNi;

   (ċ) il-persuna(i) tal-kuntatt fl-aġent ta' rappurtar għandu(hom) jiġi(u) identifikat(i); u

   (d) iridu jiġu segwiti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni tad-dejta lill-BĊNi.

2. Livelli minimi għall-eżattezza

   (a) it-tagħrif statistiku jrid ikun korrett;

      — iridu jiġu mwettqa r-restrizzjonijiet kollha lineari (eż. l-attiv u l-passiv iridu jibbilanċjaw, is-subtotali jridu jaqblu mat-totali); u

      — id-dejta trid tkun konsistenti bejn il-frekwenzi kollha;

   (b) aġenti ta' rappurtar iridu jkunu jistgħu jipprovdu tagħrif dwar l-iżviluppi li jkunu sottointiżi fid-dejta pprovduta;

   (ċ) it-tagħrif statistiku jrid ikun komplet: lakuni eżisteni jridu jiġu rrikonoxxuti, spjegati lill-BĊNi u, fejn applikabbli, mimlija mill-aktar fis;

   (d) it-tagħrif statistiku ma jridx ikun fih lakuni kontinwi u strutturali;

   (e) l-agenti tar-rappurtar iridu jsegwu d-dimensjonijiet u d-deċimali stabbliti mill-BĊNi għat-trażmissjoni teknika tad-dejta; u

   (f) l-aġenti tar-rappurtar iridu jsegwu l-politika tat-tqarrib taċ-ċifri stabblita mill-BĊNi għat-trażmissjoni teknika tad-dejta.

3. Livelli minimi għal konformità konċettwali

   (a) It-tagħrif statistiku jrid jikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament;

   (b) fil-każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u klassifiċi, fejn ikun applikabbli, l-aġenti tar-rappurtar għandhom jimmonitorjaw fuq bażi regolari u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-miżura użata u l-miżura li tinsab f'dan ir-Regolament; u

   (ċ) l-aġenti tar-rappurtar iridu jkunu kapaċi jispjegaw interruzzjonijiet fid-dejta pprovduta pparagunati maċ-ċifri tal-perijodi ta' żmien ta' qabel.

4. Livelli minimi għal reviżjonijiet

Il-politika ta' reviżjonijiet u proċeduri stabbiliti mill-BĊE u l-BĊNi trid tiġi segwita. Reviżjonijiet li jiddevjaw mir-reviżjonijiet regolari għandhom jiġu akkompanjati b'noti ta' spjegazzjoni.

*ANNESS V*

**TABELLA TA’ KORRELAZZJONI**

| Regolament BĊE/2001/13 | Dan ir-regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2(1) | Artikolu 1 l-ewwel inċiż; Artikolu 2(1) |
| Artikolu 2(2) | Artikolu 8(1) |
| Artikolu 2(3) | Artikolu 8(1)(e) |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 3(1) |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 3(3) | Artikolu 3(3) |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 4(2) | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 4(3) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 4(4) | Artikolu 9(2) |
| Artikolu 4(5) | Artikolu 8(1)(b); Artikolu 8(1)(ċ) |
| Artikolu 4(6) | Artikolu 8(5)(a) |
| Artikolu 4(7) | Artikolu 8(5)(b) |
| Artikolu 4(8) | Artikolu 10 |
| Artikolu 5 | Artikolu 11 |
| Artikolu 6 | Artikolu 12 |
| Artikolu 7 | Artikolu - |
| Artikolu 8 | Artikolu 14 |
| Artikolu 9 | Artikolu 15 |
| Anness I, Parti 1, Introduzzjoni | Anness I, Introduzzjoni |
| Anness I, Parti 1, I, punt 1 | Artikolu 3(1) |
| Anness I, Parti 1, I, punt 2 | Artikolu 1 l-ewwel inċiż |
| Anness I, Parti 1, I, punt 3 | Artikolu 2(3) |
| Anness I, Parti 1, I, punt 4 | Anness 1, Parti 1, Taqsima 1, punt 1.1 |
| Anness I, Parti 1, I, punt 5 | Anness 1, Parti 1, Taqsima 1, punt 2.2 |
| Anness I, Parti 1, I, punt 6 | Artikolu 1 l-ewwel inċiż; Anness 1, Parti 1, Taqsima 2, punt 2.1 |
| Anness I, Parti 1, I, punt 7 | Anness 1, Parti 1, Taqsima 2, punt 2.2 |
| Anness I, Parti 1, I, punt 8 | Artikolu 1 l-ewwel inċiż |
| Anness I, Parti 1, I, punt 9 | Artikolu 8(3)(a) |
| Anness I, Parti 1, II | Artikolu 7 |
| Anness I, Parti 1, III, punt 1 | Premessa 2, premessa 10, Anness III, Parti 1, punt 1 |
| Anness I, Parti 1, III, punt 2 | Anness I, Introduzzjoni; Anness I, Parti 2 |
| Anness I, Parti 1, III, punt 3 | Anness I, Parti 2 |
| Anness I, Parti 1, III, (i), (a), punt 4 | Anness I, Parti 2, punt 1(a) |
| Anness I, Parti 1, III, (i), (a), punt 5 | Anness I, Parti 2, punt 2 |
| Anness I, Parti 1, III, (i), (b), punt 6 | Anness I, Parti 2, punt 1(b) |
| Anness I, Parti 1, III, (ii), punt 7 | Anness I, Parti 2, punt 4 |
| Anness I, Parti 1, III, (iii) punt 8 | Anness I, Parti 2, punt 5.1 |
| Anness I, Parti 1, III, (iii) punt 9 | Anness I, Parti 2, punt 5.1 |
| Anness I, Parti 1, III, (iv), punt 10 | Anness I, Parti 2, punt 3 |
| Anness I, Parti 1, III, (v), punt 11 | — |
| Anness I, Parti 1, III, (v), punt 12 | Premessa 8 |
| Anness I, Parti 1, III, punt 13 | Premessa 8 |
| Anness I, Parti 1, III, (vi), punt 13a | Anness I, Parti 2, punt 5.5 |
| Anness I, Parti 1, III, (vi), punt 13b | — |
| Anness I, Parti 1, III, (vi), punt 13ċ | Anness I, Parti 2, punt 5.5 |

| Regolament BĊE/2001/13 | Dan ir-regolament |
|---|---|
| Anness I, Parti 1, III, (vi), punt 13d | Anness I, Parti 2, punt 5.5 |
| Anness I, Parti 1, III, (vi), punt 13e | Artikolu 8(3)(b) |
| Anness I, Parti 1, III, (vi), punt 14 | Artikolu 6 |
| Anness I, Parti 1, III, (vi), punt 15 | Artikolu 7(2) |
| Anness I, Parti 1, III, (vi), punt 16 | Artikolu 7(4) |
| Anness I, Parti 1, IV, punt 1 | Anness I, Parti 3 |
| Anness I, Parti 1, IV, punt 2 | Anness I, Parti 3, punt 1 |
| Anness I, Parti 1, IV, (a), punt 3 | Anness I, Parti 3, punt 1 |
| Anness I, Parti 1, IV, (a), punt 4 | — |
| Anness I, Parti 1, IV, (b), punt 5 | Anness I, Parti 3, punt 2 |
| Anness I, Parti 1, IV, (ċ), punt 6 | Anness I, Parti 3, punt 4 |
| Anness I, Parti 1, IV, (ċ), punt 6a | Artikolu 8(6) |
| Anness I, Parti 1, IV, (d), punt 7 | Anness I, Parti 3, punt 5 |
| Anness I, Parti 1, IV, (d), punt 7a | Artikolu 8(6) |
| Anness I, Parti 1, IV, (e), punt 8 | Anness I, Parti 3, punt 3 |
| Anness I, Parti 1, IV, (e), punt 9 | Artikolu 6 |
| Anness I, Parti 1, IV, (e), punt 9a | — |
| Anness I, Parti 1, IV, punt 10 | Artikolu 7 |
| Anness I, Parti 1, V, punt 1 | Premessa 9 |
| Anness I, Parti 1, V, punt 2 | Premessa 9; Artikolu 4 |
| Anness I, Parti 1, V, punt 3 | Artikolu 4(1) |
| Anness I, Parti 1, V, punt 4 | Artikolu 4(2) |
| Anness I, Parti 1, V, punt 5 | Premessa 9 |
| Anness I, Parti 1, V, punt 6 | Anness I, Parti 5, punt 1 |
| Anness I, Parti 1, V, (i) punt 7 | Anness I, Parti 5, Tabella 1 A |
| Anness I, Parti 1, V, (ii), punt 8 | Anness I, Parti 5, Tabella 1 A |
| Anness I, Parti 1, V, (iii), punt 9 | Anness I, Parti 5, Tabella 1 A |
| Anness I, Parti 1, V, (iv), punt 10 | Artikolu 6 |
| Anness I, Parti 1, V, punt 11 | Anness I, Parti 4, punt 2 |
| Anness I, Parti 1, V, (i), punt 12 | Anness I, Parti 5, Tabella 1 A |
| Anness I, Parti 1, V, punt 13 | Anness I, Parti 5, Tabella 1 A |
| Anness I, Parti 1, V, (ii), punt 14 | Anness I, Parti 5, Tabella 1 A |
| Anness I, Parti 1, V, (iii), punt 15 | Anness I, Parti 5, Tabella 1 A |
| Anness I, Parti 1, V, punt 16 | Anness I, Parti 5, Tabella 1 A |
| Anness I, Parti 1, V, (iv), punt 17 | Artikolu 6 |
| Anness I, Parti 2, Tabella A | Anness I, Parti 8 |
| Anness I, Parti 2, Tabella 1 | Anness I, Parti 2 |
| Anness I, Parti 2, Tabella 1, nota 5 f'qiegħ il-paġna | Anness III, Parti 1, punt 3 |
| Anness I, Parti 2, Tabella 2 | Anness I, Parti 3 |
| Anness I, Parti 2, Tabella 3 | Anness I, Parti 3 |
| Anness I, Parti 2, Tabella 4 | Anness I, Parti 3 |
| Anness I, Parti 2, Tabella 1 A | Anness I, Parti 5 |
| Anness I, Parti 3, Definizzjonijiet ġenerali | Anness II, Parti 1 |
| Anness I, Parti 3, Definizzjonijiet tas-setturi | Anness II, Parti 3 |
| Anness I, Parti 3, Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti | Anness II, Parti 2 |
| Anness I, Parti 3, Tabella | Anness II, Parti 2 |
| Anness II, Parti 1, I, punt 1 | Artikolu 2(2);<br>Anness III, Parti 1, punt 3 |
| Anness II, Parti 1, II, punt 2 | Artikolu 2(2); Anness III, Parti 1, punt 4 |
| Anness II, Parti 1, III, punt 3 | Anness III, Parti 2, Taqsima 1, punt 1.1 |
| Anness II, Parti 1, III, punt 4 | Anness III, Parti 2, Taqsima 1, punt 1.2 |
| Anness II, Parti 1, IV, punt 5 | Anness III, Parti 1, punt 2 |
| Anness II, Parti 1, IV, punt 6 | Anness III, Parti 1, punt 2 |

| Regolament BĊE/2001/13 | Dan ir-regolament |
|---|---|
| Anness II, Parti 2, punt 7 | Anness III, Parti 1, Tabella, nota |
| Anness II, Parti 3, punt 8 | Anness III, Parti 2, Taqsima 2, punt 2.1 |
| Anness II, Parti 3, punt 9 | Anness III, Parti 2, Taqsima 2, punt 2.2 |
| Anness II, Parti 3, punt 10 | Anness III, Parti 2, Taqsima 2, punt 2.3 |
| Anness II, Parti 3, punt 11 | Anness III, Parti 2, Taqsima 2, punt 2.4 |
| Anness II, Parti 3, Tabella | Anness III, Parti 1, Tabella |
| Anness II, Tabella tal-Appendiċi | Anness II, Parti 2, Tabella |
| Anness III | Artikolu 8 |
| Anness IV | Anness IV |
| Anness V | Anness 13 |

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.